

Brussell, 1 ta' Lulju 2025
(OR. en)

10529/25
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0175(NLE)

ECOFIN 842
UEM 332
FIN 723
EIB
ECB

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	ANNESS tad-DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għall-Belġju

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż l-anness imsemmi hawn fuq tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni emendatorja tal-Kunsill.

L-ANNESS

SEZZJONI 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. DESKRIZZJONI TAR-RIFORMI U L-INVESTIMENTI

A. IL-KOMPONENT 1.1: RINNOVAZZJONI

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa ffukat fuq ir-rinnovazzjoni ta' bini privat u pubbliku. L-oġġettiv ewlieni tal-komponent huwa li jiġi rinnovat l-istokk tal-bini eżistenti u li jsir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi. Dawn jinkludu b'mod partikolari l-bini pubbliku, l-infrastruttura soċjali u l-akkomodazzjoni residenzjali, u b'mod aktar ġenerali l-bini bl-anqas prestazzjoni f'termini ta' effiċjenza enerġetika. Għalhekk, dan il-komponent jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, għaż-żieda fl-opportunitajiet ta' impjieg u għat-tkabbir fil-konstruzzjoni sostenibbli, kif ukoll ir-reżiljenza soċjali permezz tat-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.3, li tappella lill-Belġju biex jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq, *fost l-oħrajn*, it-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-enerġija.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-1.01: “Skema mtejba ta' sussidju għall-enerġija” tar-Reġjun Fjamming

Il-miżura hija magħmula minn tliet sottoriformi u tliet sottoinvestimenti li l-oġġettiv ġenerali tagħhom huwa li jipprovdu inċentivi ta' rinnovazzjoni aktar effiċjenti u li jaċċelleraw l-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika fil-Fjandri. L-ewwel sottoriforma għandha tikkonsisti minn (i) il-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz, mekkaniżmu reġjonali uniku li jippermetti l-għoti ta' sussidji għall-effiċjenza enerġetika residenzjali u privata u r-rinnovazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli implimentati mill-kuntratturi tal-bini minn Lulju 2022. Is-sottoriforma (ii) għandu jkun fiha r-reviżjoni tal-iskema tal-għotjiet għat-tikketta tal-enerġija biex tappoġġa r-rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija. Is-sottoriforma (iii) għandu jkun fiha r-reviżjoni tal-iskema ta' appoġġ għar-rinnovazzjoni għall-batteriji domestiċi u għall-apparati ta' kontroll intelliġenti għall-pompi tas-sħana, għall-bojlers elettriċi u għat-tisħin b'ħażna elettriċa. It-tliet sottoriformi għandhom jidħlu fis-seħħ sal-1 ta' April 2022. Ir-riforma għandha tkun akkumpanjata minn tliet sottoinvestimenti bħala parti mill-Investment 1A: (I) sussidji għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli kif ukoll sussidji minn gruppi fil-mira għall-akkomodazzjoni privata li jakkumpanjaw is-sottoriforma (i); (II) l-appoġġ permezz tal-iskema ta' għotjiet għat-tikketta tal-enerġija għar-rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija tal-akkomodazzjoni privata li jakkumpanja s-sottoriforma (ii); (III) għotjiet għall-batteriji tad-djar għall-akkomodazzjoni privata li jakkumpanjaw is-sottoriforma (iii).

Ir-riforma R-1.02: “Skema mtejba ta' sussidju għall-enerġija” tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Din ir-riforma tikkonsisti fir-riforma u l-fużjoni tal-bonusijiet tal-enerġija u l-primjums għar-rinnovazzjoni tad-djar f'mekkaniżmu reġjonali uniku għall-individwi mill-2022. Bis-saħħa tas-sistema unifikata, iċ-ċittadini għandu jkollhom stampa aktar ċara tal-ammont li huma intitolati għalih

għax-xogħol ta' rinnovazzjoni tagħhom u għandhom jaraw simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-kisba ta' appoġġ finanzjarju permezz ta' bonusijiet reġjonali. Portal web reġjonali wieħed biss għandu jinforma lill-applikanti dwar il-primjums disponibbli u għandu jkun hemm biss proċedura diġitali unika għaċ-ċittadini. Investiment ta' akkumpanjament bħala parti mill-Investment 1A jappoġġa r-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament li jirriforma l-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija għal rinnovazzjonijiet residenzjali u privati fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali għandu jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2022.

Ir-riforma R-1.03: “Skema mtejbja ta' sussidju għall-enerġija” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż

Il-miżura għandha tintroduċi sistema ġdida ta' primjums għall-enerġija fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż minn Lulju 2021. L-għan tal-proġett bonus huwa, b'mod partikolari, li jinħolqu incettivi għall-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ffrankar tal-enerġija u t-tnaqqis tal-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju għal bini residenzjali eżistenti fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż. Ir-riforma għandha l-għan li tiddistingwi bejn xogħlijiet żgħar, li jippermettu aċċess għal bonusijiet b'mod simplifikat, u xogħlijiet kbar, li għandhom jeħtieġu proċeduri amministrattivi aktar dettaljati. Ir-Regolament li jirriforma l-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija għal rinnovazzjonijiet residenzjali u privati fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż għandu jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Marzu 2022.

Investiment 1A fir- “Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata u soċjali” (I-1A)

L-oġġettiv tal-investment huwa li jstimula r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-akkomodazzjoni privata u soċjali. L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025. L-investment huwa magħmul mis-seba' submiżuri li ġejjin:

- Sottoinvestment (i) marbut mar-Riforma R-1.01 (i): sussidji għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli kif ukoll sussidji minn gruppi fil-mira għall-akkomodazzjoni privata
- Sottoinvestment (ii) marbut mar-Riforma R-101 (ii): Appoġġ permezz tal-iskema tat-tikketta tal-enerġija għar-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-akkomodazzjoni privata
- Sottoinvestment (iii) marbut mar-Riforma R-101 (iii): Appoġġ għal skema għall-għotja għall-batteriji tad-djar għall-akkomodazzjoni privata.
- Sottoinvestment marbut mar-Riforma R-1.02: “Skema mtejbja ta' sussidju għall-enerġija” tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali
- Investment I-1.01: “Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali” tar-Reġjun Fjamming
- Investment I-1.02: “Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali
- Investment I-1.03: “Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż

Investiment I-1.01: “Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali” tar-Reġjun Fjamming

L-oġġettiv tal-miżura huwa li tistimula u taċċellera r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-akkomodazzjoni soċjali billi żżid l-appoġġ mill-Fond Fjamming għall-Klima għall-kumpaniji tal-akkomodazzjoni soċjali u l-Fond Fjamming għall-Akkomodazzjoni. Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.

Investiment I-1.02: “Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali

Din il-miżura tikkontribwixxi għall-finanzjament tar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali fi Brussell. Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.

Investiment I-1.03: “Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż

Il-miżura tikkonsisti fl-appoġġ ta' programm pluriennali ta' rinnovazzjoni fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż. Il-miżura għandha tappoġġa l-parteċipazzjoni ta' ekwità tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż fil-kumpanija tal-akkomodazzjoni soċjali “Öffentliche Wohnungsbaugesellschaft Ostbelgien”, li għandha tippermetti li jitwettaq il-programm ta' investiment fl-akkomodazzjoni soċjali. Ir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.

Investiment 1B “Rinnovazzjoni tal-bini pubbliku” (I-1B)

L-oġġettiv tal-investiment huwa r-rinnovazzjoni u t-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-bini pubbliku. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026. L-investiment huwa magħmul mit-tmien submiżuri li ġejjin:

- Investiment I-1.04: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku” tal-Istat Federali
- Investiment I-1.05: “Rinnovazzjoni tal-bini pubbliku” tar-Reġjun Fjamming
- Investiment I-1.07: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — awtoritajiet lokali & ampsport” tar-Reġjun ta' Wallonia
- Investiment I-1.08: “Rinnovazzjoni tal-bini pubbliku” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali
- Investiment I-1.09: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — skejjel” tal-Komunità Franċiża
- Investiment I-1.10: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — sport & ampIPPJ” tal-Komunità Franċiża
- Investiment I-1.11: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — universitajiet” tal-Komunità Franċiża
- Investiment I-1.12: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — kultura” tal-Komunità Franċiża

Investiment I-1.04: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku” tal-Istat Federali

Il-miżura ta' investiment tikkonsisti fir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-bini tal-Borża ta' Brussell. Din ir-rinnovazzjoni tista' tiġi appoġġata wkoll minn fondi oħra tal-UE. Ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija appoġġati mill-RRF u identifikati fl-ordni tax-xiri għandhom inaqqsu bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment I-1.05: “Rinnovazzjoni tal-bini pubbliku” tar-Reġjun Fjamming

Il-miżura ta' investiment tikkonsisti f'żieda fl-investimenti fir-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini biex titthaffef ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku. L-appoġġ għandu jingħata permezz tal-Kumpanija tal-Enerġija Fjamminga (Vlaams Energiebedrijf) li taġixxi bħala l-korp ċentrali għall-akkwisti u l-fornitur tas-servizz għal servizzi pubbliċi oħra (b'mod partikolari l-amministrazzjoni ċentrali) fil-qasam tas-servizzi relatati mal-enerġija. Il-miżura tinvolvi (i) azzjonijiet ta' appoġġ dirett fil-forma ta' xogħlijiet effiċjenti fl-enerġija u (ii) azzjoni ta' appoġġ indiretta bħall-awditi tal-enerġija. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-1.07: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — awtoritajiet lokali & ampsport” tar-Reġjun ta' Wallonia

Il-miżura għandha l-għan li ttejjeb il-prestazzjoni enerġetika ta' (i) bini pubbliku tal-awtoritajiet lokali u ta' (ii) infrastruttura tal-isport fir-reġjun tal-Wallonja. L-appoġġ għandu jingħata permezz ta' sejħa għall-applikazzjonijiet miftuħa għall-awtoritajiet lokali u l-istrutturi sportivi eliġibbli. Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku tal-awtoritajiet lokali għandha tnaqqas il-konsum tal-enerġija

primarja b'medja ta' mill-inqas 30 %, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-1.08: “Rinnovazzjoni tal-bini pubbliku” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali

Il-miżura ta' investiment tikkonsisti f'żewġ partijiet. L-ewwel nett, l-iżvilupp ta' punt uniku ta' servizz (li għandu jiġi ġestit minn SIBELGA, l-operatur tan-network ta' distribuzzjoni tal-elettriku u tal-gass fir-Reġjun ta' Brussell, taħt obbligu ta' servizz pubbliku) biex jiffaċilita u jaċċellera r-rinnovazzjonijiet profondi tal-enerġija tal-bini pubbliku tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fi Brussell. L-ordinanza dwar l-elettriku li tiddefinixxi l-missjoni ta' servizz pubbliku ta' Sibelga, inkluż it-tħaddim tal-punt uniku ta' servizz għar-rinnovazzjonijiet pubbliċi fi Brussell għandha tidħol fis-seħħ sal-1 ta' Frar 2022. It-tieni, is-sussidji tal-enerġija għax-xogħlijiet pubbliċi magħżula ta' rinnovazzjoni. Il-miżura għandha tnaqqas il-konsum tal-enerġija primarja bħala medja b'mill-inqas 30 %, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-1.09: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — skejjel” tal-Komunità Franċiża

Il-miżura ta' investiment għandha (i) tappoġġa pjan ta' investiment fil-bini tal-iskejjel li jkun proprjetà tal-Komunità Franċiża u (ii) permezz ta' sejħa għal proġetti tagħti appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini tal-iskejjel f'networks edukattivi ssussidjati mill-Komunità Franċiża. Mill-inqas 85 % tal-kostruzzjoni ta' bini ġdid għandha tikseb Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB (bini b'użu ta' kważi żero enerġija, direttivi nazzjonali). L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-1.10: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — sport & ampIPPJ” tal-Komunità Franċiża

Din il-miżura ta' investiment tappoġġa (i) ir-rinnovazzjoni tal-infrastrutturi sportivi u (ii) ir-rinnovazzjoni tal-faċilitajiet iddedikati għaż-żgħażaġh (Institutions Publiques de la Jeunesse — IPPJ). Il-kostruzzjoni ta' bini ġdid għandha tikseb Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB (bini b'użu ta' kważi żero enerġija, direttivi nazzjonali). Ir-rinnovazzjoni tal-bini eżistenti għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-1.11: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — universitajiet” tal-Komunità Franċiża

Il-miżura ta' investiment tagħti appoġġ permezz ta' sejħa għal proġetti għar-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' bini ta' universitajiet issussidjati mill-Komunità Franċiża. Mill-inqas nofs ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, imkejla f'm², għandhom inaqqsu bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-1.12: “Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku — kultura” tal-Komunità Franċiża

Il-miżura ta' investiment timmira lejn ir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija ta' bini pubbliku kulturali fil-Komunità Franċiża. Il-miżura tikkonsisti f'żewġ partijiet: (I) ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' infrastruttura kulturali li tappartjeni għall-Komunità Franċiża u (ii) għotjiet għal proġetti ta' rinnovazzjoni tal-enerġija ta' infrastruttura kulturali li mhumieq proprjetà tal-Komunità Franċiża (bħal infrastruttura proprjetà tal-awtoritajiet lokali) mogħtija permezz ta' sejħa għal proġett. Mill-inqas nofs ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, imkejla f'm², għandhom inaqqsu l-konsum tal-enerġija primarja bħala medja b'mill-inqas 30 %, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
1	Skema mtejbata' għotjiet għall-enerġija fir-reġjun Fjamming (IR-1.01)	M	Skemi mtejbata' għotjiet għall-enerġija fil-Fjandri	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali	—	—	—	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2022	L-adozzjoni mill-Gvern/Parlament Fjamming ta' regolament ġdid biex jiġu pprovduti inċentivi aktar effiċjenti biex jiġu aċċellerati l-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika: (i) il-ħolqien ta' punt uniku ta' servizz għar-rinnovazzjonijiet residenzjali u privati relatati mal-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli, implimentati mill-kuntratturi tal-bini, f'mekkaniżmu reġjonali uniku, (ii) ir-reviżjoni tal-iskema tal-għotjiet tat-tikketti tal-enerġija u (iii) l-introduzzjoni tal-iskema għall-batteriji tad-djar u l-apparat ta' kontroll intelliġenti.
2	Skema mtejbata' għotjiet għall-enerġija tar-reġjun ta' Brussell-Kapitali (IR-1.02)	M	Dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid dwar skemi ta' għotjiet għall-enerġija fi Brussell	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tar-regolament il-ġdid	—	—	—	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2022	Id-dħul fis-seħħ tar-regolament għar-riforma tal-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija għar-rinnovazzjonijiet residenzjali u privati fir-Reġjun ta' Brussell Kapitali.
3	Skema mtejbata' għotjiet għall-enerġija tal-Komunità li	M	Dħul fis-seħħ ta' regolament ġdid dwar skemi ta'	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-	—	—	—	IT-TIENI TRIME	2022	Dħul fis-seħħ ta' regolament għar-riforma tal-iskemi ta' għotjiet għall-enerġija għal rinnovazzjonijiet residenzjali u privati fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż.

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
	titkellem bil- Ġermaniż (IR- 1.03)		għotjiet għall- enerġija fil- Komunità li titkellem bil- Ġermaniż.	seħħ tar- regolament il-ġdid				STRU TAL-1		
5	Rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni privata u soċjali (I-1A)	T	Rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni residenzjali u soċjali privata (STEP1)		Abitazzjon ijiet	0	64 112	IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2023	64 112 abitazzjoni residenzjali (akkomodazzjoni privata u soċjali) rinnovati. Din il-mira tinqasam b' mod indikattiv fis- sottomiri li ġejjin, li ma għandhomx għalfejn jintlaħqu individwalment dment li jintlaħqu l- livelli ta' rinnovazzjoni ta' hawn fuq: <u>Akkomodazzjoni privata:</u> (I) Ir-reġjun Fjamming (IR-1.01, sussidji għall- effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli): 50 870 abitazzjoni. (II) Ir-reġjun Fjamming (IR-1.01, skema ta' għotjiet għall-enerġija għar-rinnovazzjoni effiċjenti fl-enerġija): 7 560 abitazzjoni (III) Ir-reġjun ta' Brussell-Kapitali (IR-1.02): 2 343 abitazzjoni <u>L-akkomodazzjoni soċjali:</u> (I) Ir-reġjun Fjamming (I-1.01): 2 640 unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										(II) Reġjun Kapitali Reġjonali (I-1.02): 699 unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali Ir-rinnovazzjoni ta' 3 339 unità ta' akkomodazzjoni soċjali għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.
6	Rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni privata u soċjali (I-1A)	T	Rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni residenzjali u soċjali privata (pass 2)		Abitazzjonijiet	64 112	131 732	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	Ġew rinnovati 67 620 abitazzjoni residenzjali addizzjonali (akkomodazzjoni privata u soċjali). Din il-mira tinqasam b'mod indikattiv fis-sottomiri li ġejjin, li ma għandhomx għalfejn jintlaħqu individwalment dment li jintlaħqu l-livelli ta' rinnovazzjoni ta' hawn fuq: <u>Akkomodazzjoni privata:</u> (I) Ir-reġjun Fjamming (IR-1.01, sussidji għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli): 66 150 abitazzjoni. (II) Ir-reġjun ta' Brussell-Kapitali (IR-1.02): 1 002 abitazzjoni <u>L-akkomodazzjoni soċjali:</u> (I) Reġjun Kapitali Reġjonali (I-1.02): 429 unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										(II) Il-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż (I-1.03): 39 unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali Ir-rinnovazzjoni ta' 468 unità ta' akkomodazzjoni soċjali għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.
7	Rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni privata u soċjali (I-1A)	T	Rinnovazzjonijiet ta' akkomodazzjoni residenzjali u soċjali privata (pass 3)		Abitazzjonijiet	131 732	198 108	IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2025	Ġew rinnovati 66 376 abitazzjoni residenzjali addizzjonali (akkomodazzjoni privata u soċjali). Din il-mira tinqasam b'mod indikattiv fis-sottomiri li ġejjin, li ma għandhomx għalfejn jintlaħqu individwalment dment li jintlaħqu l-livelli ta' rinnovazzjoni ta' hawn fuq: <u>Akkomodazzjoni privata:</u> (I) Ir-reġjun Fjamming (IR-1.01, sussidji għall-effiċjenza enerġetika u l-enerġija rinnovabbli): 64 780 abitazzjoni. <u>L-akkomodazzjoni soċjali:</u> (I) Reġjun Kapitali Reġionali (I-1.02): 197 unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali (II) Il-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż (I-1.03): 29 unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										(III) Ir-reġjun Fjamming (I-1.01): 1 370 unitajiet ta' akkomodazzjoni soċjali. Ir-rinnovazzjoni ta' 1 596 unità ta' akkomodazzjoni soċjali għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.
9	Rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni privata u soċjali (IR-1.01 (iii))	T	Għoti ta' għotjiet għal batteriji tad-dar u apparati ta' kontroll intelliġenti fil-Fjandri		Għotjiet mogħtija	0	8 460	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	Għotjiet mogħtija għall-batteriji tad-djar għal akkomodazzjoni privata fil-Fjandri sa mill-ewwel trimestru tat-2 2021.
11	Rinnovazzjonijiet tal-bini pubbliki (I-1.08)	M	Adattament tal-ordinanza dwar l-elettriku biex jiġi introdott punt uniku ta' servizz għar-rinnovazzjonijiet	Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-ordinanza dwar l-elettriku				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2022	Dħul fis-seħħ tal-ordinanza dwar l-elettriku li tiddefinixxi l-missjoni ta' servizz pubbliku ta' Sibelga, inkluż it-tħaddim tal-punt uniku ta' servizz għar-rinnovazzjonijiet pubbliċi fi Brussell.

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
12	Rinnovazzjonijiet ta' bini pubbliku (I-1B)	T	Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku (pass 1)		m ²	0	10 800	IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2024	L-Istat Federali (I-1.04): 10 800 m ² ta' bini pubbliku rinnovat, inkluż 6 264 m ² li jnaqqsu medja ta' mill-inqas 30 % tal-konsum tal- enerġija primarja, kif definit fir- Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.
13	Rinnovazzjonijiet ta' bini pubbliku (I-1B)	T	Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku (pass 2)		m ²	10 800	256 690	IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2025	245 890 m ² addizzjonali ta' bini pubbliku rinnovat, inkluż 16 823 m ² li jnaqqsu medja ta' mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal- Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir- rinnovazzjoni tal-bini. Din il-mira tinqasam b'mod indikattiv fis- submiri li ġejjin, li ma għandhomx għalfajn jintlaħqu individwalment dment li jintlaħqu l- livelli totali ta' rinnovazzjoni ta' hawn fuq: (II) <u>Ir-reġjun Fjamming</u> (I-1.05): 157 245 m ² . (III) <u>Ir-reġjun tal-Vallonja</u> (I-1.07): 16 824 m ² . (IV) <u>Il-Komunità Franċiża</u> (I-1.09, I-1.10, I- 1.11, I-1.12): 71 821 m ² li minnhom 16 823 m ² għandhom inaqqsu bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.
14	Rinnovazzjonijiet ta' bini pubbliku (I-1B)	T	Rinnovazzjoni ta' bini pubbliku (pass 3)		m²	256 690	694 470	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	437 780 m² addizzjonali ta' bini pubbliku rinnovat, inkluż 163 006 m² li jnaqqsu medja ta' mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini, u l-kostruzzjoni ta' 126 212 m² ta' bini ġdid li jikseb Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB (bini b'użu ta' kważi żero enerġija). Din il-mira tinqasam b'mod indikattiv fis-submiri li ġejjin, li ma għandhomx għalfejn jintlaħqu individwalment dment li jintlaħqu l-livelli totali ta' rinnovazzjoni ta' hawn fuq: (I) <u>Ir-reġjun Fjamming</u> (I-1.05): 78 040 m². (II) <u>Ir-reġjun tal-Vallonja</u> (I-1.07): 170 282 m² li minnhom 102 984 m² għandhom inaqqsu l-konsum tal-enerġija primarja b'medja ta' mill-inqas 30 %, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. (III) <u>Ir-reġjun ta' Brussell-Kapitali</u> (I-1.08): 27 724 m² għandhom inaqqsu bħala medja

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. (IV) <u>Il-Komunità Franċiża</u> (I-1.09, I-1.10, I-1.11, I-1.12): 161 734 m² li minnhom 32 298 m² għandhom inaqqsu bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. Il-kostruzzjoni ta' 126 212 m² ta' bini ġdid għandha tikseb Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB (bini b'użu ta' kważi żero enerġija).

B. IL-KOMPONENT 1.2: TEKNOĠIJI TAL-ENERĠIJA EMERĠENTI

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jipprovdi impetu qawwi għall-iżviluppi teknoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija biex jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet^{tas-CO2}, b'enfasi fuq l-integrazzjoni tas-sistema u d-dekarbonizzazzjoni industrijali.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.3, li tappella lill-Belġju biex jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq, *fost l-oħrajn*, it-tranżizzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-enerġija, u r-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2020.3 biex jiġu antiċipati proġetti maturi ta' investment pubbliku.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-1.04: “Qafas regolatorju għas-suq H₂”

Ir-riforma tikkonsisti fil-passi meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru reviżjonijiet leġiżlattivi mmirati lejn l-istabbiliment ta' qafas regolatorju aktar dettaljat għall-funzjonament tas-suq H₂, li jkopri suġġetti bħas-superviżjoni, l-aċċess nondiskriminatorju għan-networks tat-trasport u l-istabbiliment ta' tariffi għall-aċċess għan-networks. Għat-trasport ta' H₂, id-dispożizzjonijiet legali l-ġodda adottati mill-gvern (i) għandhom jidħlu fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2024.

Ir-riforma R-1.05: “Qafas regolatorju għat-trasport tad-diossidu tal-karbonju (CO₂) permezz ta' pipelines fil-Fjandri” tar-Reġjun Fjamming

Ir-riforma tikkonsisti fil-passi meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru reviżjonijiet leġiżlattivi mmirati lejn l-istabbiliment ta' qafas regolatorju aktar dettaljat għat-trasport tas-CO₂ permezz ta' pipelines, li jkopri suġġetti bħas-superviżjoni, l-aċċess nondiskriminatorju għan-networks tat-trasport u l-istabbiliment ta' tariffi għall-aċċess għan-networks.

Ir-riforma R-1.06: “Qafas regolatorju għas-suq tas-CO₂ fil-Wallonia” tar-Reġjun ta' Wallonia

Ir-riforma tikkonsisti fil-passi meħtieġa biex ikunu jistgħu jsiru reviżjonijiet leġiżlattivi mmirati lejn l-istabbiliment ta' qafas regolatorju aktar dettaljat għall-funzjonament tas-swieq tas-CO₂, li jkopri suġġetti bħas-superviżjoni, l-aċċess nondiskriminatorju għan-networks tat-trasport u l-istabbiliment ta' tariffi għall-aċċess għan-networks. Id-dispożizzjonijiet legali l-ġodda adottati mill-gvern tar-Reġjun tal-Vallonja għandhom jidħlu fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2024.

It-tliet miżuri li ġejjin, fil-livell Federali, Fjamming u tal-Wallonia jiffukaw fuq “Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu”.

Investiment I-1.15: “Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu” tal-Istat Federali

Il-miżura federali għandha tippromwovi diversi proġetti ta' dimostrazzjoni relatati mal-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu taħt il-kompetenza tal-gvern federali. L-għan huwa li jiġu stimulati proġetti innovattivi b'potenzjal għoli li jaċċelleraw it-tranżizzjoni tal-enerġija, sabiex jilhqqu l-maturità u jespandu għall-użu kummerċjali. Il-proġetti għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għal proġetti, li għandha tkopri impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll l-użu tal-idroġenu, pereżempju f'bastimenti, sa fejn il-proġetti jaqgħu taħt il-kompetenza tal-gvern federali. Fir-rigward tal-impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, is-sejħa għandha tkun miftuħa għat-teknoloġiji kollha b'emissjonijiet zero tal-proċess, bħall-elettroliżi mħaddma bl-elettriku rinnovabbli jew bil-piroliżi tal-metan. Il-RRF għandha tappoġġa parti mill-kostijiet ta' dan

l-investment. Dan l-investment jista' jirċievi wkoll appoġġ minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni għall-kostijiet li mhumiex appoġġati mill-RRF.

Investiment I-1.16: “Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu” tar-Reġjun Fjamming

Din il-miżura għandha l-għan li tappoġġa t-tranżizzjoni lejn industrija tal-idroġenu sostenibbli fil-Fjandri permezz ta' investiment u finanzjament ta' proġetti. Fil-biċċa l-kbira, il-finanzjament għandu jappoġġa portafoll ta' proġetti li, bħall-proġett transfruntier usa' ppjanat tal-Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI)¹, li għandu jiffirma parti integrali minnu, għandu l-għan li jiżviluppa katina tal-valur industrijali lejn il-produzzjoni, it-trasport, il-ħżin u l-applikazzjonijiet relatati tal-idroġenu. Barra mill-portafoll tal-IPCEI, huma inklużi wkoll proġetti addizzjonali b'enfasi fuq l-idroġenu, l-aktar kemm fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp kif ukoll tal-proġetti ta' investiment.

Investiment I-1.17: “Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu” tar-Reġjun ta' Wallonia

Din il-miżura ta' Wallonia għandha l-għan li tnaqqas l-impronta tal-karbonju tas-setturi tal-industrija, tat-trasport u tal-bini permezz tal-finanzjament tal-proġetti u l-investment. Dan għandu jikkonsisti f'sensiela ta' sottoproġetti koerenti (l-aktar fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp u l-ewwel żvilupp industrijali) li jkopru l-katina tal-valur kollha tal-produzzjoni tal-idroġenu ekoloġiku, kif ukoll l-iżvilupp ta' diversi applikazzjonijiet tal-idroġenu bħala trasportatur tal-enerġija u l-adattament ta' apparati (bħall-magni), li jippermettu l-użu u l-valorizzazzjoni tal-idroġenu. Dan il-proġett għandu jkun parti² mill-proġett transfruntier ippjanat tal-IPCEI dwar l-idroġenu.

Investiment I-1.18: “L-iżvilupp tal-industrija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju” tar-Reġjun tal-Vallonja

Il-miżura ta' investiment għandha tippromwovi diversi proġetti mmirati lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' CO₂ li jirriżultaw mill-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet minn proċessi industrijali. Dan għandu jiġi implimentat permezz ta' sejħa għal proġett għal proġetti ta' sħubija R & Dbl-għan li t-teknoloġiji jinġiebu fil-livell ta' dimostrazzjoni (pre) industrijali jew verżjonijiet pilota fl-oqsma li ġejjin: l-elettrifikazzjoni tal-proċessi industrijali, il-produzzjoni tal-idroġenu permezz tal-elettroliżi, l-użu dirett tal-idroġenu fl-applikazzjonijiet industrijali, il-qbid u l-konċentrazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ u d-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni tal-ammonijaka.

¹ L-IPCEIs huma soġġetti għar-rekwiżit ta' notifika u l-obbligu ta' waqfien totali fl-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-għażla u l-ispeċifikitajiet tal-proġetti proposti jistgħu jeħtieġu aġġustamenti biex tiġi żgurata l-konformità mar-regoli applikabbli.

² Ara n-nota 1 f'qiegħ il-paġna.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
15	Qafas regolatorju għas-suq H2 (IR-1.04)	M	Dħul fis-seħħ tal-liġijiet ġodda jew modifikati u r-regolamenti relatati biex jippermettu l-iżvilupp tas-suq ta' H2	Pubblikazzjoni tal-liġijiet ġodda jew modifikati u r-regolamenti relatati (Ġurnal Uffiċjali)				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Dħul fis-seħħ tal-liġijiet il-ġodda jew modifikati biex: - jippermettu l-iżvilupp tas-suq ta' H2, - ikopru suġġetti bħas-superviżjoni, l-aċċess mhux diskriminatorju u t-tariffi.
15bis	Qafas regolatorju għat-trasport tad-diossidu tal-karbonju (CO2) permezz ta' pipelines fil-Fjandri (IR-1.05)	M	Dħul fis-seħħ tad-digriet i-ġodda jew modifikati u r-regolamenti relatati biex jippermettu t-trasport tad-diossidu tal-karbonju (CO2) permezz ta' pipelines fil-Fjandri	Pubblikazzjoni tad-digriet i-ġodda jew modifikati u r-regolamenti relatati (Ġurnal Uffiċjali)				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet legali fil-livell Fjamming biex: - jippermettu t-trasport tas-CO2 permezz ta' pipelines, - ikopru suġġetti bħas-superviżjoni, l-aċċess mhux diskriminatorju u t-tariffi.

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
15ter	Qafas regolatorju għas-suq tas-CO2 fil-Wallonia (IR-1.06)	M	Dħul fis-seħħ tad-digrieti l-ġodda jew modifikati u r-regolamenti relatati biex jippermettu l-iżvilupp tas-suq tas-CO2 fil-Wallonia	Pubblikazzjoni tad-digrieti l-ġodda jew modifikati u r-regolamenti relatati (Ġurnal Uffiċjali)				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2024	Dħul fis-seħħ tad-digrieti l-ġodda jew modifikati fil-livell ta' Wallonia biex: - jippermettu l-iżvilupp tas-suq tas-CO2, - ikopru suġġetti bħas-superviżjoni, l-aċċess mhux diskriminatorju u t-tariffi.
18	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu (I-1.15)	M	Għoti ta' kuntratti taħt is-sejħa għal proġetti	Notifika bil-miktub tal-għoti tal-kuntratti lill-kandidati magħżula				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2022	Notifika tal-għoti ta' kuntratti għal valur totali ta' mill-inqas EUR 27 000 000 lil kandidati li rnekkew taħt is-sejħa għal proġetti "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu (livell federali). Il-proġetti għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għal proġetti, li għandha tkopri impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni tal-idroġenu nadif kif ukoll l-użu tal-idroġenu, pereżempju f'bastimenti, sa fejn il-proġetti jaqgħu taħt il-kompetenza tal-gvern federali. Fir-rigward tal-impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni tal-idroġenu nadif, is-sejħa għandha tkun miftuħa għat-teknoloġiji kollha b'emissjonijiet żero tal-proċess, bħall-

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										elettroliżi mħaddma bl-elettriku rinnovabbli, il-piroliżi. Is-sejħa għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (R &I) għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin: — Ir-R &Itiffoka esklussivament jew primarjament fuq għażliet b'impatt baxx (bħal produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra b'emissjonijiet zero) jew — Ir-R &Ihija ddedikata għat-titjib tat-teknoloġija tal- "aħjar fil-klassi" (bħal teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt zero/baxx) fost daww disponibbli bħalissa), u jiġu stabbiliti miżuri ta' akkumpanjament xierqa biex jiġu evitati effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew — Ir-riżultati tal-proċess tar-R &Ihuma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) — Kwalunkwe elettriku użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħal pereżempju

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										bl-użu ta' RES-e) jew ibbażat fuq PPAs ekoloġiċi. Kwalunkwe ammont ipprovdut minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni ma għandux jingħadd ma' dan l-ammont.
19	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu (I-1.15)	M	Għoti ta' kuntratti taħt it-2 sejħa għal proġetti	Notifika bil-miktub tal-għoti tal-kuntratt lill-kandidati magħżula				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	L-għoti ta' kuntratti skont it-2^{sejħa} għal proġetti "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu (livell federali). Il-proġetti għandhom jintgħażlu permezz ta' sejħa għal proġetti, li għandha tkopri impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni tal-idroġenu nadif kif ukoll l-użu tal-idroġenu, pereżempju f'bastimenti, sa fejn il-proġetti jaqgħu taħt il-kompetenza tal-gvern federali. Fir-rigward tal-impjanti ta' dimostrazzjoni għall-produzzjoni tal-idroġenu nadif, is-sejħa għandha tkun miftuħa għat-teknoloġiji kollha b'emissjonijiet żero tal-proċess, bħall-elettroliżi mħaddma bl-elettriku rinnovabbli, il-piroliżi. Is-sejħa għal proġetti ta' riċerka u innovazzjoni (R & I) għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										— Ir-R & Itiffoka esklużivament jew primarjament fuq għażliet b'impatt baxx (bħall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra b'emissjonijiet zero); jew — Ir-R & Ihija ddedikata għat-titjib tat-teknoloġija tal- "aħjar fil-klassi" (bħat-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt zero/baxx) fost daww disponibbli bħalissa), u jiġu stabbiliti miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew — Ir-riżultati tal-proċess tar-R & Ihuma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) — Kwalunkwe elettriku użat fil-proġetti huwa ta' oriġini ekoloġika (bħall-użu ta' RES-e) jew ibbażat fuq PPAs ekoloġiċi.
20	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni	M	Proġetti ffinanzjati taħt is-sejħiet għal proġetti	Pagamenti għal proġetti mogħtija				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	Mill-inqas EUR 45 000 000 għandhom jitħallsu lil proġetti mogħtija skont is-sejħa għal proġetti "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu" (livell federali).

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tal-idroġenu (I-1.15)									Kwalunkwe ammont ipprovdut minn programmi jew strumenti oħra tal-Unjoni ma għandux jingħadd ma' dan l-ammont.
21	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu (I-1.16)	M	Għoti ta' kuntratti għal proġetti tal-IPCEI tal-idroġenu	Notifika bil-miktub tal-għoti tal-kuntratti lill-kandidati magħżula				IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2022	L-għoti ta' kuntratti lil proġetti tal-IPCEI tal-idroġenu (definiti bħala dawk il-proġetti li jiffurmaw is-suġġett tan-notifika dwar l-għajnuna mill-Istat tal-IPCEI) skont il-miżura "Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu" (Flanders). Huma esklużi mill-proġetti magħżula: l-attivitajiet kollha taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO2 proġettati li mhumiex sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas. Il-proġetti magħżula ta' riċerka u innovazzjoni (R & I) għandhom jikkonformaw mal-kundizzjonijiet li ġejjin: — Ir-R & Itiffoka esklużivament jew primarjament fuq għażliet b'impatt baxx (bħall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali oħra b'emissjonijiet zero); jew

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										— Ir-R & Ihija ddedikata għat-titjib tat-teknoloġija tal- “aħjar fil-klassi” (bħat-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost daww disponibbli bħalissa), u jiġu stabbiliti miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew — Ir-riżultati tal-proċess tar-R & Ihuma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom (jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit-teknoloġiji kollha disponibbli) — Kwalunkwe elettriku użat fil-proġetti huwa ta' orijini ekoloġika (bħall-użu ta' RES-e) jew ibbażat fuq PPAs ekoloġiċi.
22	Katina tal-valur industrijali għat-tranżizzjoni tal-idroġenu (I-1.16)	M	Għoti ta' kuntratti għal proġetti tal-idroġenu mhux IPCEI	Notifika bil-miktub tal-għoti tal-kuntratti lill-kandidati magħżula				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	L-għoti ta' kuntratti għal proġetti addizzjonali tal-idroġenu mhux IPCEI. Huma esklużi mill-proġetti magħżula: l-attivitajiet kollha taħt l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) b'emissjonijiet ekwivalenti ta' CO2 proġettati li mhumiex sostanzjalment aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas.

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.3 li tappella lill-Belġju biex “jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq it-trasport sostenibbli, inkluż it-titjib tal-infrastruttura ferrovjarja, it-tranżizzjoni b’livell baxx ta’ emissjonijiet tal-karbonju u tal-enerġija u r-riċerka u l-innovazzjoni, b’mod partikolari fid-diġitalizzazzjoni, filwaqt li jitqiesu d-disparitajiet reġjonali. Tindirizza l-isfidi dejjem jikbru tal-mobbiltà, billi ssaħħa l-inċentivi u tneħħi l-ostakli biex jiżdiedu l-provvista u d-domanda tat-trasport kollettiv u b’emissjonijiet baxxi.” u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2020.3 li tappella lill-Belġju biex “jiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b’mod partikolari fuq l-infrastruttura għat-trasport sostenibbli”.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f’dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta’ mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

H.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-3.01: “Infrabel tal-Prestazzjoni/NMBS-SBCN” tal-Istat Federali

Din ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni tal-kuntratti l-ġodda ta’ prestazzjoni tal-NMBS-SNCB u Infrabel u l-pjan ta’ investment pluriennali tagħha, li għandhom tal-anqas jiżguraw dan li ġej:

- L-eżekuzzjoni f’waqtha tal-investimenti ferrovjarji suburbani “Réseau suburbain bruxellois — Gewestelijk ExpressNet” (RER-GEN) sal-2031 f’konformità mal-Liġi li tadotta l-ftehim ta’ kooperazzjoni interreġjonali⁶ dwar l-investimenti ferrovjarji strateġiċi⁷.
- Inċentivi tajbin għall-effiċjenza u l-kwalità tas-servizz inkorporati fil-kuntratt.
- L-investimenti kompluti I-3.09 “Stazzjonijiet ferrovjarji aċċessibbli għaż-żoni u multimodali — FED”, I-3.10 “Ferroviji — network effiċjenti — FED” u I-3.12 “Ferrovija — Mobbiltà intelliġenti — FED”, inklużi f’dan il-komponent tal-RRP.

Il-kuntratt għandu jiġi konkluż sat-30 ta’ Ġunju 2023.

Ir-riforma R-3.02: “Baġit għall-mobbiltà” tal-Istat Federali

Din ir-riforma għandha l-għan li ssaħħa l-inċentivi biex tiżdied id-domanda għal modi ta’ trasport bejn id-dar u x-xogħol li jikkostitwixxu alternattiva sostenibbli għall-karozzi tal-kumpaniji (jiġifieri t-trasport kollettiv u r-rota), peress li l-adozzjoni tal-iskema attwali tal-baġit għall-mobbiltà baqgħet limitata ħafna. L-għan huwa li tiġi xprunata bidla modali lil hinn mill-karozzi. Ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni tal-liġi li tiddefinixxi baġit rivedut għall-mobbiltà. Il-Kapitolu fil-liġi li tirrevedi l-baġit għall-mobbiltà għandu jidħol fis-seħħ sal-1 ta’ Settembru 2021.

Investiment I-3B: “It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia”

⁶ Ara l-Anness Ia tal-assentiment portanti tal-Loi portant à l’accord de coopération du 5 octobre 2018 entre l’Etat fédéral, la Région flamande, la Région wallonne et la Région de Bruxelles-Capitale relatif au financement des infrastructures ferroviaires stratégiques/Wet houdende instemming issodisfat het samenwerkingsakkoord van 5 oktober 2018 tussen de Federale Staat, het Vlaamse Gewest, Het Waalusse Gewest — Monfatalment ta’ Brieg

⁷ Dan isegwi s-CSR 3 2018: “L-indirizzar tal-isfidi dejjem jikbru tal-mobbiltà, b’mod partikolari permezz ta’ investment f’infrastruttura tat-trasport ġdida jew eżistenti u t-tisħiħ tal-inċentivi għall-użu tat-trasport kollettiv u b’emissjonijiet baxxi”

L-oġġettivi tal-investiment huma li jissaħħa it-trasport pubbliku fil-Wallonia. Din il-miżura hija magħmula miż-żewġ submiżuri li ġejjin:

- Investiment I-3.07: “Estensjoni tal-metro” tar-Reġjun tal-Vallonia
- Investiment I-3.08: “Sinjali tat-toroq intelliġenti” tar-Reġjun ta’ Wallonia

Investiment I-3C: “Xogħlijiet ta’ rinnovazzjoni ferrovjarja u ta’ aċċessibbiltà għall-istazzjon”

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jiġu rinnovati l-linji ferrovjarji u li l-istazzjonijiet ferrovjarji jsiru aktar aċċessibbli. Din il-miżura hija magħmula miż-żewġ submiżuri li ġejjin:

- Investiment I-3.09: “Stazzjonijiet ferrovjarji aċċessibbli u multimodali” tal-Istat Federali
- Investiment I-3.10: “Ferrovija — network effiċjenti” tal-Istat Federali

Investiment I-3D: “Il-ftuħ tal-applikazzjoni tad-Data Miftuħa għal Mobbiltà Intelliġenti”

L-oġġettiv tal-investiment huwa li tiġi rilaxxata data miftuħa għal applikazzjoni għal Mobbiltà Intelliġenti. Din il-miżura hija magħmula miż-żewġ submiżuri li ġejjin:

- Investiment I-3.12: “Ferrovija — Mobbiltà intelliġenti” tal-Istat Federali
- Investiment I-3.13: “Mobilizzazzjoni tal-Mobilità bħala Servizz (MaaS)” tar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali

Investiment I-3E: “Mur Ħajja ta’ moduli tal-IT tal-ferroviji”

L-oġġettiv tal-investiment huwa li joperazzjonalizza l-moduli tal-IT li jtejbju l-ġestjoni tat-traffiku u l-ħruġ ta’ biljetti. Din il-miżura hija magħmula miż-żewġ submiżuri li ġejjin:

- Investiment I-3.10: “Ferrovija — network effiċjenti” tal-Istat Federali
- Investiment I-3.12: “Ferrovija — Mobbiltà intelliġenti” tal-Istat Federali

Investiment I-3H: “Għodod ta’ Mobbiltà Intelliġenti” tar-Reġjun Kapitali ta’ Brussell

L-oġġettiv tal-investiment huwa li jiffaċilita l-bidla lejn modi ta’ trasport aktar ekoloġiċi. Din il-miżura hija magħmula miż-żewġ submiżuri li ġejjin:

- Investiment I-3.15a: App ta’ Floya
- Investiment I-3.15b: Estensjoni tan-Netwerk tal-Kamera ANPR tar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali

Investiment I-3.07: “Estensjoni tal-metro” tar-Reġjun tal-Vallonia

Dan l-investiment jikkonsisti fir-rinnovazzjoni u l-estensjoni tan-network tal-metro ħafif ta’ Charleroi sal-Grand Hôpital de Charleroi (Viviers). Il-linja rinnovata u estiża għandha tkun twila 5.5 km. Iż-żieda fl-ispejjeż operattivi għall-kumpens tal-metroservizz estiż għandha tiġi inkluża fil-kuntratt pubbliku ta’ servizz rivedut tal- “Opérateur de Transport de Wallonie” mogħti mir-Reġjun tal-Vallonia. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment I-3.08: “Sinjali tat-toroq intelliġenti” tar-Reġjun ta’ Wallonia

Dawn l-investimenti jikkonsistu fl-installazzjoni ta’ dwal tat-traffiku intelliġenti biex tingħata prijorità liċ-ċirkolazzjoni tat-trasport pubbliku fil-Wallonia f’mill-inqas 400 salib it-toroq. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment I-3.09: “Stazzjonijiet ferrovjarji aċċessibbli u multimodali” tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fil-bini ta' mill-inqas 6 spazju għall-parkeġġ tar-roti fl-istazzjonijiet ferrovjarji⁸ u li jagħmlu mill-inqas 000 stazzjon, mill-25 stazzjon identifikati⁹, aċċessibbli, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-3.10: "Ferrovija — network effiċjenti" tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fit-titjib ta' mill-inqas 32 sezzjoni ferrovjarja fin-network ġenerali, l-immodernizzar ta' mill-inqas 18 infrastruttura ddedikata għat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija, it-tneħħija ta' mill-inqas ħames konġestjonijiet fl-infrastruttura li jfixxlu l-prestazzjoni tal-linja Brussell-Lussemburgu (Eurocap rail), it-tneħħija ta' mill-inqas erba' konġestjonijiet ferrovjarji fi Brussell u l-iżvilupp ta' modulu tal-IT għall-ġestjoni tat-traffiku. Xi wħud mill-proġetti jinkludu kostijiet li mhumex appoġġati mill-RRF iżda mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Dan fir-rigward ta' linji ferrovjarji L154 (xogħlijiet fuq il-binarji, xogħlijiet katenarji, it-tneħħija ta' tliet passaġġi invell u l-adattament ta' stazzjon għall-bdil), L24 (inkorporazzjoni ta' linji ferrovjarji fuq il-pont fuq il-Kanal ta' Albert, xogħlijiet ta' binarju u katenarji), L166 (tqegħid ta' binarji b'saborra inkorporata fuq żewġ brigi fuq ix-xmara Lesse u pont wieħed fuq it-triq nazzjonali, xogħlijiet ta' binarju u katenarji u t-tneħħija ta' żewġ passaġġi invelli) u s-sistema ta' ġestjoni tal-mini tal-istazzjon ferrovjarju Ċentrali ta' Antwerp (żvilupp ta' pjan ta' mitigazzjoni, l-installazzjoni tas-sistema lineari ta' detezzjoni tan-nar "fibrolaser" tas-sħana, ta' Sistema Awtomatizzata ta' Ġestjoni tas-Sikurezza, l-implimentazzjoni ta' kontroll superviżorju u sistema ta' viżwalizzazzjoni tal-kisba tad-data, u l-omologazzjoni tal-konformità mal-istandards SIL u TSI SRT). L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-3.11: "Canal Albert u Trilogiport" tar-Reġjun ta' Wallonia

Dan l-investiment jikkonsisti fl-estensjoni tal-pjattaforma multimodali tat-Trilogiport f'Liège, fiż-żieda tal-ġholi ta' tliet pontijiet (Lixhe, Haccourt u Hermalle-sous-Argenteau) il fuq mill-Kanal Albert-u l-installazzjoni ta' sinjalar komplementari f'pont wieħed (Lanaye) il fuq mill-Kanal Albert-biex jippermetti lill-barkuni jittrasportaw merkanzija sa 9.1 m għoli (4 saffi ta' merkanzija). L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Awwissu 2026.

Investiment I-3.12: "Ferrovija — Mobbiltà intelliġenti" tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' pjanifikatur tar-rotot tad-data miftuħa u tmien moduli tal-IT bi pjattaforma tal-biljetti interoperabbli ma' operatori tat-trasport reġjonali Belġjani oħra (STIB-MIVB, De Lijn, TEC). L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

Investiment I-3.13: "Mobilizzazzjoni tal-Mobilità bħala Servizz (MaaS)" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investiment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' Ċentru tad-Data ta' Brussell biex jippermetti l-ħżin, it-trattament, l-analiżi u l-iskambju rapidi tad-data dwar il-mobbiltà ġġenerata mill-fornituri tas-servizzi tal-mobbiltà u mill-aggregaturi tal-Mobilità bħala Servizz ("aggregaturi tal-MaaS"). Il-pjattaforma tad-Data ta' Brussell għandha tkopri mhux biss it-trasport pubbliku iżda wkoll iċ-ċikliżmu. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2025.

Investiment I-3.14: "Għotjiet għal bidla modali" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

⁸ Diest, Gent Dampoort, Herentals, Leuven, Mechelen-Nekkerspoel

⁹ Barvaux, Dinant, Fexche-le-haut-clocher, Marche-en-famenne, Zwijndrecht, Alken, Buggenhout, Eupen, Fleurus, Louvain-la-Neuve, Sint-Agatha-Berchem, Watermael, Ans, Antwerpen-Zuid, Blankenberge, Diest, Mechelen-Nekkerspoel, Visé, Huy, Luttre, Meiser, Sint-Job, Tubise, Verviers-Central, Waremmе, Kiewit, Sint-Truiden u Diepenbeek.

Dan l-investiment jikkonsisti fl-appoġġ ta' għotja ġdida ta' bidla modali riveduta, billi tiġi estiża għat-tipi ġodda kollha ta' modi sostenibbli ta' trasport (ċar-sharing, bike-sharing, scooters) biex jissaħħu l-inċentivi biex tiżdied id-domanda għal trasport kollettiv u b'emissjonijiet baxxi. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment I-3.15a: "Applikazzjoni Floya" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investiment jikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' applikazzjoni mobbli mingħajr ħlas ("FLOYA"). L-applikazzjoni tipprovdi lill-utenti b'informazzjoni kompluta u preċiża dwar il-modi ta' trasport disponibbli, inkluż il-kost rispettiv tagħhom. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment I-3.15b: "Estensjoni tan-Network tal-Kamera ANPR" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investiment jikkonsisti fl-espansjoni tan-network tal-kameras tar-Rikonoxximent Awtomatiku tal-Pjanċi (Automatic Number Plate Recognition, "ANPR") tar-Reġjun Kapitali ta' Brussell biż-żieda ta' 159 kameras. L-oġġettiv ta' dan l-investiment huwa li jsaħħaħ l-infurzar taż-Żona b'Emissjonijiet Baxxi (LEZ) u ż-Żoni ta' Aċċess Ristretti (ZAL), biex b'hekk titnaqqas il-konġestjoni tat-traffiku u tiġi ffaċilitata l-bidla lejn alternattivi tat-trasport aktar ekoloġiċi. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

H.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għa n	Ir-raba' trimestr u	Snin	
99	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	T	Bidu ta' xogħlijiet infrastrutturali kbar għax-xarabank (sinjali tat-toroq intelliġenti, u metro ħafif (Charleroi)		Proġetti	0	2	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	<u>Estensjoni tal-metro Charleroi — WAL (I-3.07)</u> - Għoti ta' permessi għall-bini <u>Sinjali tat-toroq intelliġenti — WAL (I-3.08)</u> - Għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi (in-notifika tal-għoti ta' kuntratt ġiet ippubblikata)
100	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	T	Operazzjonalizzazzjoni ta' dwal intelliġenti tat-traffiku fit-toroq		L-għadd ta' salib it-toroq b'dwal intelliġenti tat-traffiku fit-toroq fil-pjattaforma ċentralizzata	0	260	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2025	<u>Sinjali tat-toroq intelliġenti — WAL (I-3.08)</u> - Tagħmir ta' 260 salib it-toroq b'sinjali tat-toroq intelliġenti.
101	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	T	Tlestija ta' xogħlijiet u salib it-toroq b'dwal intelliġenti tat-traffiku fit-toroq		Km: L-għadd ta' salib it-toroq b'dwal intelliġenti tat-traffiku fit-toroq fil-	0 260	5.5 400	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	It-tlestija tax-xogħlijiet ta' infrastruttura addizzjonali tat-trasport pubbliku ta' 5.5 km għall-estensjoni tal-metro (Charleroi) u 400 salib it-toroq b'dwal tat-traffiku intelliġenti għax-xarabanks tat-trasport pubbliku huma operattivi fi pjattaforma

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
					pjattaforma ċentralizzata					ċentralizzata għas-sinjalizzazzjoni tat-toroq.
102	It-titjib tat-trasport pubbliku fil-Wallonia (I-3B)	M	L-iffirmar tal-kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut tal-OTW ("Opérateur de Transport de Wallonie")	Kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut ta' OTW ("Opérateur de Transport de Wallonie")				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	L-iffirmar tal-kuntratt ta' servizz pubbliku rivedut tal-OTW ("Opérateur de Transport de Wallonie") b'kampens impenjat għan-nefqa operazzjonali addizzjonali tal-metro ta' Charleroi.
103	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u ta' aċċessibbiltà għall-istazzjonijiet (I-3C)	T	Tlestija ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u modernizzazzjoni tal-ferroviji u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà għall-istazzjonijiet (pass 1)		Xogħlijiet kompluti	0	32	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2022	It-tlestija ta' 27 intervent biex tiġi aġġornata l-infrastruttura ferrovjarja (I-3.10) u biex 5 stazzjon isiru aċċessibbli (I-3.09) f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 dwar mill-inqas 4 kriterji: — pjattaformi għoljin (76 cm); — pjattaformi aċċessibbli permezz ta' rampi jew liftijiet; — sistema tattili ta' gwida tas-superfiċje ta' twissija; u għal — mill-inqas magna waħda tal-bejgħ tal-biljetti aċċessibbli għall-persuni b'mobbiltà mnaqqa. U żid 6000 spazju għall-parkeġġ tar-roti.

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
104	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u ta' aċċessibbiltà għall-istazzjonijiet (I-3C)	T	Tlestija ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u modernizzazzjoni tal-ferroviji u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà għall-istazzjonijiet (pass 2)		Xogħlijiet kompluti	32	62	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	It-tlestija ta' 50-il intervent biex tiġi aġġornata l-infrastruttura ferrovjarja (I-3.10), u biex 12 stazzjon isiru aċċessibbli (I-3.09) f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 dwar mill-inqas 4 kriterji: — pjattaformi għoljin (76 cm); — pjattaformi aċċessibbli permezz ta' rampi jew liftijiet; — sistema tattili ta' gwida tas-superfiċje ta' twissija; u għal — mill-inqas magna waħda tal-bejgħ tal-biljetti aċċessibbli għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.
105	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ferrovjarja u ta' aċċessibbiltà għall-istazzjonijiet (I-3C)	T	Tlestija ta' xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u modernizzazzjoni tal-ferroviji u xogħlijiet ta' aċċessibbiltà għall-istazzjonijiet (pass 3)		Xogħlijiet kompluti	62	84	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	It-tlestija ta' 59 intervent biex tiġi aġġornata l-infrastruttura ferrovjarja, u biex 25 stazzjon isiru aċċessibbli (I-3.09) f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 dwar mill-inqas 4 kriterji: — pjattaformi għoljin (76 cm); — pjattaformi aċċessibbli permezz ta' rampi jew liftijiet; — sistema tattili ta' gwida tas-superfiċje ta' twissija; u għal

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										— mill-inqas magna waħda tal-bejgħ tal-biljetti aċċessibbli għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa.
106	Canal Albert u Trilogiport (I-3.11)	M	Għoti ta' kuntratti għax-xogħlijiet tal-pontijiet fuq Canal Albert/u pjattaforma ġdida fi Trilogiport	Notifika bil-miktub ta' għotjiet ta' kuntratti				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	L-għoti tal-kuntratti kollha għax-xogħlijiet tal-pjattaforma multimodali l-ġdida tat-Trilogiport f'Liège u l-4 pont fuq il-Kanal Albert-(pontijiet Lanaye, Lixhe, Haccourt u Hermalle-sous-Argenteau).
107	Canal Albert u Trilogiport (I-3.11)	T	Tlestija tax-xogħlijiet tal-pontijiet fuq Canal Albert/u pjattaforma ġdida fi Trilogiport		Għadd ta' xogħlijiet	0	5	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	It-tlestija tax-xogħlijiet fil-pjattaforma multimodali tat-Trilogiport f'Liège (riċeviment tal- “procès-verbal de reception provisoire”) u tax-xogħlijiet biex jiżdied l-għoli ta' 3 pont fuq il-Kanal Albert-(Lixhe, Haccourt u l-pontijiet Hermalle-sous-Argenteau) u l-installazzjoni ta' sinjalar komplementari f'pont wieħed fuq l-Albert-Canal (Lanaye).
108	Il-ftuħ tal-applikazzjoni tad-Data Miftuħa għal Mobbiltà	T	Il-ftuħ tal-applikazzjoni ta' Data Miftuħa għal		Proġetti	0	3	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2025	Il-ftuħ tal-applikazzjoni tad-Data Miftuħa għal Mobbiltà Intelliġenti: — Ħruġ ta' biljetti SNCB (proġett 1), — Data dwar l-ippjanar u l-ħin reali tal-SNCB (proġett tal-1)

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	Intelliġenti (I-3D)		Mobbiltà Intelliġenti							— Servizzi ta' mobiltà ta' Brussell (proġett 1)
109	Mur Ħajja ta' moduli tal-IT ferrovjarji (I-3E)	T	Mur Ħajja ta' moduli tal-IT ferrovjarji		Moduli	0	10	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Go Live ta' moduli tal-IT ferrovjarji: — Sistema ta' ġestjoni tat-traffiku Infrabel (modulu 1) SNCB-NMBS routeplanning er (modulu 1) Komponenti ta' Ticketing SNCB-NMBS (8 moduli) li jippermettu operazzjonijiet u esperjenza aħjar tal-klijenti fil-ferroviji tal-merkanzija u tal-passiġġieri.
110	Mobiliteitsbudget (IR-3.02)	M	Adozzjoni tal-baġit għall-mobbiltà	Adozzjoni tal-baġit għall-mobbiltà	—	—	—	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2021	L-adozzjoni tal-baġit għall-mobbiltà.
111	Prestazzjoni ta' SNCB/INFRABEL (IR-3.01)	M	Approvazzjoni tal-kuntratti l-ġodda ta' prestazzjoni tal-NMBS-SNCB u Infrabel u l-pjan ta' investiment pluriennali, il-kuntratt	Approvazzjoni tal-kuntratti	—	—	—	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	Il-kuntratt ta' eżekuzzjoni l-ġdid għandu jinkludi dispożizzjonijiet li jiżguraw: — l-eżekuzzjoni f'waqtha tax-xogħlijiet għar-RER-GEN f'konformità mal-liġi li tadotta l-ftehim ta' kooperazzjoni interreġjonali dwar investimenti ferrovjarji strateġiċi (l-Anness Ia tal-assentiment tal-Loi portant à l'accord

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										de coopération du 5 octobre 2018 entre l'Etat fédéral, la Région flamande, la Région wallonne et la Région de Bruxelles-Capitale relatif au financement des infrastructure ferroviaires stratégiques/Wet houdende instemming met het samenwerkingsakkoord van 5 toekber 2018, Federtlenn — Inċentivi tajbin għall-effiċjenza u l-kwalità tas-servizz inkorporati fil-kuntratt — it-tlestija tal-investimenti I-3.09 “Stazzjonijiet ferrovjarji aċċessibbli għaż-żejt u multimodali — FED”, I-3.10 “Ferroviji — network effiċjenti — FED” u I-3.12 “Ferroviji — Mobbiltà intelliġenti — FED”, inklużi f’dan il-komponent tal-RRP
112	“Għodod ta’ Mobbiltà Intelliġenti” tar-Reġjun Kapitali ta’ Brussell (I-3H)	T	Qed jiġihaddmu għodod ta’ Mobbiltà Intelliġenti		Kameras	0	159	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	159 kameras tal-ANPR huma installati u qed jiġihaddmu (I-3.15b). Barra minn hekk, l-applikazzjoni FLOYA qiegħda topera (I-3.15a).

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
113	Għotjiet għal bidla modali (I-3.14)	T	4 676 għotjiet għal bidla modali ġodda mogħtija		Għadd	0	4 676	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	Ingħataw 4 676 għotja ġdida għal bidla modali.

I. IL-KOMPONENT 3.3: L-EKOLOĠIZZAZZJONI TAT-TRASPORT BIT-TRIQ

Il-miżuri proposti taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jappoġġaw it-trasport bit-triq b'emissjonijiet baxxi.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.3 biex il-politika ekonomika relatata mal-investment tiffoka fuq it-trasport sostenibbli, inkluż it-titjib tal-infrastruttura ferrovjarja, it-tranżizzjoni b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-enerġija [...] L-indirizzar tal-isfidi dejjem akbar tal-mobbiltà, billi jissaħħu l-inċentivi u jitneħħew l-ostakli biex jiżdiedu l-provvista u d-domanda tat-trasport kollettiv u b'emissjonijiet baxxi u r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2020.3 biex l-investment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq l-infrastruttura għat-trasport sostenibbli.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

I.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment I-3F: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar”

L-oġġettivi tal-investment huma li jiġu varati stazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriċi. Din il-miżura hija magħmula mill-erba' submiżuri li ġejjin:

- Ir-riforma R-3.04: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — WAL” tar-Reġjun ta' Wallonia
- Ir-riforma R-3.05: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — RBC” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali
- Investiment I-3.18: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — FED” tal-Istat Federali
- Investiment I-3.19: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — VLA” tar-Reġjun Fjamming

Investiment I-3G: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja”

- Investiment I-3.16: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — VLA” tar-Reġjun Fjamming
- Investiment I-3.17: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — RBC” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali
- Investiment I-3.20: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — WAL” tar-Reġjun tal-Vallonia

Ir-riforma R-3.03: “Karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero — FED” tal-Istat Federali

Din ir-riforma tikkonsisti fit-tneħħija gradwali tal-iskema eżistenti tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji għall-karozzi konvenzjonali u l-limitazzjoni tagħha mill-2026 għall-karozzi elettriċi. L-iskema riformata tat-tassazzjoni tal-karozzi tal-kumpaniji għandha tipprevedi: (1) l-ebda tnaqqis ta' karozzi konvenzjonali tal-kumpaniji akkwistati mill-2026 (2) tnaqqis progressiv tar-rata ta' deduċibbiltà tat-taxxa tal-karozzi konvenzjonali tal-kumpaniji, akkwistati bejn l-1 u l-31 ta' Diċembru 2025, biex jilħaq 0 % sal-2028, (3) tnaqqis progressiv tar-rata ta' deduċibbiltà tat-taxxa tal-karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero biex jilħaq mhux aktar minn 67.5 % sal-2031, u (4) tnaqqis fit-taxxa tal-fjuwil tal-petrol u tad-diżil għall-karozzi tal-kumpaniji ibridi, akkwistati bejn l-2023 u l-2025, imnaqqas għal 50 % sa Jannar 2023. Barra minn hekk, (5) għall-karozzi konvenzjonali akkwistati mill-1 ta' Lulju 2023, il-kontribuzzjoni tas-CO₂ għandha tiżdied b'rata ta' 2.25 mill-1 ta' Lulju 2023 u tiżdied progressivament fl-2025, fl-2026 għal fattur ta' 5.50 fl-2027. (6) għall-karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero, akkwistati mill-1 ta' Lulju 2023, il-kontribuzzjoni minima ta' solidarjeta' għandha tiżdied, mis-sena 2025, b'tali mod li, fit-tul, għall-karozza medja tal-kumpanija,

għandu jkun dovut l-istess ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali bħal dak li jkun il-każ fiż-żmien tal-adozzjoni tal-pjan. Ir-riforma, inklużi l-perjodi ta' tranżizzjoni u l-fażijiet ta' implimentazzjoni msemminja hawn fuq, għandha tiġi adottata sat-30 ta' Settembru 2021 u għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2023.

Ir-riforma R-3.04: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — WAL” tar-Reġjun ta' Wallonia

Din ir-riforma tikkonsisti fl-adozzjoni ta' qafas leġislativ u l-ġoti ta' konċessjonijiet għall-infrastruttura tal-iċċarġjar fir-Reġjun tal-Vallonia u l-installazzjoni tal-ekwivalenti ta' 4 punt tal-iċċarġjar pubbliku. Il-mira għall-ġadd ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi ekwivalenti (CPE) li għandhom jiġu installati għandha tqis il-mira indikattiva ta' CPE wiehied għal għaxar vetturi elettriċi. Il-pjan għall-varar ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku għandu jiġi adottat sat-30 ta' Settembru 2022 mill-Gvern ta' Wallonia.

Ir-riforma R-3.05: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — RBC” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali

Din il-miżura tikkonsisti fl-adozzjoni ta' qafas leġislativ u l-ġoti ta' konċessjonijiet għall-infrastruttura tal-iċċarġjar fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali sal-31 ta' Diċembru 2023 u l-konnessjoni ta' 180 stazzjon pubbliku ġdid tal-iċċarġjar mal-grilja elettrika. Dan il-pjan għandu jkun konformi mad-Direttiva 2014/94/UE dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi. Id-digriet li jispeċifika l-istandards ta' sigurtà li għandhom jiġu segwiti għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar lil hinn mit-trasport fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali għandu jiġi adottat sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2022 u jidħol fis-seħħ sal-31 ta' Lulju 2022. L-implimentazzjoni tal-miżura kollha kemm hi għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Ir-riforma R-3.06: “Stimulazzjoni tat-trasport b'emissjonijiet żero — VLA” tar-Reġjun Fjamming

Din il-miżura tikkonsisti fl-adozzjoni ta' qafas leġislativ biex jinċentiva l-użu ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi permezz ta' konċessjonijiet u punti semipubbliċi permezz ta' għotjiet fir-Reġjun Fjamming. Il-qafas leġislativ għandu jippermetti l-immappjar tal-punti tal-iċċarġjar futuri, iniedi l-offerti ta' konċessjoni għall-punti tal-iċċarġjar pubbliċi, jistimula l-użu ta' punti tal-iċċarġjar semipubbliċi fuq proprjetajiet privati, inaqqas il-piż amministrattiv biex jitqassar iż-żmien meħtieġ għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar u jistimula l-iċċarġjar intelliġenti tal-elettriku biex jibbilanċja l-provvista u d-domanda tal-elettriku. Il-qafas leġislativ għandu jidħol fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2022.

Ir-riforma R-3.07: It-tisħiħ tal-qafas Fjamming għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi

Din il-miżura għandha l-għan li ttejjeb il-qafas Fjamming għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi. Dan jikkonsisti minn i) l-adozzjoni ta' leġislazzjoni meħtieġa biex jiġu implimentati t-testijiet il-ġodda tal-counter tal-partikoli matul spezzjonijiet perjodiċi u mhux perjodiċi u ii) il-ħolqien ta' bażi tad-data li tintegra d-data tal-counter tal-partikoli tal-emissjonijiet minn osservazzjonijiet perjodiċi ta' spezzjoni; III) ir-reviżjoni tal-qafas legali dwar l-ispezzjonijiet fit-triq biex jiġu inklużi l-Vetturi Ħfief; u (iv) l-introduzzjoni ta' leġislazzjoni ġdida li tippermetti l-użu tad-data miġbura matul il-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi fit-triq.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment I-3.16: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — VLA” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment imwettaq għal “VVM-De Lijn”, l-operatur tat-trasport pubbliku reġjonali Fjamming, jikkonsisti minn:

- modifika retroattiva ta' mill-inqas 225 M3 karozzi tal-linja ibridi b'art baxxa f'karozzi tal-linja ibridi rikarikabbli,
- l-akkwist ta' mill-inqas 32 M3 xarabanks ibridi rikarikabbli b'art baxxa,
- l-akkwist ta' mill-inqas 54 M3 xarabanks elettriċi b'art baxxa,
- l-installazzjoni ta' mill-inqas 345 stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-karozzi tal-linja.

L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment I-3.17: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — RBC” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali

Dan l-investiment imwettaq għal “STIB-MIVB”, l-operatur tat-trasport pubbliku tar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali, jikkonsisti fl-akkwist ta’ 33 M3 xarabanks elettriċi artikulati b’sular baxx. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

Investiment I-3.18: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — FED” tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fl-appoġġ ta’ inċentiv fiskali għall-istazzjonijiet tal-iċċarġjar privati u semipubbliċi għall-karozzi elettriċi. L-inċentiv fiskali jippermetti t-tnaqqis tal-kostijiet tal-installazzjoni ta’ punt tal-iċċarġjar fid-dar u fiċ-ċentri kummerċjali, fis-supermarkets u fil-parkeġġ korporattiv. L-inċentiv tat-taxxa għandu jippermetti l-użu ta’ mill-inqas 36 punt tal-iċċarġjar privat. L-inċentiv fiskali għandu jidħol fis-seħħ sat-30 ta’ Settembru 2021. Huwa possibbli li fondi oħra tal-UE jikkontribwixxu wkoll għall-installazzjoni ta’ stazzjonijiet tal-iċċarġjar li jibbenefikaw minn dan l-inċentiv fiskali.

Investiment I-3.19: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — VLA” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti f’li 27 punt tal-iċċarġjar ġdid (pubbliċi u semipubbliċi) isiru aċċessibbli fir-Reġjun Fjamming kollu. Ir-reġjun Fjamming għandu jiżviluppa pjanijiet biex jottimizza l-użu ta’ punti tal-iċċarġjar li huma aċċessibbli 24 siegħa u jappoġġa l-iżvilupp ta’ faċilitajiet ta’ ħżin f’żoni ‘1 bogħod miż-żoni tal-iċċarġjar fl-awtostradi. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment I-3.20: “L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — WAL” tar-Reġjun tal-Vallonja

Dan l-investiment imwettaq għal “Le TEC-OTW”, l-operatur tat-trasport pubbliku tar-Reġjun tal-Vallonja, jikkonsisti fl-akkwist ta’ 14 xarabank elettrika artikulati, 18 xarabank elettrika bi-artikulati, stazzjonijiet tal-iċċarġjar bil-mod u veloċi, u fil-kostruzzjoni ta’ depot tal-karozzi tal-linja għall-flotta elettrika. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment I-3.21: “Infrastruttura tal-iċċarġjar għax-xarabanks” tar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali

Dan l-investiment jikkonsisti fl-installazzjoni ta’ infrastruttura tal-iċċarġjar għax-xarabanks elettriċi fir-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali. L-infrastruttura tal-iċċarġjar għandha tinkludi stazzjonijiet tal-iċċarġjar matul il-lejl u opportunitajiet bl-infrastruttura elettrika rispettiva f’maħżen wieħed tal-karozzi tal-linja, u stazzjonijiet tal-iċċarġjar tal-opportunità bl-infrastruttura elettrika rispettiva f’ħames terminals tal-linji tal-karozzi tal-linja. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

I.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
114	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja (I-3G)	T	Ordni formali għal karozzi tal-linja ekoloġiċi u infrastruttura tal-iċċarġjar relatata fil-Fjandri u Brussell		Ordnijiet	0	5	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — VLA - Ordni li saret għall-modifika retroattiva ta' karozzi tal-linja ibridi f'karozzi tal-linja ibridi elettroniċi permezz ta' emenda għall-kuntratt qafas eżistenti - Ordni mqiegħda għal karozzi tal-linja ibridi rikarikabbli fi ħdan il-kuntratt qafas eżistenti - Ordni mqiegħda għal karozzi tal-linja kompletament elettriċi - Ordni mqiegħda għall-installazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fl-imħażen tal-karozzi tal-linja elettriċi (kompletament) u tal-karozzi tal-linja ibridi rikarikabbli L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — RBC - Ordni mqiegħda għal 12 xarabanks elettriċi sħaħ artikulati
115	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi	T	Xarabanks ekoloġiċi mqiegħda fis-servizz u mħażen		Bl-idroġenu	0	363	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — VLA - 257 xarabanks ibridi rikarikabbli ġodda u mmodifikati b'mod retroattiv jitwasslu u jitqiegħdu fis-

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	tal-linja — (I-3G)		teknikament adattati fil- Fjandri, Brussell u Wallonia							servizz (il-karozzi tal-linja huma adattati biex jipprovdu servizzi fiż- żona fejn huma assenjati) - 54 xarabanks kompletament elettriċi jiġu kkonsenjati u jitqiegħdu fis- servizz (ix-xarabanks huma adattati biex jipprovdu servizzi fiż-żona fejn jiġu assenjati) - L-infrastruttura tal-iċċarġjar titqiegħed fis-servizz fl-imħażen tal- karozzi tal-linja fiż-żoni assenjati L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — RBC - Twassil ta' 33 xarabanks u testijiet elettriċi artikulati L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — WAL - Konsenja ta' 14 xarabanks elettriċi sħaħ artikulati - Konsenja ta' 5 xarabanks elettriċi sħaħ b'żewġ artikulati
115 b	L- ekoloġizzazz joni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — (I-3G)	T	Xarabanks ekoloġiċi mqiegħda fis- servizz u depot mibnija ġodda fil-Wallonia		Bl- idroġenu	363	376	IT-TIENI TRIMEST RU TAT-2	2026	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — WAL - Konsenja ta' 13 xarabanks elettriċi sħaħ b'żewġ artikulati - Installazzjoni ta' 32 stazzjon tal- iċċarġjar “bil-mod” u 2 stazzjon tal- iċċarġjar “veloċi” (wieħed fid-depot

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										tal-karozzi tal-linja, ieħor f'linja terminali) - Id-depot tal-karozzi tal-linja huwa operattiv.
116	Stimulazzjon i tat-trasport b'emissjonijiet żero — VLA (IR-3.06)	M	Adozzjoni ta' qafas għall-varar tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fir-Reġjun Fjamming	Adozzjoni tal-qafas				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2021	L-adozzjoni ta' qafas ta' politika għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar fir-Reġjun Fjamming. Il-qafas ta' politika għandu jippermetti li: — immappjar tal-punti tal-iċċarġjar futuri — tniedi l-offerti ta' konċessjoni għall-punti tal-iċċarġjar fid-dominju pubbliku — tistimula l-użu ta' punti tal-iċċarġjar (semipubbliċi) fid-dominju privat — tqassar iż-żmien għall-installazzjoni tal-punti tal-iċċarġjar billi tnaqqas il-piż amministrattiv — tistimula l-iċċarġjar intelliġenti tal-elettriku
117	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — VLA (I-3.19)	M	Għoti ta' konċessjonijiet għall-infrastruttura tal-iċċarġjar	Notifika bil-miktub tal-għoti tal-kuntratti lill-kandidati magħżula				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2022	L-għoti ta' konċessjonijiet għall-infrastruttura tal-iċċarġjar. Il-qafas għall-introduzzjoni tal-infrastruttura pubblika tal-iċċarġjar huwa żgurat permezz ta' konċessjonijiet mogħtija mill-gvern Fjamming, filwaqt li l-introduzzjoni titħalla barra f'idejn l-operaturi privati.

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
118	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — RBC (IR- 3.05)	M	Adozzjoni ta' digriet li jispeċifika l- istandards tas- sigurtà u ta' pjan ta' twassil tal- infrastruttura	Adozzjoni tad-digriet li jispeċifika l- istandards tas-sigurtà u ta' pjan ta' twassil tal- infrastruttura				IT-TIENI TRIMEST RU TAL-1	2022	L-adozzjoni ta' digriet li jispeċifika l-istandards ta' sigurtà li għandhom jiġu segwiti għall-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar off-street fir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, inkluż proporzjon minimu li għandu jiġi installat f'kull parkeġġ sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025. U l-adozzjoni ta' pjan ta' twassil tal-infrastruttura, li għandu jinkludi: — Distribuzzjoni ġeografika tal-punti tal-iċċarġjar pubbliċi li għandhom jiġu installati fi Brussell, li sussegwentement għandha tiġi aġġornata — Mira ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi li għandhom jiġu installati matul il-perjodu 2022–2024 — Pjan ta' installazzjoni għal ċarġers veloċi fil-belt — Pjan ta' installazzjoni għall-infrastruttura tal-iċċarġjar lil hinn mit-toroq, diskuss mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha (bħall-parkeġġi pubbliċi, is-settur tal-bejgħ bl-imnut, is-settur tad-djar, is-settur tal-bini tal-uffiċċji).

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Dan il-pjan għandu jkun konformi mad-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi.
119	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — WAL (IR-3.04)	M	Adozzjoni ta' pjan għall-varar ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku	Adozzjoni ta' pjan għall-varar ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar elettriku				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2022	L-adozzjoni ta' pjan għall-introduzzjoni tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar, li għandu jinkludi: — L-għadd ta' punti tal-iċċarġjar li għandhom jiġu installati sal-31 ta' Awwissu 2026 — Il-proċeduri għall-varar tal-infrastruttura — Il-bażi meħtieġa għat-tnedija tas-sejħiet għall-offerti — Il-mira għall-għadd ta' punti tal-iċċarġjar pubbliċi ekwivalenti (CPE) li għandhom jiġu installati sal-2026, li għandha tqis il-mira indikattiva ta' CPE wieħed għal għaxar vetturi elettriċi.
120	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — FED (I-3.18)	M	Adozzjoni tal-inċentiv fiskali biex jiġu installati punti tal-iċċarġjar privati u semipubbliċi	Adozzjoni tal-inċentiv fiskali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2021	L-adozzjoni tal-inċentiv fiskali biex jiġu installati punti tal-iċċarġjar privati u semipubbliċi.

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
121	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar RBC (IR- 3.05)	T	Stazzjonijiet pubbliċi ġodda tal-iċċarġjar konnessi mal- grilja elettrika		Stazzjoni jiet tal- iċċarġjar	0	180	IT-TIENI TRIMEST RU TAT-2	2023	Ir-reġjun ta' Brussell-Kapitali (relatat ma' R-3.05): 180 stazzjon ġdid tal-iċċarġjar konnessi mal-grilja elettrika. Kull stazzjon tal-iċċarġjar għandu żewġ punti tal-iċċarġjar.
122	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar (I-3F)	T	Punti tal- iċċarġjar pubbliċi u semipubbliċi aċċessibbli ġodda		Punti tal- iċċarġjar	0	27 000	IT-TIENI TRIMEST RU TAT-2	2025	Ir-reġjun Fjamming (relatat ma' I-3.19): 27 000 punti tal-iċċarġjar aċċessibbli ġodda
123	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar (I-3F)	T	Punti tal- iċċarġjar operazzjonali privati, semipubbliċi u pubbliċi addizzjonali (pass 3)		Punti tal- iċċarġjar (CPE)	27 000	68 219	IT-TIENI TRIMEST RU TAT-2	2026	REACH 68 219 ekwivalenti ta' punti tal-iċċarġjar (CPE) operazzjonali privati, semipubbliċi u pubbliċi ġodda. Din il-mira tinqasam b'mod indikattiv fis-submiri li ġejjin, li ma għandhomx għalfejn jintlaħqu individwalment dment li jintlaħaq l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar ta' hawn fuq: (I) Livell Federali (relatat ma' I-3.18): 36 511 punti tal-iċċarġjar (II) Ir-reġjun Fjamming (relatat ma' I-3.19): 27 000 punti tal-iċċarġjar (III) Ir-reġjun tal-Vallonja (relatat mal-R-3.04): 4 708 punti tal-iċċarġjar

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
124	It-tisħiħ tal-qafas Fjamming għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi (IR-3.07)	M	L-adozzjoni tal-oqfsa legali għal test ġdid tal-counter tal-partikoli matul l-ispezzjonijiet u għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi fit-triq.	Adozzjoni tal-oqfsa legali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2023	Adozzjoni ta': — Leġislazzjoni meħtieġa biex minn Lulju 2022 tinkludi t-testijiet il-ġodda tal-counter tal-partikoli fi spezzjonijiet perjodiċi u mhux perjodiċi; — Leġislazzjoni li tippermetti l-użu tad-data miġbura matul il-monitoraġġ tal-emissjonijiet fit-triq biex: jissorveljaw u jinfuraw il-konformità mar-rekwiżiti tekniċi tal-vetturi relatati mal-emissjonijiet; li jwettaq riċerka; u biex issejjaħ lis-sidien ta' vetturi problematiċi biex jissottomettuhom għal spezzjoni parzjali tal-vetturi
125	It-tisħiħ tal-qafas Fjamming għall-monitoraġġ tal-emissjonijiet tal-vetturi (IR-3.07)	M	Bażi tad-data tal-counter tal-partikoli u spezzjonijiet waqt it-traġitt tal-Vetturi Ħfief	Id-dħul fis-seħħ tal-bażi tad-data; Adozzjoni tal-qafas legali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-1	2026	Id-dħul fis-seħħ ta' bażi tad-data li tintegra d-data tal-counter tal-partikoli derivata minn osservazzjonijiet perjodiċi ta' spezzjoni. Adozzjoni tal-qafas legali għall-introduzzjoni ta' spezzjonijiet waqt it-traġitt ta' Vetturi Ħfief.

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
126	Karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero (IR-3.03)	M	Adozzjoni tal-liġi li tirriforma l-iskema tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji	Adozzjoni tal-abbozz ta' adattament tal-liġi li tirriforma l-iskema tat-taxxa fuq il-karozzi tal-kumpaniji				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2021	L-adozzjoni mill-parlament federali ta' skema riformata ta' tassazzjoni tal-karozzi tal-kumpaniji li fiha l-karozzi ġodda tal-kumpaniji jeħtieġ li jkollhom emissjonijiet żero mill-2026 il quddiem sabiex jibbenefikaw mill-iskema preferenzjali eżistenti. L-iskema riformata ta' tassazzjoni tal-karozzi tal-kumpaniji għandha tipprevedi (1) L-ebda tnaqqis ta' karozzi konvenzjonali tal-kumpaniji akkwistati mill-2026 (2) tnaqqis progressiv tar-rata ta' deduċibbiltà tat-taxxa tal-karozzi konvenzjonali tal-kumpaniji, akkwistati bejn l-1 ta' Lulju ²⁰²³ u l-31 ta' Diċembru 2025, biex jilħaq 0 % sal-2028, (3) tnaqqis progressiv tar-rata ta' deduċibbiltà tat-taxxa ta' karozzi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero biex jilħaq mhux aktar minn 67.5 % sal-2031, u (4) tnaqqis fit-taxxa tal-fjuwil tal-petrol u tad-diżil għall-karozzi tal-kumpaniji ibridi, miksub bejn l-2023 u l-2025, imnaqqas għal 50 % mill-1 ta' Jannar 2023. Barra minn hekk, (5) għall-karozzi konvenzjonali akkwistati mill-1 ta' Lulju 2023, il-kontribuzzjoni tas-CO2 għandha tiżdied

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										b'rata ta' 2.25 mill-1 ta' Lulju 2023 u tiżdied progressivament fl-2025, fl-2026 għal fattur ta' 5.50 fl-2027. (6) għall-karożżi tal-kumpaniji b'emissjonijiet żero, akkwistati mill-1 ta' Lulju 2023, il-kontribuzzjoni minima ta' solidarjetà għandha tiżdied, mis-sena 2025, b'tali mod li, fit-tul, għall-karożza medja tal-kumpanija, l-istess ammont ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għandu jkun dovut kif inhu l-każ fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-Pjan.
246	Infrastruttura tal-iċċarġjar għall-karożżi tal-linja — BCR (I-3.21)	T	Infrastruttura tal-iċċarġjar installata		Għadd	0	92	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Installazzjoni sħiħa ta' 76 stazzjon tal-iċċarġjar matul il-lejl u 16 opportunità (bl-infrastruttura elettrika rispettiva) f'maħżen wieħed tal-karożżi tal-linja u f'ħames terminals tal-linja.

J. IL-KOMPONENT 4.1: EDUKAZZJONI 2.0

Il-miżuri proposti taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jtejbu l-inklużività tas-sistemi edukattivi filwaqt li jsaħħu l-prestazzjoni tagħhom biex jiżguraw li l-kompetenzi mgħallma jaqblu aħjar ma' daww meħtieġa fis-suq tax-xogħol.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.2 biex jittejbu l-prestazzjoni u l-inklużività tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jiġu indirizzati l-ispariġġi fil-ħiliet.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

J.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-4.01: “Digisprong” tal-Komunità Fjamminga

Din ir-riforma tikkonsisti f'azzjonijiet relatati ma' erba' pilastri: (1) l-edukazzjoni tal-ICT, il-litteriżmu medjatiku u r-riformi tal-ħsieb komputazzjonali, (2) il-promozzjoni ta' politiki effettivi tal-iskejjel tal-ICT, billi jissaħħaħ ir-rwol tal-koordinaturi tal-ICT, (3) l-għalliema u l-ħarrieġa b'ħiliet diġitali għall-għalliema u (4) il-ħolqien ta' ċentru ta' għarfien u ta' konsulenza biex l-iskejjel jiġu appoġġati fid-diġitalizzazzjoni tal-forniment edukattiv tagħhom. Il-leġiżlazzjoni dwar il-qafas il-ġdid tal-ICT għall-edukazzjoni obbligatorja fil-Fjandri għandha tidħol fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2023.

Ir-riforma R-4.02: “Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni oġhla” tal-Komunità Fjamminga

Din ir-riforma għandha l-għan li twassal dokument ta' viżjoni dwar it-tliet oġettivi li ġejjin: (1) joħolqu offerta flessibbli u li tibqa' valida fil-futur fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja Fjammingi, (2) aktar żvilupp tat-tagħlim tul il-ħajja fl-edukazzjoni għolja u (3) li jsir l-aħjar użu mill-forom diġitali tal-edukazzjoni. B'mod konkret, nota ta' viżjoni għandha (i) tiddefinixxi profil ġdid għall-edukazzjoni għolja fil-Fjandri biex tiżgura li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkunu tal-oġhla livell ta' żvilupp tekniku u (ii) tiżviluppa viżjoni dwar it-tagħlim tul il-ħajja. Id-dokument ta' viżjoni għandu jiġi approvat mill-Ministru tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-gvern Fjamming sal-31 ta' Diċembru 2023.

Ir-riforma R-4.03: “Pjan ta' azzjoni globali kontra t-tluq bikri mill-iskola” tal-Komunità Franċiża

Din ir-riforma tikkonsisti f' strateġija komprensiva li tkopri tliet ferġat — il-prevenzjoni, l-intervent, il-kumpens — u l-iżvilupp b'mod koerenti u konkret, ibbażata fuq koordinazzjoni ġdida (rinfurzata) tal-partijiet ikkonċernati attivi f'oqsma differenti u ta' servizzi ta' appoġġ differenti. L-adozzjoni tar-riforma għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment I-4.01: “Digisprong” tal-Komunità Fjamminga

Dan l-investiment jikkonsisti fiż-żewġ elementi li ġejjin: (1) jipprovdu lill-iskejjel kollha b'apparat diġitali għal kull student u (2) jipprovdu lill-għalliema b'għodod ta' apprendiment u taħriġ effettivi biex itejbu l-ħiliet diġitali tagħhom. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment I-4.02: “Fond għall-avvanz fl-edukazzjoni oġhla” tal-Komunità Fjamminga

Dan l-investment jikkonsisti minn (1) il-ħolqien ta' offerta flessibbli u li tibqa' valida fil-futur fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja Fjammingi, (2) l-iżvilupp ulterjuri tat-tagħlim tul il-ħajja fl-edukazzjoni għolja u (3) l-appoġġ għall-implimentazzjoni sostenibbli ta' forum diġitali ġodda ta' edukazzjoni. L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023. Investiment I-4.03: "Gwida personalizzata fl-edukazzjoni obbligatorja" tal-Komunità Franċiża

Dan l-investment huwa żviluppat biex iwieġeb għall-problemi psikosoċjali, edukattivi u pedagoġiċi tal-istudenti fl-iskejjel primarji u sekondarji u biex jiġġieled it-tixrid tal-fenomeni tal-iżvantaġġ edukattiv u tat-tluq bikri mill-iskola, bħala riżultat tal-COVID-19. L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment I-4.04: "Strateġija diġitali għall-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti" tal-Komunità Franċiża

Dan l-investment jikkonsisti f' (1) li l-iskejjel u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jiġu mgħammra b'taġħmir diġitali, (2) li jiġu żviluppati l-ħiliet diġitali tal-istudenti u tal-għalliema bl-għajnuna ta' għodod u metodi ddedikati għall-ħiliet diġitali. L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-4.05: "Bidla diġitali għall-iskejjel ta' Brussell" tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Dan l-investment jikkonsisti minn (1) taġħmir diġitali għall-iskejjel b'livell għoli ta' studenti vulnerabbli u (2) it-tisħiħ tal-konnettività interna tal-iskejjel ta' Brussell. L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment I-4.06: "Trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni" tal-komunità li titkellem bil-Ġermaniż,

L-objettiv tal-investment huwa li l-għalliema u l-istudenti kollha tal-iskola sekondarja jiġu mgħammra b'laptops. It-tagħmir tal-għalliema jsir fuq bażi volontarja: daww l-għalliema biss li jkunu talbu laptop għandhom ikunu mgħammra b'laptop. L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-4: "Il-forniment ta' taġħmir diġitali u infrastruttura tal-IT lill-iskejjel"

L-objettiv tal-investment "il-forniment ta' taġħmir diġitali u infrastruttura tal-IT lill-iskejjel" huwa li jiżgura l-forniment tat-tagħmir diġitali u l-infrastruttura tal-IT meħtieġa lill-iskejjel.

L-investment huwa magħmul mis-submiżuri/azzjonijiet li ġejjin:

- Investiment I-4.01: "Digisprong" tal-Komunità Fjamminga
- Investiment I-4.04: "Strateġija diġitali għall-edukazzjoni għolja u t-tagħlim għall-adulti" tal-Komunità Franċiża
- Investiment I-4.06: "Trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni" tal-komunità li titkellem bil-Ġermaniż

J.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
127	Digisprong (IR-4.01)	M	Adozzjoni ta' qafas ġdid tal-ICT għall-educazzjoni obbligatorja fil-Fjandri	Adozzjoni ta' leġislazzjoni ġdida mill-Parlament Fjamming biex jittejjeb il-qafas tal-ICT				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	L-adozzjoni mill-Parlament Fjamming tal-leġislazzjoni l-ġdida biex jittejjeb il-qafas attwali tal-ICT fuq żewġ aspetti: ir-rwol tal-koordinaturi tal-ICT fl-iskejjel — u l-għanijiet minimi tal-ICT. Il-leġislazzjoni għandha tippermetti li (i) jissaħħaħ ir-rwol tal-koordinaturi tal-ICT fil-livelli kollha tal-educazzjoni u tiġi żgurata superviżjoni aħjar tal-politika tal-ICT fl-iskejjel permezz tal-emenda tad-digriet 31 u (ii) jiġu rratifikati l-għanijiet minimi ^{għat-2} u ^{t-3} stadju tal-educazzjoni sekondarja.
128	Fond għall-avvanz fl-educazzjoni għolja (IR-4.02)	M	Dokument ta' viżjoni għal educazzjoni għolja orjentata lejn il-futur, aġli u diġitali	Adozzjoni ta' nota ta' viżjoni mill-gvern Fjamming				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	Approvazzjoni mill-Ministru tal-educazzjoni u t-taħriġ ta' nota ta' viżjoni mill-gvern Fjamming li tistabbilixxi l-profil għall-educazzjoni għolja u t-tagħlim tul il-ħajja fil-Fjandri. It-test il-ġdid għandu l-għan li jistabbilixxi l-viżjoni biex jiġi żviluppat portafoll Fjamming tal-

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										edukazzjoni għolja li jibqa' validu fil-futur u aġli. Dan għandu jiġi elaborat f'konsultazzjoni ma' spettru wiesa' ta' partijiet ikkonċernati inklużi istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, il-qasam professjonali, u s-sħab soċjali. B'mod konkret, għandha (i) tiddefinixxi profil ġdid għall-edukazzjoni għolja fil-Fjandri biex tiżgura li l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja jkunu tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u (ii) tiżviluppa viżjoni dwar it-tagħlim tul il-ħajja.
129	Pjan ta' azzjoni globali kontra t-tluq bikri mill-iskola (IR-4.03)	M	Pjan komprensiv ġdid kontra t-tluq bikri mill-iskola	Adozzjoni mill-Komunità Franċiża ta' atti leġislattivi ġodda kontra t-tluq bikri mill-iskola				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Il-pjan ġenerali kontra t-tluq bikri mill-iskola jinkludi digriet rieżaminati li jindirizzaw 4 oqsma ewlenin: (1) "ċentri Psycho-Médicaux-Sociaux" (CPMS)": id-digriet għandu jirrevedi r-rwol tagħhom biex isaħħu l-enfasi tal-missjoni tagħhom fuq it-tluq bikri mill-iskola. (2) Esklużjoni tal-iskola: id-digriet għandu jillimita r-raġunijiet għall-

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										esklużjoni u jistabbilixxi bord tal-appell wieħed biex jiżgura t-trattament ugwali tal-istudenti. (3) Prevenzjoni u intervent: id-digriet għandu jsaħħaħ il-mekkaniżmi ta' appoġġ u prevenzjoni għall-istudenti li juru sinjali partikolari ta' tluq bikri mill-iskola potenzjali (bħal studenti bi 10-il nofs jum ta' assenza mhux ġustifikata). (4) Kumpens: id-digriet għandu jippromwovi mekkaniżmi ta' kumpens biex l-istudenti — speċjalment dawk li jkunu akkumulaw perjodu ta' assenza ta' diversi xhur — ikunu jistgħu jiġu inkarigati mit-3 ħaddiema tal-linja sabiex jipprovdu appoġġ tranżitorju ma' SAS jew fil-qafas ta' internship jew proġett taċ-ċittadini.
131	Il-forniment ta' tagħmir diġitali u infrastruttura tal-IT lill-iskejjel (I-4)	T	It-tagħmir tal-iskejjel/istituzzjoni jiet b'tagħmir u infrastruttura adegwati tal-ICT biex tittejjeb il-		Għadd ta' skejjel/Istituzzjonijiet li jirċievu fondi	0	3 828	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	3 828 skola u/jew istituzzjoni edukattiva fil-Belġju rċeww fondi biex itejbu l-infrastruttura tal-ICT, inklużi:

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi							— Il-Komunità Fjamminga (I-4.01): 3 785 skejjel tal-edukazzjoni obbligatorja — Komunità li titkellem bil-Ġermaniż (I-4.06): 43 skola tal-edukazzjoni obbligatorja.
133	Forniment ta' tagħmir diġitali u infrastruttura tal-IT lill-iskejjel "(I-4)	T	It-tagħmir tal-iskejjel/istituzzjonijiet b'tagħmir u infrastruttura adegwati tal-ICT biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi		Numru ta' skejjel/istituzzjonijiet li jirċievu fondi	3 828	3 905	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	3 905 skola u/jew istituzzjoni edukattiva fil-Belġju rċeview fondi biex itejbu l-infrastruttura tal-ICT, inklużi: Il-Komunità Franċiża (I-4.04), 40 % (77) tal-istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni dwar il-Promozzjoni Soċjali u l-Edukazzjoni Għolja.
134	Fond għall-Avvanz tal-Edukazzjoni Għolja (I-4.02)	T	It-titjib tal-offerta tal-Edukazzjoni Għolja fil-Fjandri biex issir aktar valida għall-futur u aġli		Għadd ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja li rċeview fondi	0	7	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	7 istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja bbenefikaw mill-Fond għall-Avvanz tal-Edukazzjoni Għolja. Permezz tal-Fond għall-Avvanz tal-Edukazzjoni Għolja, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, abbażi tal-analiżi tal-portafolli tat-taħriġ, għandhom ifasslu pjanijiet ta' azzjoni biex jaġġustaw u jnaqqsu l-offerti eżistenti u, fejn meħtieġ, joħolqu

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										oħrajn ġodda. Barra minn hekk, għandha tingħata attenzjoni lill-adattament tal-programmi, abbażi tar-rekwiżiti tas-suq tax-xogħol u tas-soċjetà. L-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja Fjammingi kollha għandhom ikunu eliġibbli biex jissuġġerixxu u jissottomettu proġetti taħt din is-sejħa għal proġetti. Madankollu, il-parteċipazzjoni f'din is-sejħa mhijiex obligatorja għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, u lanqas mhi qed tippreżenta pjan garanzija ta' aċċettazzjoni.
135	Gwida personalizzata fl-edukazzjoni obbligatorja (I-4.03)	M	Adozzjoni ta' qafas ta' digriet ġdid li jistabbilixxi t-termini ta' intervent tas-sistema	Adozzjoni mill-Parlament tal-Komunità Franċiża tal-qafas tad-digriet li jistabbilixxi t-termini ta' intervent tas-sistema				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-3	2021	L-adozzjoni mill-Parlament tal-Komunità Franċiża ta' qafas ta' digriet ġdid, li jirregola sistema tranżitorja li tinkludi dispożizzjonijiet relatati ma': (1) l-għoti ta' riżorsi lill-iskejjel b'rabta mal-istrategġija ta' rimedju għad-differenzjazzjoni u l-għieda kontra t-tluq bikri mill-iskola, (2) il-modifika tal-kuntratti PR-FPO/WBE fil-kuntest tal-kriżi u (3) il-

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										missjonijiet tas-CPMS fil-kuntest tal-kriżi.
136	Gwida personalizzata fl-edukazzjoni obbligatorja (I-4.03)	T	Skjerament ta' mekkaniżmu ta' appoġġ imsaħħaħ għall-istudenti fil-bżonn		Skejjel (u CPMS) li jibbenefika w minn appoġġ u kkwċjar	0	531	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	L-użu ta' riżorsi addizzjonali (bħal għalliema, edukaturi, persunal ta' appoġġ psikoloġiku) biex jappoġġaw 531 skola/CPMS abbażi tal-ħtiġijiet identifikati.
137	Bidla diġitali għall-iskejjel ta' Brussell (I-4.05)	T	It-tagħmir tal-iskejjel/istituzzjo nijiet b'tagħmir u infrastruttura adegwati tal-ICT biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-sistemi edukattivi		Apparati tal-ICT u hotspots tal-WIFI installati fl-iskejjel	900	2200	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	2200 apparat tal-ICT (bħal laptops, tablets, dashboards interattivi) u punti ta' aċċess tal-WIFI għandhom jiġu installati fl-iskejjel ta' Brussell. Id-distribuzzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-ħtiġijiet tal-iskejjel (b'enfasi fuq skejjel b'indiċi soċjoekonomiku aktar baxx)
138	Bidla diġitali għall-iskejjel ta' Brussell (I-4.05)	T	It-tagħmir tal-iskejjel/istituzzjo nijiet b'tagħmir u infrastruttura adegwati tal-ICT biex tittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tas-		Apparati tal-ICT u hotspots tal-WIFI installati fl-iskejjel sekondarji	2 200	3 500	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	3 500 apparat tal-ICT u hotspots tal-WIFI għandhom jitwasslu fl-iskejjel ta' Brussell.

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importan ti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għa n	Ir-raba' trimestr u	Snin	
			sistemi edukattivi							

K. IL-KOMPONENT 4.2: TAĦRIĠ U IMPJIEG TA' GRUPPI VULNERABBILI

Il-miżuri proposti taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jsaħħu l-integrazzjoni soċjali u fis-suq tax-xogħol ta' gruppi vulnerabbli, inklużi persuni bi sfond ta' migrazzjoni, nisa, persuni b'diżabilità, prigionieri u persuni f'riskju ta' esklużjoni diġitali. Diversi mill-miżuri għandhom l-għan li jrawmu l-inklużjoni diġitali u jtejbju l-aċċess għal servizzi essenzjali, bħall-gvern elettroniku, billi jikkombinaw il-forniment ta' tagħmir diġitali mat-taħriġ fil-ħiliet diġitali.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.2 dwar it-tisħiħ tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi vulnerabbli u għar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2020.2 dwar il-mitigazzjoni tal-impatt soċjali u fuq l-impjiegi tal-kriżi.

K.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-4.04: “L-indirizzar tad-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol” tal-Istat Federali

Ir-riforma għandha l-għan li tindirizza d-diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u tikkonsisti f' (1) it-titjib tal-qafas regolatorju tat-testijiet tad-diskriminazzjoni (2) il-pubblikazzjoni ta' liġi li tistabbilixxi dipartiment fi ħdan is-Servizz Pubbliku Federali għall-Impjiegi, ix-Xogħol u d-Djalogu Soċjali responsabbli għall-monitoraġġ tad-diversità u għall-istabbiliment ta' skedi informattivi settorjali relatati mal-istruttura tal-impjiegi ta' kull settur ta' attività u (3) taħriġ għas-servizzi ta' monitoraġġ tal-liġi soċjali tas-Servizz Pubbliku Federali għall-Impjiegi, ix-Xogħol u d-Djalogu Soċjali sabiex tittejjeb l-effettività tat-testijiet diskriminatorji. Il-qafas regolatorju adattat dwar it-testijiet ta' diskriminazzjoni għandu jidhul fis-seħħ sal-1 ta' Jannar 2024.

Ir-riforma R-4.05: “Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid” tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Ir-riforma għandha l-għan li tippromwovi l-integrazzjoni sostenibbli ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol u tikkonsisti fl-adozzjoni ta' żewġ testi regolatorji maħsuba biex: (1) l-introduzzjoni ta' valutazzjoni sistematika tal-ħiliet diġitali u lingwistiċi u/jew ta' perkors ta' żvilupp għal dawk li qed ifittxu impjeg fi Brussell u (2) l-introduzzjoni ta' skema ta' bonus speċifiku biex tappoġġa lill-impjegaturi fir-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjeg b'diżabilità. Barra minn hekk, ir-rata ta' ħruġ miftiehma b'mod komuni (*taux de sortie vers l'emploi*) għandha tiġi trasposta fil-kuntratti ta' ġestjoni 2023–2027 ta' Actiris, Bruxelles Formation u VDAB Brussel, li jistabbilixxu l-qafas għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha. L-atti regolatorji li jippromwovu l-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol għandhom jidħlu fis-seħħ sal-31 ta' Diċembru 2024.

Ir-riforma R-4.06: “Suq tax-xogħol inklużiv” tal-Komunità Fjamminga

Ir-riforma għandha l-għan li tintegra gruppi żvantaġġati fis-suq tax-xogħol u tikkonsisti minn (1) revizzjoni tal-leġiżlazzjoni biex titrawwem l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol u (2) addenda dwar in-nondiskriminazzjoni u l-inklużjoni, miżjuda mal-patti settorjali. L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment I-4.07: “Strateġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid” tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

L-investment għandu l-għan li jippromwovi l-integrazzjoni sostenibbli ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol u jikkonsisti minn (1) l-istabbiliment ta' valutazzjoni sistematika tal-ħiliet lingwistiċi u diġitali ta' dawk li qed ifittxu impjeg, (2) il-forniment ta' indukrar tat-tfal “ta' emerġenza” għall-ġenituri li ġew reklutati jew li jseguw taħriġ u (3) l-appoġġ għal proġetti ta' innovazzjoni soċjali. L-implimentazzjoni tal-investment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment I-4.08: “Inklużjoni elettronika għall-Belġju” tal-Istat Federali

L-investment għandu l-għan li jrawwem l-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' gruppi vulnerabbli fis-soċjetà billi jtejjeb il-ħiliet diġitali tagħhom. L-investment jikkonsisti f' sejħa għal proġetti biex

tiġi appoġġata l-inklużjoni diġitali ta' gruppi vulnerabbli. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li jew (1) iqajmu kuxjenza għall-gruppi fil-mira vulnerabbli biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ICT rilevanti sabiex itejbu s-sitwazzjoni personali tagħhom u jsaħħu l-integrazzjoni soċjali, (2) itejbu l-ħiliet diġitali tal-gruppi fil-mira vulnerabbli sabiex itejbu s-sitwazzjoni personali tagħhom u jsaħħu l-integrazzjoni soċjali, jew (3) itejbu l-ħiliet diġitali tal-indoktraturi ta' gruppi fil-mira vulnerabbli. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment I-4.09: "Pjattaformi diġitali għall-priġunieri" tal-Istat Federali

L-investiment għandu l-għan li jrawwem l-integrazzjoni soċjali u ekonomika tal-priġunieri fis-soċjetà permezz tas-servizzi diġitali. L-investiment jikkonsisti fl-iżvilupp ta' pjattaforma diġitali fil-ħabsijiet biex il-priġunieri jkunu jistgħu jsegu taħriġ, jaċċessaw is-servizzi tal-ħabsijiet u s-servizzi ta' riabilitazzjoni, kif ukoll ifittxu jew japplikaw għal impjieg. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment I-4.10: "Ġeneru u xogħol" tal-Istat Federali

L-investiment għandu l-għan li janalizza l-inugwaljanza bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol u jippromwovi l-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol. L-investiment jikkonsisti fit-tnedija ta' sejħa għal proġetti ffukati fuq l-integrazzjoni ta' nisa vulnerabbli fis-suq tax-xogħol. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment I-4.11: "Digibanks" tar-Reġjun Fjamming

L-investiment għandu l-għan li jippromwovi l-integrazzjoni soċjali u ekonomika ta' gruppi vulnerabbli billi jrawwem l-inklużjoni diġitali tagħhom fil-livell muniċipali. L-investiment jikkonsisti minn (1) l-iżgurar ta' aċċess ugwali għat-teknoloġija diġitali, (2) il-forniment ta' taħriġ u l-kondiviżjoni tal-għarfien biex jissaħħu l-ħiliet diġitali u (3) il-forniment ta' aċċess diġitali għal servizzi essenzjali. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2022.

K.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
139	Strategġija ta' kwalifikazzjoni mill-ġdid (IR-4.05)	M	Adozzjoni ta' testi regolatorji mill-Gvern ta' Brussell għall-promozzjoni tal-integrazzjoni ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol	Pubblikazzjoni ta' testi regolatorji fil-Ġurnal Uffiċjali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	L-adozzjoni mill-Gvern ta' Brussell ta' żewġ testi regolatorji mmirati lejn il-promozzjoni tal-integrazzjoni sostenibbli ta' gruppi vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari (1) l-introduzzjoni ta' valutazzjoni sistematika tal-ħiliet diġitali u lingwistiċi u/jew ta' perkors ta' żvilupp għal dawk li qed ifittxu impjieg fi Brussell u (2) l-introduzzjoni ta' skema ta' bonus speċifiku biex tappoġġa lill-impjegaturi fir-reklutaġġ ta' persuni li qed ifittxu impjieg b'diżabbiltà. Traspożizzjoni tar-rata ta' ħruġ miftiehna b'mod komuni (<i>taux de sortie vers l'emploi</i>) fil-kuntratti ta' ġestjoni 2023–2027 ta' Actiris, Bruxelles Formation u VDAB Brussel, li jistabbilixxu l-qafas għall-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha.
140	L-indirizzar tad-	M	Qafas regolatorju	Pubblikazzjoni tal-qafas				IT-TIENI TRIMESTRU	2023	(1) Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-qafas regolatorju adattat

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	diskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol (IR-4.04)		adattat u applikazzjoni mtejbja ta' testijiet diskriminatorji	regolatorju adattat fil-Ġurnal Uffiċjali				TRU TAL-4		dwar it-testijiet diskriminatorji (art.42/1 Kodiċi Kriminali Soċjali), (2) Pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' liġi li tistabbilixxi dipartiment fi ħdan l-FPS dwar l-Impjiegi, ix-Xogħol u d-Djalogu Soċjali responsabbli għall-monitoraġġ tad-diversità u għall-istabbiliment ta' skedi informattivi settorjali relatati mal-istruttura tal-impjiegi ta' kull settur ta' attività u (3) Taħriġ għas-servizzi ta' monitoraġġ tal-liġi soċjali tas-Servizz Pubbliku Federali għall-Impjiegi, ix-Xogħol u d-Djalogu Soċjali sabiex tittejjeb l-effettività tat-testijiet diskriminatorji.
141	Suq tax-xogħol inklużiv (IR-4.06)	T	Tlestija ta' azzjonijiet settorjali ta' nondiskriminazzjoni		Is-setturi	0	37	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2023	(1) Id-dħul fis-seħħ tad-digriet rivedut dwar l-integrazzjoni Fjamminga biex titrawwem l-integrazzjoni tal-migranti fis-suq tax-xogħol; (2) 37 settur professjonali jimplimentaw pjanijiet ta' azzjoni dwar in-nondiskriminazzjoni (ara Addenda nondiskriminazzjoni u inklużjoni 2021–2022). Il-Gvern

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Fjamming jevalwa l-implimentazzjoni ta' kull pjan ta' azzjoni settorjali.
143	Strategġija ta' kwalifikazzjon i mill-ġdid (I-4.07)	M	Għoti ta' għotjiet relatati ma' inizjattivi ta' innovazzjoni soċjali	Notifika bil-miktub tal-għoti tal-kuntratti lill-kandidati magħżula				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2023	L-għoti ta' għotjiet mis-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi għal inizjattivi ta' innovazzjoni soċjali.
144	Strategġija ta' kwalifikazzjon i mill-ġdid (I-4.07)	T	Profil ta' kompetenza u konsulenza dwar l-impjiegi		Persuni li qed ifittxu impjieg	0	6 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	6 000 persuna li qed tfitx impjieg fi Brussell ibbenefikaw minn profil ta' kompetenza u konsulenza sistematika dwar l-impjiegi, b'enfasi fuq il-ħiliet lingwistiċi u diġitali introdotti mis-Servizz Pubbliku tal-Impjiegi.
145	Strategġija ta' kwalifikazzjon i mill-ġdid (I-4.07)	T	Perkors ta' integrazzjoni sostenibbli għall-persuni b'diżabbiltà T		Persuni b'diżabbiltà	0	450	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	450 persuna b'diżabbiltà (persuni li qed ifittxu impjieg jew ħaddiema) segwew modulu ta' taħriġ tal-perkors ta' integrazzjoni sostenibbli.
146	Inklużjoni elettronika għall-Belġju (I-4.08)	T	Għoti ta' għotjiet		Għotjiet mogħtija	0	15	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	L-għoti ta' 15 għotja mill-korp kompetenti u l-PPS Integrazzjoni Soċjali lill-proġetti li jaqblu mal-kriterji tas-sejħa għal proġetti E-INKLUŻJONI GĦALL-BELĠJU. Il-proġetti għandu jkollhom l-għan li (1) iqajmu kuxjenza għall-gruppi fil-

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										mira vulnerabbli biex jiffamiljarizzaw ruħhom mal-ICT rilevanti sabiex itejbu s-sitwazzjoni personali tagħhom u jsaħħu l-integrazzjoni soċjali, (2) itejbu l-ħiliet diġitali tal-gruppi fil-mira vulnerabbli sabiex itejbu s-sitwazzjoni personali tagħhom u jsaħħu l-integrazzjoni soċjali, u (3) itejbu l-ħiliet diġitali tal-indoktrinati ta' gruppi fil-mira vulnerabbli.
147	Pjattaformi diġitali għall-ħabsin (I-4.09)	T	Tlestija tal-introduzzjoni		Ħabsijiet	0	32	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	It-tlestija tal-introduzzjoni ta' pjattaforma diġitali f' 32 ħabsijiet, li tippermetti lill-priġunieri: (1) isegwi taħriġ miċ-ċellola tiegħu/tagħha jew iwettaq l-eżerċizzji mitluba f' kors ta' taħriġ online jew wiċċ imb wiċċ; (2) jaċċessaw is-servizzi tal-ħabsijiet u s-servizzi ta' riabilitazzjoni; (3) ikollhom aċċess ristrett u sigur għall-internet biex ifittxu jew japplikaw għal impjieg, jaċċessaw xogħlijiet diġitali jew jiskambjaw informazzjoni mal-qraba u s-servizzi ta' appoġġ.

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
148	Il-ġeneru u x-xogħol (I-4.10)	T	L-iffirmar tal-ftehim ta' għotja		Għotjiet	0	18	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2024	L-iffirmar ta' 18 ftehimiet ta' għotja wara s-sejħa għal proġetti "Bread and Roses"
149	Digibanks (I-4.11)	T	Iffirmar ta' sħubijiet għall-promozzjoni tal-inklużjoni diġitali		Muniċipalitajiet	0	100	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	L-iffirmar ta' sħubija ta' Digibank minn 100 muniċipalità fil-Fjandri mad-Dipartiment tax-Xogħol u l-Ekonomija Soċjali tal-Fjandri bl-għan li (1) jiġi żgurat aċċess ugwali għat-teknoloġija diġitali; (2) it-tisħiħ tal-ħiliet diġitali permezz tat-taħriġ u l-kondiviżjoni tal-għarfien; (3) l-akkwist ta' aċċess diġitali għal servizzi essenzjali.

L. IL-KOMPONENT 4.3: L-INFRASTRUTTURA SOĊJALI

Il-miżuri taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza jsegwu żewġ objettivi:

- iż-żieda fil-provvista ta' akkomodazzjoni soċjali biex jiġu pprovduti gruppi vulnerabbli (persuni mingħajr dar, persuni b'diżabilità jew telf ta' awtonomija) kundizzjonijiet ta' akkomodazzjoni deċenti, bħala parti minn strateġija ta' deistituzzjonalizzazzjoni;
- it-titjib tal-kopertura fl-indukrar bikri tat-tfal, b'mod partikolari għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli fil-Wallonia, inklużi n-nisa u l-ġenituri waħedhom b'introjtu baxx.

Bħala tali, dan il-komponent għandu l-għan li jipprovdi lill-gruppi vulnerabbli b'infrastruttura biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u b'mod aktar wiesa' fis-soċjetà.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.2 dwar id-diżinċentivi għax-xogħol u t-tisħiħ tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' gruppi vulnerabbli u għar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2020.2 dwar il-mitigazzjoni tal-impatt soċjali u fuq l-impjiegi tal-kriżi.

L.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment I-4.12: “Żvilupp ta' akkomodazzjoni ta' utilità pubblika u akkomodazzjoni għal persuni vulnerabbli” tar-Reġjun ta' Wallonia

L-investiment jinkludi l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta' (i) akkomodazzjoni b'kera baxxa, ta' (ii) akkomodazzjoni inklużiva u bbażata fuq is-solidarjetà, kif ukoll ta' (iii) postijiet ta' akkomodazzjoni għal gruppi li ma tantx jgħixu fihom. Barra minn hekk, l-investiment jikkonsisti f' (iv) li d-djar ta' persuni vulnerabbli, jiġifieri persuni li għandhom aktar minn 65 sena u/jew persuni b'diżabilità, jiġu mġhamra b'kaxxi ta' assistenza mill-bogħod, sabiex idewmu jew jevitaw l-istituzzjonalizzazzjoni ta' dawn il-persuni b'awtonomija mnaqqsa jew biex inaqqsu t-tul tal-ammissjoni tagħhom fl-isptar. Qabel dan l-investiment, il-gvern tal-Vallonia għandu jadotta strateġija ta' deistituzzjonalizzazzjoni għall-kura fit-tul. L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-4.13: “Il-ħolqien u r-rinnovazzjoni ta' infrastruttura għall-kura tat-tfal bikrija” tar-Reġjun ta' Wallonia

L-investiment għandu l-għan li jtejjeb il-kopertura fil-kura bikrija tat-tfal. L-investiment jinkludi l-kostruzzjoni u r-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-postijiet għall-indukrar tat-tfal, u l-ftuħ ta' postijiet ġodda addizzjonali fil-faċilitajiet eżistenti tal-Uffiċċju tat-Twelid u tat-Tfal (“*Office de la naissance et de l'enfance*”). Postijiet ġodda għall-indukrar tat-tfal għandhom jinħolqu f'faċilitajiet għall-indukrar tat-tfal tal-livell 2 (faċilitajiet ta' sussidju ta' aċċessibbiltà, skont l-Artikolu 88 tad-Digriet tal-Gvern tal-Komunità Franċiża tat-2 ta' Mejju 2019). L-implimentazzjoni tal-investiment għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

L.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Da wk ta' war a n- b.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għa n	Ir-raba' trimestr u	Snin	
150	L-iżvilupp ta' akkomodazzjoni ta' utilità pubblika u akkomodazzjoni għal persuni vulnerabbli (I-4.12)	M	L-istrateġija ta' Wallonia għad-deistituzzjonalizzazzjoni (il-politika tas-saħħa tal-Wallonia)	Approvazzjoni mill-Gvern ta' Wallonia ta' strateġija ta' Wallonia għad-deistionalizzazzjoni				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2021	Approvazzjoni ta' strateġija tar-Reġjun tal-Vallonia dwar id-deistituzzjonalizzazzjoni fil-kuntest tal-Politika tas-Saħħa tal-Vallonia, b'mod partikolari għall-anzjani u l-persuni b'diżabilità: (1) l-ispeċifikazzjoni tal-kunċett ta' deistituzzjonalizzazzjoni, (2) l-istabbiliment ta' kriterji għall-istituzzjonalizzazzjoni u d-deistituzzjonalizzazzjoni, (3) il-forniment ta' valutazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva tad-deistituzzjonalizzazzjoni mibdija mill-istituzzjonijiet ospitanti u tal-akkomodazzjoni, (4) it-tfassil ta' sitwazzjoni attwali dwar il-forniment ta' servizzi (5) u t-tfassil ta' rakkomandazzjonijiet għall-operazzjonalizzazzjoni tal-istrateġija.
151	L-iżvilupp ta' akkomodazzjoni ta' utilità pubblika u akkomodazzjoni	T	Għoti ta' parti mix-xogħlijiet		Unitajiet domestiċi	0	280	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	L-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet mill-operaturi għall-280 ta' unitajiet ta' akkomodazzjoni b'kera baxxa.).

Da wk ta' war a n- b.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għa n	Ir-raba' trimestr u	Snin	
	ni għal persuni vulnerabbli (I- 4.12)									
152	L-iżvilupp ta' akkomodazzjo ni ta' utilità pubblika u akkomodazzjo ni għal persuni vulnerabbli (I- 4.12)	T	Installazzjoni ta' assistenza mill- bogħod għal persuni f'telf ta' awtonomija		Kaxxi ta' assistenza mill-bogħod installati	0	5 000	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2025	5 000 kaxxa ta' assistenza mill-bogħod installati fid-djar ta' persuni vulnerabbli, jiġifieri, persuni li għandhom aktar minn 65 sena u/jew persuni b'diżabilità.
153	L-iżvilupp ta' akkomodazzjo ni ta' utilità pubblika u akkomodazzjo ni għal persuni vulnerabbli (I- 4.12)	T	Unitajiet ta' akkomodazzjoni lesti biex jiġu okkupati		Għadd ta' unitajiet ta' akkomodaz zjoni ġodda jew rinnovati	0	1 212	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	1 212 unità ta' akkomodazzjoni ta' utilità pubblika (akkomodazzjoni b'kera baxxa, akkomodazzjoni inklużiva u bbażata fuq is-solidarjetà, kif ukoll postijiet ta' akkomodazzjoni għal gruppi li ma tantx jgħixu fihom) mibnija jew rinnovati fir-Reġjun tal- Vallonja huma lesti biex jiġu okkupati.
154	Il-bini u r- rinnovazzjoni tal- infrastruttura tal-kura tat-tfal bikrija (I-4.13)	T	Għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet għall- promoturi tal- proġetti		Postijiet għall- indukrar tat- tfal	0	255	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	L-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet minn operaturi (crèches) għal 15 % tal- postijiet ġodda għall-indukrar tat-tfal, jiġifieri 255.

Da wk ta' war a n- b.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għa n	Ir-raba' trimestr u	Snien	
155	Il-bini u r- rinnovazzjoni tal- infrastruttura tal-kura tat-tfal bikrija (I-4.13)	T	Ftuħ ta' postijiet għall-indukrar tat- tfal		Għadd ta' postijiet għall- indukrar tat- tfal maħluqa jew rinnovati	0	1 700	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2026	Inħolqu 1 700 post ġdid għall-indukrar tat-tfal bħala parti mill-indukrar bikri tat-tfal fil-Wallonia. Postijiet ġodda għall-indukrar tat-tfal jinkludu postijiet li jinħolqu bħala riżultat tal- kostruzzjoni ta' bini ġdid jew tar- rinnovazzjoni ta' bini eżistenti jew tal- ftuħ ta' postijiet ġodda addizzjonali f' faċilitajiet eżistenti tal-Uffiċċju ta' Tfal u ta' Bniet (" <i>Office de la naissance et de l'enfance</i> ").

M. IL-KOMPONENT 4.4: TMIEM IL-KARRIERA U L-PENSIJONIET

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jipprovdi rispons ta' politika għall-isfidi tas-sistema tal-pensjonijiet f'termini ta' adeguatezza soċjali u sostenibbiltà fiskali.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.1 biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet.

M.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-4.07: "Tmiem il-karriera u l-pensjonijiet" tal-Istat Federali

Din ir-riforma għandha l-għan li (1) tagħmel is-sistema tal-pensjonijiet valida għall-futur, (2) ittejjeb is-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tas-sigurtà soċjali u tal-finanzi pubbliċi, (3) iżżid ir-rwol ta' solidarjetà tas-sistema tal-pensjonijiet, (4) issaħħaħ il- "prinċipju tal-assigurazzjoni", (5) tintroduċi "test tal-ġeneru", (6) tiżgura l-konverġenza bejn u fi ħdan sistemi differenti tal-pensjonijiet, (7) ittejjeb l-effiċjenza tas-servizzi amministrattivi li jitrattaw il-pensjonijiet. Il-liġi għar-riforma tar-reġim tal-pensjonijiet għandha tiġi adottata sat-30 ta' Ġunju 2024 u tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025, bl-intendiment li tista' tipprevedi perjodi ta' tranżizzjoni raġonevoli għal ċerti dispożizzjonijiet.

Biex jinvolvi lill-partijiet interessati, il-gvern federali qed jippjana li jorganizza konferenza dwar l-impjiegi fl-2021, li għandha tiffoka fuq "tmiem il-karriera" u l-impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età. Abbażi tal-konklużjonijiet ta' din il-konferenza, għandu jitressaq pjan ta' azzjoni bi proposti għal miżuri konkreti lill-gvern federali.

M.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
156	Pensjoni u tmiem il-karriera (IR-4.07)	M	Pjan ta' azzjoni bbażat fuq ir-riżultati tal-konferenza dwar l-impjieg	Streaming dirett (u r-reġistrazzjoni tiegħu) tad-dibattiti tal-konferenzi dwar l-impjieg u l-pjan ta' azzjoni propost imqiegħed fuq l-aġenda tal-Kunsill Federali tal-Ministri				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2022	Streaming dirett (u r-reġistrazzjoni tiegħu) tad-dibattiti tal-konferenza dwar l-impjieg mill-amministrazzjoni (SPF ETCS). Pjan ta' azzjoni propost biex tiżdied ir-rata ta' impjieg tal-impjegati li joqorbu lejn tmiem il-karriera tagħhom, ibbażat fuq immappjar tal-miżuri federali rilevanti eżistenti, abbozzat mill-ministeru federali tax-xogħol, u l-kontribut mis-sħab soċjali, ir-reġjuni u partijiet ikkonċernati oħra qabel u matul il-konferenza jiġi abbozzat u jitqiegħed fuq l-aġenda tal-Kunsill tal-Ministri. L-objettiv ta' dan il-pjan ta' azzjoni huwa li jiġi tradott fi proposti regolatorji konkreti (leġiżlattivi jew amministrattivi) li għandhom jiġu adottati mill-awtoritajiet federali (jekk meħtieġ il-parlament federali).
157	Pensjoni u tmiem il-karriera (IR-4.07)	M	Proposta għal riforma tal-pensjonijiet	Proposta ta' riforma adottata mill-Kunsill tal-Ministri tal-gvern federali				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2021	Proposta adottata mill-Kunsill tal-Ministri tal-gvern federali għar-riforma tar-reġim tal-pensjonijiet, li għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: (I) Miżuri li jtejbu s-sostenibbiltà finanzjarja u soċjali tas-sistema tal-pensjonijiet;

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										(II) Miżuri li jinċentivaw lin-nies biex jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol wara li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-irtirar bikri; (III) Miżuri biex jiżdied ir-rwol ta' solidarjetà tiegħu biex tiġi żgurata pensjoni minima deċenti, ir-rwol tal-assigurazzjoni tagħha, il-bilanċ bejn il-ġeneri, filwaqt li jitqies l-objettiv ġenerali ta' titjib tas-sostenibbiltà finanzjarja u soċjali tar-reġim tal-pensjonijiet; (IV) Miżuri li jiżguraw il-konverġenza bejn u fi ħdan is-sistemi differenti.
158	Pensjoni u tmiem il-karriera (IR-4.07)	M	Adozzjoni tar-riforma tal-pensjonijiet	Adozzjoni mill-Parlament federali tal-liġi għar-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet				IT-TIENI TRIMESTRUTAT-2	2024	L-adozzjoni tal-liġi għar-riforma tar-reġim tal-pensjonijiet mill-Parlament federali. Il-liġi għandha tinkludi l-elementi li ġejjin: (I) Miżuri li jtejbu s-sostenibbiltà finanzjarja u soċjali tas-sistema tal-pensjonijiet; (II) Miżuri li jinċentivaw lin-nies biex jibqgħu attivi fis-suq tax-xogħol wara li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-irtirar bikri; (III) Miżuri biex jiżdied ir-rwol ta' solidarjetà tiegħu biex tiġi żgurata pensjoni minima deċenti, ir-rwol tal-assigurazzjoni

Seq. Nb.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										tagħha, il-bilanċ bejn il-ġeneri, filwaqt li jitqies l-objettiv ġenerali ta' titjib tas-sostenibbiltà finanzjarja u soċjali tar-reġim tal-pensjonijiet; (IV) Miżuri li jiżguraw il-konverġenza bejn u fi ħdan is-sistemi differenti.

N. KOMPONENT 5.1: IT-TAĦRIĠ U S-SUQ TAX-XOGĦOL

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa magħmul minn miżuri li għandhom l-għan li jżidu r-rata ta' impjieg filwaqt li jiżguraw suq tax-xogħol inklużiv. Il-miżuri jikkonsistu f'li l-forza tax-xogħol tiġi mgħammra b'ħiliet li jikkorrispondu għall-ħtiġijiet attwali u futuri tas-suq tax-xogħol, inklużi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u ż-żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol permezz ta' taħriġ, attivazzjoni u kkowċjar, iżda wkoll billi jiġu indirizzati n-nases tal-impjiegi u x-xogħol irendi.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.2 biex jitnaqqsu l-ispariġġi fil-ħiliet u għar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2020.2 biex jittaffa l-impatt soċjali u fuq l-impjiegi tal-kriżi.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

NRU 1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment I-5.01: “A6K/E6K Hub ta' Innovazzjoni u Taħriġ Diġitali u Teknoloġiċi” tar-Reġjun ta' Wallonia

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										Mill-inqas EUR 200 500 000 għandhom jitħallsu lil proġetti sabiex jappoġġaw is-sejħa għal proposti u l-għażla permezz ta' skemi ta' għotjiet.
188	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi (I-5.12)	M	Għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi mit-2 kumpanija intermuniċipali (SPI, IGRETEC) għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura għas-settur tal-ikel	Notifika bil-miktub tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet għall-kostruzzjoni ta' infrastruttura għas-settur tal-ikel				IT-TIENI TRIME STRU TAL-1	2024	L-għoti ta' kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi għall-kostruzzjoni ta' 2 ċentru loġistiku mit-2 korp intermuniċipali (SPI, IGRETEC), bi speċifikazzjonijiet li jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
189	Ir-rilokazzjoni tal-ikel u l-iżvilupp ta'	T	Appoġġ għal 30 proġett ta' rilokazzjoni tal-ikel, 4 setturi		Proġetti	0	39	IT-TIENI TRIME	2022	L-għoti ta' sussidji lil 30 infrastruttura fuq skala żgħira, 4 proġetti ta' strutturar akbar (wieħed għal kull settur: frott,

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
	pjattaformi loġistiċi (I- 5.12)		emerġenti u 5 biċċa infrastruttura					STRU TAL-4		ħaxix, ċereali, proteini veġetali) u mill-inqas 5 biċċa ta' infrastruttura.
190	Ir- rilokazzjoni tal-ikel u l- iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi (I- 5.12)	T	Tlestiet il- kostruzzjoni ta' żewġ ċentri loġistiċi		Diġitali	0	2	IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2025	Il-kostruzzjoni u t-tagħmir ta' żewġ ċentri loġistiċi, iddedikati għall-attivitajiet tal-bejjiegħa bl- ingrossa, l-ipproċessar tal-ikel ta' prodotti primarji u l- inkubatur tal-kooperattivi, għal superfiċje totali ta' 5 500 m ² ikkompletata. It-tagħmir taż- żewġ ċentri loġistiċi jinkludi l- installazzjoni ta' 1700 pannell solari, 15 punt tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi u ta' sistema ta' ħżin tal-enerġija ta' 200 kW.
191	Ir- rilokazzjoni tal-ikel u l- iżvilupp ta' pjattaformi loġistiċi (I- 5.12)	T	Il-kostruzzjoni ta' mill-inqas 5 biċċa ta' infrastruttura, 30 infrastruttura fuq skala żgħira u 4 proġetti ta' strutturar akbar, titlesta		L- infrastruttura	0	39	IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2026	Il-kostruzzjoni ta' mill-inqas 5 biċċa ta' infrastruttura (li minnhom tlestew sala tal-ħżin, mitħna, unità ta' trasformazzjoni tal-frott/ħaxix u sala tal-ħżin u suq tal-BtoB), 30 infrastruttura fuq skala żgħira u 4 proġett ta' strutturar akbar u jiġi eżegwit baġit ta' EUR 40 500 000.

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
192	Id-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-turiżmu tal-Vallonja (I-5.13)	T	Numru ta' utenti attivi tal- "outil regional de commercialisation"		Utenti attivi	0	685	IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2025	685 operatur tat-turiżmu huma utenti attivi tal- "outil régional de commercialisation". Utent attiv huwa definit bħala utent jew operatur tat-turiżmu li juża l- "Outil regional de commercialisation" (ORC) direttament bħala għodda ta' prenotazzjoni online jew għodda ta' cash register jew li l-għodda ta' prenotazzjoni online tiegħu hija direttament marbuta mal-ORC.
193	Riforma — Proċeduri aktar rapidi ta' permessi u ta' appell (IR-5.06)	M	Riforma tal-proċeduri tal-permess ambjentali u tal-appell	Pubblikazzjoni ta' rapport u deċiżjonijiet tal-gvern.				IT-TIENI TRIMESTRU TAL-4	2022	Pubblikazzjoni ta' rapport approvat minn Cabinet van Flemish Minister for Justice and Enforcement, Environment, Energy and Tourism (il-Ministru Fjamming għall-Ġustizzja u l-Infurzar, l-Ambjent, l-Enerġija u t-Turiżmu) li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn miżuri ġodda u rieżaminati biex jiġu ssimplifikati l-proċeduri amministrattivi relatati mal-proċeduri tal-permessi

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										ambjentali u d-deċiżjonijiet tal-gvern.
194	Riforma — Bażi tal- innovazzjoni fix-xandir (IR-5.07)	M	Riforma tar- regolament għall- appoġġ tal- innovazzjoni	Pubblikazzjoni ta' rapport u deċiżjonijiet tal- gvern relatati				IT- TIENI TRIME STRU TAL-4	2022	Pubblikazzjoni ta' rapport approvat mill-Ministru Fjamming tal-Ekonomija, l- Innovazzjoni, ix-Xogħol, l- Ekonomija Soċjali u l- Agrikoltura li jipprovdi ħarsa ġenerali lejn miżuri ġodda u rieżaminati biex jittejjeb l-aċċess għall-SMEs għal miżuri għall- appoġġ għall-innovazzjoni, u d- deċiżjonijiet tal-gvern relatati.
247	Mediċina nukleari — l- approċċ teranostiku (I-5.08bis)	M	L-iżvilupp tar-R &Dtlesti	Tlestew żewġ proġetti ta' R &D@@				IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2026	Għas-subproġett “Teknoloġija fil-mira innovattiva għall- produzzjoni tal-isotopi ċiklotron” l-attività R &Dhija konkluża. Disinn ġdid huwa lest u jippermetti li jsiru miri ta' prototipi u li dawn jiġu rradjati għall-validazzjoni tal-proċess fi proġett ġdid. Għas-subproġett “Ottimizzazzjoni tal-proċess ta' produzzjoni bbażat fuq il-LEU”

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/ Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										L-attività ta' R & Dhija konklużi. L-opportunitajiet għal titjib ġew evalwati u/jew ittestjati u għandhom jiġu elenkati l-aktar rilevanti. L-attivitajiet ta' R & Dgħaž-żewġ sottoproġetti huma konklużi u EUR 5 967 000 huma eżegwiti.
248	SMELD — Fed (I-5.18)	M	Studju preparatorju dwar ir-rekwiżiti għall-istabbiliment tal-forn tat-tidwib	Pubblikazzjoni tal-istudju ta' tħejjija				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	L-istudju preparatorju dwar ir-rekwiżiti għall-istabbiliment tal-forn tat-tidwib ġie konkluż u jiġi ppubblikat rapport.
249	SMELD-Fed (I-5.18)	M	Jiġi stabbilit forn tat-tidwib fuq skala industrijali	Forn tat-tidwib fuq skala industrijali li jopera f'modalità mhux radjuattiva				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Il-forn tat-tidwib fuq skala industrijali huwa stabbilit u kompletament operattiv f'modalità mhux radjuattiva.

P. IL-KOMPONENT 5.3: L-EKONOMIJA ĊIRKOLARI,

Il-miżuri taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan b'mod ġenerali li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' ekonomija ċirkolari u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. B'mod partikolari, huma jfittxu li jiżviluppaw ir-riċiklaġġ, l-użu mill-ġdid u s-simbjożi industrijali. Minbarra l-promozzjoni ta' ċerti prattiki, l-għan huwa li tiġi appoġġata l-innovazzjoni fl-ipproċessar tal-iskart u tar-riżorsi u li jiġi żviluppat it-taħriġ f'ċerti oqsma tal-ekonomija ċirkolari.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.3, li tistieden lill-Belġju jiffoka l-politika ekonomika relatata mal-investment fuq, *fost l-oħrajn*, it-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-enerġija, u r-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll ir-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2020.3 li tistieden lill-Belġju jiffoka l-investment fuq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari fuq il-produzzjoni nadifa u effiċjenti, l-ekonomija ċirkolari u r-riċerka u l-innovazzjoni.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

P.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-5.08: “Strateġija Reġjonali ta' Brussell għat-Tranżizzjoni Ekonomika” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali

L-għan ta' din ir-riforma huwa li titfassal strateġija reġjonali għat-tranżizzjoni ekonomika billi jiġu mobilizzati l-istrumenti kollha tal-politika ekonomika reġjonali, jinkisbu koordinazzjoni u kooperazzjoni aħjar bejn l-atturi pubbliċi, kif ukoll il-parteċipazzjoni attiva tas-settur privat. L-oġettivi operattivi tagħha għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultati ta' 10 grupp ta' ħidma.

L-istrateġija reġjonali għat-tranżizzjoni ekonomika għandha tistabbilixxi miri għall-2030 u pjan ta' azzjoni għal ħames snin. Dan għandu jiġi adottat bid-Deċiżjoni tal-Gvern tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali sal-31 ta' Marzu 2022.

Ir-riforma R-5.09: “Il-Fjandri Ċirkolari ta' Governanza” tar-Reġjun Fjamming

Il-Fjandri Ċirkolari hija l-pjattaforma ċentrali fil-Fjandri li għandha l-għan li tiffaċilita t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari f'kooperazzjoni mas-sħab industrijali, l-istituzzjonijiet tal-għarfien, l-amministrazzjonijiet pubbliċi, il-banek u s-soċjetà ċivili. Din ir-riforma għandha ttejjeb u tespandi b'mod sinifikanti l-governanza ta' din il-pjattaforma. F'dak il-qafas, is-sħubijiet pubbliċi-privati għandhom jiffukaw fuq taħlita ta' aġendi ta' ħidma tematiċi, bħall-kostruzzjoni ċirkolari, il-kimika/il-plastik, ktajjen ta' prodotti oħra fl-industrija tal-manifattura, il-bijoeconomija u l-katina alimentari, u għadd ta' lievi strateġiċi (finanzjament, innovazzjoni, provvista ċirkolari, riċerka, sensibilizzazzjoni). It-testi tal-pjan direzzjonali u l-aġendi ta' ħidma huma mistennija sal-31 ta' Diċembru 2021.

Investiment I-5.14: “Ċentru ta' Reċiklaġġ” tar-Reġjun Fjamming

Il-miżura taċ-ċentru tar-riċiklaġġ tal-Fjandri għandha l-għan li twettaq mill-inqas sitt investimenti importanti f'faċilitajiet ġodda ta' riċiklaġġ. L-enfasi hija fuq ir-rabtiet neqsin f'għadd ta' ktajjen tal-valur li jippermettu l-produzzjoni ċirkolari lokali, bħar-riċiklaġġ tal-ħrieqi, is-saqqijiet, u t-tessuti. L-investimenti huma mfittxija wkoll fis-setturi tal-plastik u tal-kimika.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu

downstream; (II) attivitajiet relatati ma' miżbljet tal-iskart, incineraturi¹⁴ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku¹⁵; u (iii) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. Id-deċiżjonijiet tal-għotja għandhom jistipulaw li l-għajnuna għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-attività tikkonforma mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.

Il-miżura tnediet fir-raba' trimestru tal-2020. L-għoti ta' kuntratti għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2022. Il-proġetti għandhom jitlestew sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-5.15: "Belgium Builds Back Circular" tal-Istat Federali

Dan l-investiment għandu l-għan li jaċċellera t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari fil-Belġju. L-għan jinqasam fi tlieta:

- L-evitar tal-frammentazzjoni tas-suq jew tal-politika u l-promozzjoni ta' approċċ integrat permezz tal-ħolqien ta' koalizzjoni ċirkolari b'enfasi speċifika fuq il-kompetenzi federali għall-ekonomija ċirkolari u l-interfaċċa tal-kompetenzi federali mal-kompetenzi lokali u reġjonali, bħad-disinn għall-iskarsezza, l-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ, is-sikurezza kimika, il-verifika u ċ-ċertifikazzjoni tal-kontenut riċiklat;
- Il-finanzjament ta' total ta' 10 proġett ċirkolari fl-industrija u fiċ-ċentri tar-riċerka biex tithaffet it-tranżizzjoni u jiżdiedu fil-prattika, immirati b'mod partikolari lejn proġetti dwar is-sostituzzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi u proġetti dwar l-ekodisinn;
- Is-sensibilizzazzjoni u l-għoti ta' informazzjoni lill-SMEs permezz ta' kampanji mmirati, sit web u l-ħolqien ta' għodda ta' awtovalutazzjoni għall-SMEs.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għas-sejħa li jmiss għall-proġetti ċirkolari għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁶; (III) attivitajiet relatati ma' miżbljet tal-iskart, incineraturi¹⁷ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku¹⁸; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża

¹⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskarta u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskarta, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁶ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

¹⁷ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

¹⁸ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet skont din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet skont din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskarta u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskarta, dment li tali azzjonijiet skont din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-Koalizzjoni ċirkolari għandha tinholq sal-31 ta' Diċembru 2021 u l-proġetti għandhom jiġu ffinalizzati sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-5.16: “L-iskjerament tal-ekonomija ċirkolari” fir-Reġjun tal-Vallonia

Bl-għan li tintuża l-ekonomija ċirkolari tal-Vallonia, l-investimenti għandhom jiġu implimentati permezz ta' sejħa għal proposti għar-riċerka u l-iżvilupp permezz tal-ħolqien ta' sħubijiet għall-innovazzjoni f'żewġ ktajjen ta' valur prijoritarji, jiġifieri l-metalli u l-materjali tal-kostruzzjoni. Il-proġetti għandhom jiffukaw fuq iċ-ċirkolarità (l-użu mill-ġdid, it-titjib u r-riċiklaġġ) tal-metalli, il-batteriji u l-minerali.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika “Bla ħsara sinifikanti” (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (I) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili, inkluż l-użu downstream; (II) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti¹⁹; u (iii) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jirrikjedu wkoll li jistgħu jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali. Il-miżura tnediet fit-tieni trimestru tal-1 2021 u għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026

¹⁹ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumiex sostanzjalment anqas mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għal attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

P.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
195	Strategġija Reġjonali ta' Brussell għat-Tranżizzjoni Ekonomika (IR-5.08)	M	Adozzjoni tal-Istrategġija Reġjonali għat-Tranżizzjoni Ekonomika	Deċiżjoni tal-Gvern tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali li tindika l-adozzjoni tal-istrategġija				IT-TIENI TRIME STRU TAL-1	2022	L-istrategġija ta' Brussell għat-transizzjoni ekonomika adottata mill-gvern tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali (<i>Décision du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale</i>), li tiddefinixxi l-obiettivi għall-2030, ibbażata fuq il-koordinazzjoni bejn l-atturi pubbliċi u l-parteċipazzjoni attiva tas-settur privat, inkluż pjan ta' azzjoni ta' ħames snin li jkopri oqsma ta' prijetà għall-azzjoni, li jistabbilixxi pakkett koerenti ta' inċentivi pubbliċi għall-innovazzjoni u favorevoli għall-intraprenditorija għat-tranżizzjoni ekoloġika.
196	Governanza Ċirkolari tal-Fjandri (IR-5.09)	M	Tnedija tal-Grupp ta' Tmexxija tal-Fjandri Ċirkolari	Grupp ta' Tmexxija għall-governanza tal-Fjandri Ċirkolari maħtur u Aġendi ta' Pjan Direzzjonali u ta' Ħidma adottati				IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2021	Grupp ta' Tmexxija għall-governanza tal-Fjandri Ċirkolari maħtur u Pjan Direzzjonali u Aġendi ta' Ħidma biex jiggwidaw il-proġetti tal-ekonomija ċirkolari u l-iżvilupp ta' lievi strateġiċi adottati
197	Ċentru ta' Reċiklaġġ (I-5.14)	T	Għoti ta' sitt kuntratti pubbliċi għall-		Il-faċilitajiet	0	6	IT-TIENI TRIME	2022	Sitt proġetti ta' investment għall-faċilitajiet ta' riċiklaġġ intgħażlu għall-appoġġ. Il-ġurija għandha tagħmel valutazzjoni tal-proġetti, l-

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
			faċilitajiet ta' riċiklaġġ					STRU TAL-4		għażla finali għandha tiġi kkonfermata mill-Ministru Fjamming għall-Ambjent. L-għoti tal-kuntratti lill-proġetti magħżula taħt is-sejħa kompetittiva għal proposti b'termini ta' referenza inklużi kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni. Id-deċiżjonijiet tal-għotja għandhom jistipulaw li l-għajnuna għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-attività tikkonforma mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u dik nazzjonali.
198	Ċentru ta' Reċiklaġġ (I-5.14)	T	Tlestija ta' xogħlijiet f'sitt faċilitajiet ta' riċiklaġġ		Il-faċilitajiet	0	6	IT-TIENI TRIME STRU TAT-2	2026	Sitt faċilitajiet ta' riċiklaġġ mibnija, adattati jew imkabbra għal proċessi ta' riċiklaġġ imtejba.
199	Il-Belġju Jibni ċ-Ċirkolari Lura (I-5.15)	M	Għoti ta' kuntratti pubbliċi għal proġetti ċirkolari	Notifika tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi lill-kandidati magħżula				IT-TIENI TRIME STRU TAL-1	2024	Is-Segretarjat operazzjonali kkuntrattat u fil-funzjoni li jrawwem kollaborazzjoni dwar azzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari u l-għażla ta' kandidati li jirnexxu wara sejħa għal proposti għal għaxar proġetti ċirkolari. Il-kandidati għandhom ikunu kumpaniji privati li jeħtieġu finanzjament għall-implimentazzjoni ta' proġett ta' riċerka jew operazzjonali fl-

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										ekodisinn jew fis-sostituzzjoni kimika. Kandidat għandu jitqies li rnexxa meta l-proġett ta' investiment tiegħu jintgħażel uffiċjalment biex jiġi ffinanzjat mill-koalizzjoni. Notifika tal-ġhoti ta' kuntratti pubbliċi lill-proġetti magħżula skont is-sejħa kompetittiva għal proposti b'termini ta' referenza inklużi kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
200	Il-Belġju Jibni ċ- Ċirkolari Lura (I-5.15)	M	Tlestija ta' azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjon i għall-SMEs u għall-proġetti ċirkolari	Rapporti li jistabbilixxu l-impatt tal-kampanji, rapporti dwar it-tlestija ta' proġetti ċirkolari				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Tlestew mill-inqas tliet azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni u ta' informazzjoni lejn l-SMEs (kampanji annwali ta' sensibilizzazzjoni (fuq tliet snin), sit web wieħed u għodda waħda ta' awtovalutazzjoni) dwar aspetti tal-ekonomija ċirkolari u ġew iffinalizzati mill-inqas disa' proġetti ċirkolari.
201	L-użu tal-ekonomija	M	Għoti ta' kuntratti	Notifika tal-ġhoti ta' kuntratti				IT-TIENI	2022	L-għażla tal-kandidati magħżula wara s-sejħa għall-proposti għal proġetti dwar ir-riċiklaġġ u

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti/Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	ċirkolari fil-Wallonia (I-5.16)		pubbliċi għal proġetti li jippromwvu l-ekonomija ċirkolari fil-Wallonia	pubbliċi lill-kandidati magħżula				TRIME STRU TAT-2		l-użu mill-ġdid tal-metalli, il-batteriji u l-minerali. Is-sejħa għal proposti għandu jkollha termini ta' referenza inklużi kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika “La tagħmilx ħsara sinifikanti” (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.
202	L-użu tal-ekonomija ċirkolari fil-Wallonia (I-5.16)	T	Tlestija ta' proġetti li jippromwvu l-ekonomija ċirkolari fil-Wallonia		Proġetti	0	11	IT-TIENI TRIME STRU TAT-2	2026	Mill-inqas 11 proġett ikkompletati dwar ir-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid ta' metalli, batteriji u minerali.

Q. IL-KOMPONENT 6.1: RIEŻAMIJET TAL-INFQ

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa magħmul minn miżuri ċċentrati fuq it-tweġġ ta' rieżamijiet tal-infq f'livelli differenti tal-gvernijiet. L-oġġettiv ġenerali huwa li jttejbu l-kwalità u l-kompożizzjoni tal-infq pubbliku.

Il-komponent jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata r-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2019.1 dwar it-titjib tal-kompożizzjoni u l-effiċjenza tal-infq pubbliku.

Q.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-6: “Rieżamijiet tal-infq”

L-oġġettiv tar-riforma huwa li tintroduċi rieżamijiet tal-infq f'livelli differenti tal-gvern. L-implimentazzjoni tar-riformi għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2024. Din il-miżura tinkludi l-ħames submiżuri li ġejjin:

- Ir-riforma R-6.01 “Rieżamijiet tal-infq” tal-Istat Federali
- Ir-riforma R-6.02 “Rieżamijiet tal-infq — Reviżjoni ġenerali Fjamminga u norma tal-infq” tal-Fjandri
- Ir-riforma R-6.03 “Rieżamijiet tal-Infq — Baġit ibbażat fuq Żero” tar-Reġjun ta' Wallonia
- Ir-riforma R-6.04 “Rieżami tal-infq” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali
- Ir-riforma R-6.05 “Reviżjoni tal-infq” tal-Komunità Franċiża

Ir-riforma R-6.01: “Rieżamijiet tal-infq” tal-Istat Federali

Il-miżura ta' riforma għandha l-għan li twettaq rieżamijiet tal-infq b'mod strutturali fil-livell federali u fis-settur tas-sigurtà soċjali. Bħala parti mill-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali tal-Kummissjoni, l-OECD appoġġat it-tħejjija ta' rieżamijiet tal-infq. Fl-2019 u l-2020, huwa pprova assistenza teknika u rakkomandazzjonijiet biex jiġu implimentati b'mod effettiv ir-rieżamijiet tal-infq fil-proċess baġitarju tal-Belġju. F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-OECD, il-gvern federali ddeċieda li jniedi eżerċizzji pilota fil-bidu tal-2021 fi tliet oqsma ewlenin: in-nefqa tat-taxxa, in-nefqa primarja, is-settur tas-sigurtà soċjali. Għal dak l-għan twaqqfu gruppi ta' ħidma u għandhom jippreżentaw ir-rapport tagħhom fid-dawl tat-tħejjija tal-baġit tal-2022. F'dak il-mument, il-gvern għandu jagħżel sett ġdid ta' suġġetti li għandhom jitwasslu għas-sena ta' wara. Sat-tlestija tal-proġetti pilota, fl-2022 il-gvern għandu jiddeċiedi kif ir-rieżamijiet tal-infq isiru proċess rikorrenti u parti integrali mill-proċedura baġitarja.

Ir-riforma R-6.02: “Rieżamijiet tal-infq — Reviżjoni ġenerali Fjamminga u norma tal-infq” tal-Fjandri

Il-miżura ta' riforma tippjana li tipprijoritizza mill-ġdid l-infq tal-gvern reġjonali tal-Fjandri u tillimitah fejn possibbli: minn naħa waħda, permezz tal-iżvilupp ta' norma tan-nefqa u, min-naħa l-oħra, permezz tal-hekk imsejjaħ “Vlaamse Brede Herovering (VBH)”, li għandu l-għan li jankra strutturalment ir-rieżamijiet tal-infq fil-proċess baġitarju Fjamming fis-snin li ġejjin. In-norma tan-nefqa li għandha tiġi adottata fl-2022 għandha tiddefinixxi l-perkors massimu tat-tkabbir fl-infq tal-gvern, filwaqt li tqis ix-xejra fit-tkabbir tad-dħul u l-miri baġitarji stabbiliti. L-għan tal-programm VBH huwa li jwettaq evalwazzjoni fuq għaxar oqsma ta' politika sa nofs l-2021 li għandha sservi bħala bażi biex jiġi definit l-ambitu tar-rieżamijiet tal-infq. Il-miżura għandha l-għan li tappoġġa r-rieżamijiet tal-infq fi ħdax-il qasam ta' politika minn Settembru 2021 sa Ottubru 2025.

Ir-riforma R-6.03: “Reviżjonijiet tal-Infq — Baġit ibbażat fuq Żero” tar-Reġjun ta' Wallonia

Il-miżura ta' riforma tikkonsisti f'eżerċizzju ta' bbaġitar ibbażat fuq iż-żero u f'rieżamijiet tal-infq li jkopru l-infq u d-dħul kollu strutturali madwar seba' oqsma ta' politika u li jkopru d-dipartimenti kollha tal-amministrazzjoni ta' Wallonia kif ukoll 170 unità tal-amministrazzjoni pubblika. L-

approċċ ta' bbaġitar ibbażat fuq iż-żero, li għandu jirrikjedi ġustifikazzjoni sħiħa tal-infiq fuq bażi annwali, għandu jiffoka fuq l-infiq operattiv u ta' investment, filwaqt li r-rieżamijiet tal-infiq għandhom jindirizzaw in-nefġiet ta' intervent li jinvolve trasferiment ta' riżorsi pubbliċi lil impriżi, unitajiet domestiċi u awtoritajiet lokali. L-eżerċizzju għandu jitwettaq f'serje ta' erba' mewġiet minn Ottubru 2020 sa Ġunju 2022 bl-appoġġ ta' konsulenti esterni. Mal-konklużjoni tal-eżerċizzju, il-gvern tal-Wallonja għandu jiddeċiedi kif ir-reviżjonijiet tal-infiq għandhom jiġu integrati fil-proċess baġitarju b'mod permanenti.

Ir-riforma R-6.04: “Rieżami tal-infiq” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali

Il-miżura ta' riforma tikkonsisti fit-twettiq u l-finalizzazzjoni ta' żewġ rieżamijiet pilota tal-infiq u l-integrazzjoni sussegwenti tar-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju tar-Reġjun ta' Brussell. Bl-appoġġ tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP), ir-Reġjun ta' Brussell beda żewġ proġetti pilota ta' rieżami tal-infiq fl-oqsma tal-mobbiltà u l-akkomodazzjoni soċjali. L-oġettiv ewlieni tagħhom huwa li jsaħħu l-kapaċità fi ħdan l-Amministrazzjoni (b'mod partikolari l-Amministrazzjoni ta' Brussell għall-Finanzi u l-Baġit u l-Istitut ta' Brussell għall-Istatistika u l-Analiżi) u li jisiltu tagħlimiet biex l-għodda tiġi ankrata b'mod strutturali. Bis-saħħa wkoll tal-SRSP, il-gvern ta' Brussell ibbenefika minn analiżi komprensiva tal-lakuni tas-sistema ta' ġestjoni finanzjarja pubblika tiegħu bis-saħħa ta' valutazzjonitan-*Nefqa* Pubblika u tar-Responsabbiltà Finanzjarja (PEFA) li għandha tiġi konkluża f'Lulju 2021. Abbażi tal-esperjenzi fit-twettiq tar-rieżamijiet pilota u r-riżultati tal-analiżi tal-PEFA, il-gvern ta' Brussell għandu jiddeċiedi dwar kif għandu jintegra r-rieżamijiet tal-infiq b'mod strutturali fil-proċess baġitarju.

Ir-riforma R-6.05: “Analiżi tal-infiq” tal-Komunità Franċiża

Il-miżura ta' riforma tikkonsisti fit-twettiq ta' rieżamijiet pilota tal-infiq u l-integrazzjoni sussegwenti tar-rieżamijiet tal-infiq fil-proċess baġitarju tal-Komunità li titkellem bil-Franċiż. L-ewwel mewġa ta' rieżamijiet pilota ntgħażlet għall-elaborazzjoni tal-baġit tal-2022. It-tieni mewġa għandha ssegwi u tiġi konkluża sa nofs l-2022.

Q.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli 1

Nu mru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
205	Rieżamijiet tal- infiq (IR-6)	M	Rieżami tal-infiq pilota jew integrazzjoni fil- proċess baġitarju (1)	Piloti kompluti u rapporti assoċjati				IT- TIENI TRIME STRU TAL-4	2021	Għall-awtoritajiet federali, tar-Reġjun tal- Vallonja u tar-Reġjun Kapitali ta' Brussell: It-tlestija pilota tar-rieżami tal-infiq u l- abbozzar tar-rapport. Għall-awtoritajiet tar- Reġjun Fjamming: L-integrazzjoni tal-analiżi tal-infiq fil-proċess baġitarju (1): Deċiżjonijiet tal-gvern li jiddefinixxu kif ir- rieżamijiet tal-infiq (jew approċċ simili) jiġu integrati fil-proċess baġitarju. Id-deċiżjonijiet jiddefinixxu l-istrateġija ta' rieżami tal-infiq u kalendarju għal rieżamijiet futuri, li potenzjalment jinkludu miri kwantifikati. F'konformità mal-gwida tal-Grupp tal-Euro, tiżgura, fost elementi oħra, kamp ta' applikazzjoni u tfassil ċari tar-rieżamijiet kif ukoll monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni trasparenti.
206	Rieżamijiet tal- infiq (IR-6)	M	Analiżi tal-infiq l-integrazzjoni fil-proċess baġitarju (1) jew tlestija pilota	Deċiżjoni tal- Gvern				IT- TIENI TRIME STRU TAL-4	2022	Għall-awtoritajiet federali, tar-Reġjun tal- Vallonja u tar-Reġjun Kapitali ta' Brussell: L-integrazzjoni tal-analiżi tal-infiq fil-proċess baġitarju (1): Deċiżjonijiet tal-gvern li jiddefinixxu kif ir-rieżamijiet tal-infiq (jew approċċ simili) jiġu integrati fil-proċess baġitarju. Id-deċiżjonijiet jiddefinixxu l-

Nu mru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										istrateġija ta' rieżami tal-infiq u kalendarju għal rieżamijiet futuri, li potenzjalment jinkludu miri kwantifikati. F'konformità mal-gwida tal-Grupp tal-Euro, tiżgura, fost elementi oħra, kamp ta' applikazzjoni u tfassil ċari tar-rieżamijiet kif ukoll monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni trasparenti. Għall-awtoritajiet tal-Komunità Franċiża: Tlestija pilota tar-rieżami tal-infiq u redazzjoni tar-rapport.
207	Rieżamijiet tal-infiq (IR-6)	M	Integrazzjoni tar-rieżami tal-infiq fil-proċess baġitarju (1) jew (2)/Analiżi ex post tal-infiq	Deċiżjoni tal-Gvern				IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2023	Għall-awtoritajiet tal-Komunità Franċiża: L-integrazzjoni tal-analiżi tal-infiq fil-proċess baġitarju (1): Deċiżjonijiet tal-gvern li jiddefinixxu kif ir-rieżamijiet tal-infiq (jew approċċ simili) jiġu integrati fil-proċess baġitarju. Id-deċiżjonijiet jiddefinixxu l-istrateġija ta' rieżami tal-infiq u kalendarju għal rieżamijiet futuri, li potenzjalment jinkludu miri kwantifikati. F'konformità mal-gwida tal-Grupp tal-Euro, tiżgura, fost elementi oħra, kamp ta' applikazzjoni u tfassil ċari tar-rieżamijiet kif ukoll monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni trasparenti. Għall-awtoritajiet federali, tar-Reġjun Fjamming, tar-Reġjun tal-Vallonja u tar-Reġjun Kapitali ta' Brussell: L-

Nu mru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti /Mira	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
										integrazzjoni tal-analiżi tal-infiq fil-proċess baġitarju (2): L-inklużjoni sistematika tal-eżitu tar-rieżamijiet tal-infiq fl-ippjanar baġitarju annwali u/jew pluriennali fit-tħejjija tal-liġi baġitarja għall-2024. Dan għandu jinkludi, fost l-oħrajn, il-kwantifikazzjoni ex post tal-eżiti, inkluż l-iffrankar, assoċjat mal-programm ta' rieżami tal-infiq. Għall-awtoritajiet federali u tar-Reġjun Fjamming: Analiżi ex post tal-analiżi tal-infiq: Publikazzjoni tar-rapport ta' valutazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq.
208	Rieżamijiet tal-infiq (IR-6)	M	Analiżi tal-infiq integrazzjoni fil-proċess baġitarju/Analiżi tal-infiq analiżi ex post	Rapport tal-valutazzjoni				IT-TIENI TRIME STRU TAL-4	2024	Għall-awtoritajiet tal-Komunità Franċiża: Integrazzjoni tal-analiżi tal-infiq fil-proċess baġitarju: L-inklużjoni sistematika tal-eżitu tar-rieżamijiet tal-infiq fl-ippjanar baġitarju annwali u/jew pluriennali fit-tħejjija tal-liġi baġitarja għall-2026. Dan għandu jinkludi, fost l-oħrajn, il-kwantifikazzjoni ex post tal-eżiti, inkluż l-iffrankar, assoċjat mal-programm ta' rieżami tal-infiq. Għar-reġjun tal-Vallonja, ir-Reġjun ta' Brussell-Kapitali, u l-awtoritajiet tal-Komunità Franċiża: Analiżi ex post tal-analiżi tal-infiq: Publikazzjoni tar-rapport ta' valutazzjoni tar-rieżamijiet tal-infiq.

KAPITOLU REPOWEREU

R. IL-KOMPONENT 7.1: RINNOVAZZJONI TA' BINI

Il-Kapitolu REPowerEU jindirizza l-isfida tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u t-tisħiħ tal-effiċjenza enerġetika. L-oġġettiv ta' dan il-komponent tal-kapitolu REPowerEU tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza huwa li jiġi rinnovat l-istokk tal-bini eżistenti u jsir aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u tar-riżorsi. Il-komponent huwa ffukat fuq ir-rinnovazzjoni tal-bini privat u pubbliku, inklużi l-infrastruttura soċjali u l-akkomodazzjoni residenzjali, u b'mod aktar ġenerali l-bini bl-anqas prestazzjoni f'termini ta' effiċjenza enerġetika. Għalhekk, dan il-komponent jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għat-trawwim tat-tkabbir fil-kostruzzjoni sostenibbli, kif ukoll ir-reżiljenza soċjali permezz tat-tnaqqis tal-kontijiet tal-enerġija.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiżi 2022.4 u 2023.4, filwaqt li jappella lill-Belġju biex *inaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jżid it-titjib fl-effiċjenza enerġetika u t-tnaqqis tal-użu tal-fjuwils fossili fil-bini*.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

R.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-7.01: “Reviżjoni tal-kodiċi dwar l-arja, il-klima u l-enerġija” tar-Reġjun ta' Brussell Kapitali

Din ir-riforma tikkonsisti fl-emendar tal-kodiċi ta' Brussell dwar l-arja, il-klima u l-enerġija (COBRACE), bl-introduzzjoni ta' obbligi ġodda dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini u bini ġdid. Għandu jkun meħtieġ ċertifikat tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPB) għall-unitajiet EPB residenzjali u mhux residenzjali kollha. Għall-istokk tal-bini residenzjali, kwalunkwe unità EPB għandha tgħaddi minn xogħol ta' rinnovazzjoni sabiex tissodisfa r-rekwiżiti tal-konsum tal-enerġija primarja li ġejjin: L-unitajiet EPB tal-istokk tal-bini residenzjali jridu mill-inqas jikkorrispondu għal livell ta' konsum tal-enerġija primarja ta' inqas minn 275 kWh/m²/sena (limitu tal-klassi E) fi żmien 10 snin jew sa mhux aktar tard mill-2033, u inqas minn 150 kWh/m²/sena (limitu tal-klassi C) għar-rekwiżiti li għandhom jintlaħqu fi żmien 20 snin.

Mill-1 ta' Jannar 2025, il-bini l-ġdid kollu għandu jkollu biss sistemi tat-tisħin li għalihom il-ġeneraturi tas-sħana jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ekodisinn tad-Direttiva 2009/125/KE u jipproduċu s-sħana biss mill-elettriku u/jew l-enerġija minn sorsi rinnovabbli u/jew huma konnessi ma' sistema effiċjenti tat-tisħin distrettwali. It-tieni, mill-2027, kwalunkwe kostruzzjoni ġdida li tkun proprjetà ta', okkupata jew maħsuba li tiġi okkupata minn awtorità pubblika għandha tissodisfa l-oġġettiv ta' “emissjonijiet zero” u tkun mġhammra b'installazzjoni għall-produzzjoni tal-enerġija mill-enerġija solari. It-tielet, mill-2030, l-oġġettiv ta' emissjonijiet zero għandu jintlaħaq bi kwalunkwe kostruzzjoni ġdida.

Il-perjodu ta' tranżizzjoni għall-implimentazzjoni tar-riforma għandu jibda fit-30 ta' Ġunju 2024 bid-dħul fis-seħħ tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għas-sistemi tat-tisħin mill-1 ta' Jannar 2025.

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment I-7.01: “Skema mtejbja ta' sussidju għall-enerġija” tar-Reġjun ta' Brussell-Kapitali

Din il-miżura għandha tiffinanzja l-għotjiet tal-programm ta' sussidju għar-rinnovazzjoni tar-RENOLUZZJONI għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx. L-investiment għandu jitlesta sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment I-7.02: “Miżura fuq skala akbar: Skema mtejbja ta’ sussidju għall-enerġija ”tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment iżid ir-riforma R-1.01, is-sottoinvestiment (i) “Skema mtejbja ta’ sussidju għall-enerġija” tar-Reġjun Fjamming taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni. Il-parti miżjuda ta’ din il-miżura għandha tiffinanzja ż-żieda fis-sussidju għal kull riċevitur finali għal rinnovazzjonijiet effiċjenti fl-enerġija ta’ akkomodazzjoni privata. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment I-7.03: “Għotjiet għall-enerġija għal akkomodazzjoni privata” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż

Din il-miżura kienet il-komponent tal-investiment ta’ R-1.03 “Skema mtejbja ta’ sussidju għall-enerġija” tal-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż, taħt il-komponent 1.1: Rinnovazzjoni. Il-miżura tikkonsisti fl-għoti ta’ primjums tal-enerġija għar-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni privata li tikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2024.

Investiment I-7.04: “Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali” tar-Reġjun tal-Vallonja

Dan l-investiment jikkonsisti fit-tagħmir tal-unitajiet tal-akkomodazzjoni soċjali b’pannelli solari u pompi tas-sħana. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment I-7.05: “Miżuri dwar l-enerġija u l-klima fil-bini pubbliku” tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fit-tagħmir tal-bini pubbliku federali bi stazzjonijiet tal-iċċarġjar, pannelli solari u dwal LED. L-oġettiv tal-investiment f’dak li għandu x’jaqsam mal-infrastruttura tal-iċċarġjar għandu jkun konformi mad-Direttiva (UE) 2023/2413 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta’ Diċembru 2025.

Investiment I-7: “L-iffrankar tal-enerġija fil-bini pubbliku” tar-Reġjun Fjamming

L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026. L-investiment huwa magħmul mis-submiżuri/azzjonijiet li ġejjin:

- Investiment I-7.06: “Rinnovazzjoni tal-bini pubbliku” tar-Reġjun Fjamming
- Investiment I-7.07: “Miżuri tal-enerġija għall-iskejjel pubbliċi” tar-Reġjun Fjamming
- Investiment I-7.08: “Miżuri tal-enerġija għall-bini tal-kura” tar-Reġjun Fjamming
- Investiment I-7.09: “Miżuri tal-enerġija għall-bini VRT” tar-Reġjun Fjamming

Investiment I-7.06: “Rinnovazzjoni tal-bini pubbliku” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti fir-rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija ta’ erba’ binjiet pubbliċi: (1) Martelaarsplein 7, Martelaarsplein 19 u Kreupelenstraat 2, Brussel, (2) Winston Churchillkaai 2, Oostende, (3) Justitiehuis, Ieper, (4) Koolstraat 35, Brussel. Il-miżura għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment I-7.07: “Miżuri tal-enerġija għall-iskejjel pubbliċi” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti fl-użu ta’ pannelli solari fuq skejjel pubbliċi, abbażi ta’ studju preparatorju. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment I-7.08: “Miżuri tal-enerġija għall-bini tal-kura” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti minn (1) awditi tal-enerġija mwettqa u (2) it-tlestija tal-miżuri tal-enerġija fil-bini tal-kura. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

Investiment I-7.09: “Miżuri tal-enerġija għall-bini VRT” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti fl-użu ta' pompi tas-sħana u pannelli solari, kif ukoll dwal LED, iżolament tas-saqaf u monitoraġġ intelliġenti tal-enerġija fil-bini VRT (*Vlaamse Radio en Televisie*) il-ġdid. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-7.10: “Miżuri tal-enerġija għall-bini tal-AWV” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti fit-tlestija ta' erba' proġetti ta' installazzjoni fil-bini AWV (*Agentschap Wegen en Verkeer*): iżolament, pompi tas-sħana, pannelli solari u dwal LED. Il-miżura għandha tnaqqas bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

R.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija		Deskrizzjoni tal-istadju importanti/mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
211	Reviżjoni tal-kodiċi dwar l-arja, il-klima u l-enerġija — RBC (IR-7.01)	M	Obbligi għodda għar-rinnovazzjoni tal-bini	Dispożizzjon i fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ tal-ordinanza li temenda l-COBACE				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Id-dħul fis-seħħ tal-Ordinanza li temenda l-kodiċi ta' Brussell dwar l-arja, il-klima u l-enerġija. Dawk l-obbligi l-għodda għandhom jinkludu li (i) għandu jkun meħtieġ ċertifikat tar-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPC) għall-unitajiet EPB residenzjali u mhux residenzjali kollha, (ii) l-unitajiet EPB tal-istokk tal-bini residenzjali jridu mill-inqas jikkorrispondu għal livell ta' konsum tal-enerġija primarja ta' inqas minn 275 kWh/m²/sena (limitu tal-klassi E) fi żmien 10 snin jew sa mhux aktar tard mill-2033, u (iii) inqas minn 150 kWh/m²/sena (limitu tal-klassi C) għar-rekwiżiti li għandhom jintlaħqu fi żmien 20 snin. Mill-1 ta' Jannar 2025, (iv) il-bini l-ġdid kollu għandu jkollu biss sistemi tat-tisħin li l-ġeneraturi tas-sħana tagħhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ekodisinn tad-Direttiva 2009/125/KE u jipproduċu s-sħana biss mill-elettriku u/jew l-enerġija minn sorsi rinnovabbli u/jew huma konnessi ma' sistema effiċjenti tat-tisħin distrettwali.
212	Skema mtejbja ta' sussidju għall-enerġija' — RBC (I-7.01)	T	Għotjiet għall-enerġija għal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx		Għadd	0	3 498	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2024	3 498 abitazzjoni residenzjali rinnovati bl-appoġġ ta' għotjiet għall-enerġija li jiksbu tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja għall-benefiċċju ta' unitajiet domestiċi b'introjtu baxx.

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija		Deskrizzjoni tal-istadju importanti/mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
213	Skema mtejba ta' sussidju għall-enerġija tar-Reġjun Fjamming (I-7.02)	M	Skema akbar ta' sussidju għall-enerġija tar-Reġjun Fjamming	Dħul fis-seħħ tal-emenda tad-digriet dwar l-iskema ta' sussidju għall-enerġija tal-gvern Fjamming				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-1	2022	Id-dħul fis-seħħ tal-emenda għad-digriet dwar l-iskema ta' sussidju għall-enerġija relatata ma' R-1.01, is-sottoriforma (i). Għandha tiddefinixxi żieda fl-appoġġ għaż-żewġ gruppi fil-mira bl-inqas introjtu, kif ukoll żieda fl-għotjiet għall-iżolament tas-saqaf u l-għotjiet għall-pompi tas-sħana.
214	Għotjiet għall-enerġija — Komunità li titkellem bil-Ġermaniż (I-7.03)	T	Rinnovazzjoni ta' akkomodazzjoni privata		Għadd	0	774	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2024	Ġew rinnovati 774 unità ta' akkomodazzjoni privata bl-appoġġ ta' għotjiet għall-enerġija.
215	Rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali — WAL (I-7.04)	T	Pannelli solari u pompi tas-sħana fl-akkomodazzjoni soċjali		Għadd	0	3 600	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	3 600 unità ta' akkomodazzjoni soċjali ġew mgħammra b'pannelli solari, inklużi 285 unità ta' akkomodazzjoni soċjali ġew mgħammra b'pannelli solari u pompi tas-sħana.
216	Miżuri dwar l-enerġija u l-klima fil-bini	T	Miżuri tal-enerġija kkompletati		Għadd	0	3 622	IT-TIENI TRIMES	2025	Il-50 proġett magħżul għall-installazzjoni ta' dwal LED, pannelli solari u punti ta' ċċarġjar f'binj federali tlestew, inklużi mill-inqas 224 kW ta' dwal LED, 3 300 kWp pannelli solari u 98 punt ta' ċċarġjar. L-oġettiv tal-

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija		Deskrizzjoni tal-istadju importanti/mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
	pubbliku — l-Istat Federali (I-7.05)							TRU TAL-4		infrastruttura tal-iċċarġjar għandu jkun konformi mad-Direttiva (UE) 2023/2413 li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 dwar l-Enerġija Rinnovabbli.
217	Miżuri tal-enerġija għall-bini tal-AWV (I-7.10)	T	Proġetti ta' miżuri tal-enerġija kkompletati		Għadd	0	4	IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2025	Erba' proġetti ta' installazzjoni f'binjiet AWW: il-pompi tas-sħana, l-iżolament, il-pannelli solari u d-dwal LED tlestew, li jnaqqsu bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini.
218	L-iffrankar tal-enerġija fil-bini pubbliku — VLA (I-7)	T	Rinnovazzjoni effiċjenti fl-użu tal-enerġija tal-bini pubbliku		Għadd	0	555	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Ġew rinnovati erba' binjiet pubbliċi: (1) Martelaarsplein 7, Martelaarsplein 19 u Kreupelenstraat 2, Brussel, (2) Winston Churchillkaai 2, Oostende, (3) Justitiehuis, Ieper, (4) Koolstraat 35, Brussel (I-7.06), li jnaqqsu bħala medja mill-inqas 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja, kif definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/786 dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini. It-tnaqqis ta' mill-inqas medja ta' 30 % tal-konsum tal-enerġija primarja se jiġi ppruvat b'Ċertifikati tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija (EPCs) ex ante u ex post għal kull wiehied minn dawn il-binjiet. F'konformità mal-Anness I tal-EPBD (id-Direttiva 2010/31/UE), l-EPCs ex ante u ex post jistgħu jkunu bbażati fuq l-użu tal-enerġija kkalkulat f'konformità mal-metodoloġija rilevanti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija (nazzjonali).

Numr u ta' NB.	Miżura Relatata	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi Kwalitattivi (għall- miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija		Deskrizzjoni tal-istadju importanti/mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										Mill-inqas 100 binja tal-iskejjel pubbliċi ġew mġammra b'mill-inqas 100 000 m² kumulattivi ta' pannelli solari (I-7.07). Mill-inqas 400 binja tal-kura kellhom awditu tal-enerġija. Mill-inqas 50 binja tal-kura lestew il-miżuri tal-enerġija li għalihom ġiet riċevuta għotja (I-7.08). Il-bini VRT ġie mġammar b'pompi tas-sħana u pannelli solari, kif ukoll dwal LED, iżolament tas-saqaf u monitoraġġ intelliġenti tal-enerġija (I-7.09).

S. KOMPONENT 7.2: TEKNOLOĠIJI EMERĠENTI ĠODDA TAL-ENERĠIJA

Dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandu l-għan li jipprovdi impetu qawwi għall-iżviluppi teknoloġiċi biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni tal-enerġija u jitnaqqsu l-emissjonijiet_{tas-CO2}, b'enfasi fuq l-integrazzjoni tas-sistema u d-dekarbonizzazzjoni industrijali.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2022.4 u 2023.4, li tappella lill-Belġju biex inaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili, *fost l-oħrajn*, billi jkompli jstimula d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u jżid l-isforzi ta' politika mmirati lejn l-akkwist ta' ħiliet u kompetenzi għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

S.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment I-7.11: “Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija” tal-Komunità Franċiża

Din il-miżura tikkonsisti f'investimenti f'serje ta' faċilitajiet u tagħmir ta' R & D għall-benefiċċju ta' universitajiet li jikkollaboraw bil-Franċiż. It-teknoloġiji fil-mira ta' din il-miżura huma relatati ma' wieħed jew aktar mill-oqsma li ġejjin: il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju; il-produzzjoni, il-konverżjoni u l-ħżin tal-enerġija; Il-qbid u l-valorizzazzjoni tas-CO₂; l-użu razzjonali tal-enerġija fil-bini u fil-mobbiltà; it-tħaddim tal-grilja tal-elettriku. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment I-7.12: “Infrastruttura għall-importazzjoni tal-enerġija” tal-Istat Federali

Din il-miżura tikkonsisti fl-appoġġ ta' proġetti ta' dimostrazzjoni jew R & D għan li tiġi ottimizzata l-infrastruttura għall-importazzjoni tal-idroġenu jew tal-elettriku. Għandhom jiġu organizzati żewġ sejħiet għal proġetti: I) sejhja għal proġetti li jappoġġaw ir-riċerka, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji u infrastrutturi li jistgħu jikkontribwixxu għall-importazzjoni tal-idroġenu fil-Belġju u ii) sejhja għal proġetti li jappoġġaw, permezz tal-għoti ta' għotjiet, ir-riċerka, l-iżvilupp u d-dimostrazzjoni ta' teknoloġiji u infrastrutturi għall-importazzjoni tal-elettriku jew tal-idroġenu fil-Belġju. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-7.13: “Sejhja għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija” tar-Reġjun ta' Wallonia

Din il-miżura tikkonsisti fl-għoti ta' inċentivi finanzjarji għall-investimenti fl-enerġija fl-industriji tal-Wallonja u għall-iżvilupp ta' industriji ġodda f'teknoloġiji ekoloġiċi. Dawn l-investimenti għandhom ikopru proġetti dwar l-effiċjenza enerġetika, bħall-ġestjoni tas-sħana industrijali, dwar il-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) fejn is-CO₂ maqbud jirriżulta minn emissjonijiet inevitabbli tal-proċess, dwar il-qlib tal-fjuwil, dwar il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, jew l-istabbiliment ta' elementi industrijali ġodda tal-katina tal-valur tat-teknoloġiji marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika, bħall-katina tal-valur tal-batteriji (fil-produzzjoni jew fil-ġestjoni tal-materjali kritiċi) u l-katina tal-valur tal-idroġenu rinnovabbli jew mingħajr fjuwils fossili.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-prinċipju “La tagħmilx ħsara sinifikanti” skont il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza kif stabbilit fil-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà fis-sejhja li jmiss għandhom jeskludu attivitajiet taħt is-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS), li jiksibu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li ma jkunux inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti. Meta l-attività tikseb emissjonijiet proġettati ta' gassijiet serra li ma jkunux aktar baxxi b'mod sinifikanti, iżda xorta aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, jenħtieġ li tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Barra minn hekk, il-miżura tista' tappoġġa wkoll, f'siti rreġistrati bħala installazzjonijiet tal-ETS, interventi li ma jaffettwawx l-emissjonijiet tal-installazzjoni tal-ETS u għalhekk huma azzjonijiet li

ma humiex fil-limiti tal-installazzjoni tal-ETS (ara l-gwida tal-interpretazzjoni ta' dawk il-konfini). Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-7.14: “Sejħa għal miżuri klimatiċi fl-agrikoltura” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti fl-appoġġ ta' tekniki tal-iffrankar tal-enerġija (bħall-iżolament, il-ħżin tas-sħana, l-irkupru tas-sħana, il-monitoraġġ tal-frekwenza tal-pompi u l-fannijiet, it-tkessiħ minn qabel), is-sħana ekoloġika u l-enerġija rinnovabbli (bħall-ħiters tal-ilma solari, il-pompi tas-sħana, l-użu sostenibbli u lokali tal-bijomassa), bl-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-settur agrikolu. Il-miżura għandha tiġi implimentata, bl-użu tal-istess modalitajiet applikati għall-miżura “3.23 — VLIF Investimenti produttivi f'azjendi agrikoli” inkluża fil-pjan strateġiku Fjamming skont il-Politika Agrikola Komuni. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

S.2 L-oġġettivi intermedji, il-miri, l-indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull oġġettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
219	Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija (I-7.11)	M	Rilaxx ta' offerti pubbliċi għat-tagħmir	Rilaxx ta' offerti pubbliċi				IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2024	Ir-rilaxx ta' offerti pubbliċi għall-akkwist ta' tagħmir immirat taħt il-proġett "Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija" (Fédération Wallonie-Bruxelles) li jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin fir-rigward tal-attivitajiet maħsuba ta' riċerka u innovazzjoni (R & ampI): — Ir-R & Itiffoka esklużivament jew primarjament fuq għażliet b'impatt baxx (bħall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli jew innovazzjonijiet ambjentali b'emissjonijiet żero); jew — Ir-R & Ihija ddedikata għat-titjib tat-teknoloġija tal- "aħjar fil-klassi" (bħat-teknoloġiji bl-aktar impatt limitat (iżda mhux b'impatt żero/baxx) fost dawk disponibbli bħalissa), u jiġu stabbiliti miżuri xierqa ta' akkumpanjament biex jiġu evitati l-effetti ta' intrappolament (miżuri li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji b'impatt baxx, jew l-iżvilupp tagħhom); jew — Ir-riżultati tal-proċess tar-R & Ihuma teknoloġikament newtrali fil-livell tal-applikazzjoni tagħhom

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										(jiġifieri jistgħu jiġu applikati fit- teknoloġiji kollha disponibbli).
220	Pjattaforma ta' riċerka għat-tranżizzjoni tal-enerġija (I-7.11)	M	Akkwist ta' tagħmir	Rapport Finali tal-Proġett				IT-TIENI TRIMESTR U TAL-4	2025	EUR 21 182 204 eżegwiti mat-tlestija tal-akkwist ta' tagħmir u l-EUR 2 353 578 li jifdal ġew ordnati.
221	Infrastruttura għall-importazzjoni tal-enerġija (I-7.12)	M	Għoti ta' kuntratti taħt is-sejħiet għal proġetti	Notifika bil-miktub lill-kandidati magħżula				IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2024	L-għoti ta' kuntratti lill-proġetti ta' dimostrazzjoni jew lill-proġetti ta' R & D magħżula taħt is-sejħiet għal proġetti dwar l-ottimizzazzjoni tal-infrastrutturi tal-importazzjoni għall-idroġenu jew l-elettriku.
222	Infrastruttura għall-importazzjoni tal-enerġija (I-7.12)	M	Tlestija ta' proġetti mogħtija taħt is-sejħiet għal proġetti	Rapport finali tal-proġett approvat				IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2026	Tlestija ta' proġetti mogħtija taħt is-sejħiet għal proġetti dwar l-ottimizzazzjoni tal-infrastrutturi tal-importazzjoni għall-idroġenu jew l-elettriku, b'mill-inqas EUR 12 000 000 eżegwiti.
223	Sejħa għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija (I-7-13)	M	Għoti ta' kuntratti taħt is-sejħa għal proġetti	Notifika bil-miktub lill-kandidati magħżula				IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2024	L-għoti ta' kuntratti lil proġetti, f'konformità mar-rekwiżit tad-DNSH speċifikat fid-deskrizzjoni tal-miżura, wara s-sejħa għal proġetti dwar l-effiċjenza enerġetika, dwar suġġetti bħall-ġestjoni tas-sħana industrijali, il-qbid u l-ħżin tal-karbonju (CCS) fejn is-CO2 maqbud jirriżulta minn emissjonijiet inevitabbli tal-proċess, il-bdil tal-fjuwil, il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, jew l-

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										istabbiliment ta' elementi industrijali għodda tal-katina tal-valur tat- teknoloġiji marbuta mat-tranżizzjoni ekoloġika, bħall-katina tal-valur tal- batteriji (fil-produzzjoni jew fil- għestjoni tal-materjali kritiċi) u l-katina tal-valur tal-idroġenu rinnovabbli jew mingħajr fjuwils fossili.
224	Sejħa għad- dekarbonizzazzj oni tal-industrija (I-7.13)	M	Tlestija ta' proġetti mogħtija taħt is- sejħa għal proġetti	Rapport finali tal- proġett approvat				IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2026	Tlestija ta' proġetti mogħtija taħt is- sejħa għal proġetti “Dekarbonizzazzjoni tal-industrija” b'mill-inqas EUR 64 000 000 eżegwiti.
225	Sejħa għal miżuri klimatiċi fl-agrikoltura (I- 7.14)	T	Tlestija ta' proġetti mogħtija taħt is- sejħa għal proposti		Għadd	0	270	IT-TIENI TRIMESTR U TAT-2	2026	It-tlestija ta' mill-inqas 270 proġett fl- agrikoltura dwar tekniki ta' ffrankar tal-enerġija, sħana ekoloġika jew enerġija rinnovabbli, immirati lejn it- tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

S.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Investiment I-7.15 “Sinsla għal H₂” tal-Istat Federali

Dan l-investiment jikkonsisti fl-iżvilupp ta' network tat-trasport tal-idroġenu, b'enfasi primarja fuq ir-raggruppamenti industrijali ewlenin ta' Flanders (Antwerp, Ghent), Wallonia (Hainaut, Liège) u Brussell. Il-proġetti li għandhom jiġu implimentati għandhom jiġu ddeterminati abbażi ta' validazzjoni tal-ħtiġijiet tas-suq, u għandhom jiffurmaw parti minn Proġett Importanti transfruntier u usa' ppjanat ta' Interess Ewropew Komuni (“IPCEI”) dwar l-idroġenu. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

S.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Daw k ta' wara n-b.	Miżura Relatata (Riforma jew Investimen t)	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
226	Is-sinsla għal H2 (I- 7.15)	M	Adozzjoni tal- pjan ta' investiment għall- infrastruttura ċentrali ta' H2	Adozzjoni tal- pjan ta' investiment “Sinsla għal H2” mill-Gvern Federali				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2023	L-adozzjoni mill-Gvern Federali tal-pjan ta' investiment “Sinsla għal H2” biex jiġu żviluppati l-ewwel raggruppamenti għall-proġetti ewlenin ta' H2, wara konsultazzjoni mal-korp regolatorju kompetenti (CREG). Il-pjan ta' investiment għandu jkun fih għażla proposta ta' proġetti, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin (<i>kundizzjonijiet tad-DNSH</i>): 1. Il-kostruzzjoni jew it-tħaddim ta' networks ġodda tat-trasport iddedikati għall-idroġenu (f'dan il-punt għandhom jaqgħu wkoll l-espansjoni tal-pipelines tal-idroġenu ddedikati eżistenti u l-bidliet li jsiru f'dawn il-pipelines biex jiġu żgurati aktar punti ta' konnessjoni u metodoloġija ta' aċċess miftuħ); 2. Konverżjoni/adattament mill-għdid tan-networks

Daw k ta' wara n-b.	Miżura Relatata (Riforma jew Investimen t)	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										eżistenti tal-gass naturali għal 100 % idroġenu.
227	Is-sinsla għal H2 (I- 7.15)	T	Kostruzzjoni u tħaddim ta' 150 km ta' pipeline għal H2		km	0	150	IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	Il-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' 150 km ta' pipeline għal H2 (jew realizzati permezz ta' adattament mill-ġdid ta' pipelines li s'issa kienu jintużaw għat-trasport ta' gassijiet oħra). Għandhom jiġu ssodisfati l- kundizzjonijiet li ġejjin (<i>kundizzjonijiet tad-DNSH</i>): 1. Il-kostruzzjoni jew it- tħaddim ta' networks ġodda tat-trasport iddedikati għall- idroġenu (f'dan il-punt għandhom jaqgħu wkoll l- espansjoni tal-pipelines tal- idroġenu ddedikati eżistenti u l-bidliet li jsiru f'dawn il- pipelines biex jiġu żgurati aktar punti ta' konnessjoni u metodoloġija ta' aċċess miftuħ); 2. Konverżjoni/adattament mill-ġdid tan-networks eżistenti tal-gass naturali għal 100 % idroġenu.

T. IL-KOMPONENT 7.3: L-ENERĠIJA RINNOVABBLI

L-oġġettiv ta' dan il-komponent huwa li jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi jappoġġa l-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli, jiżgura interkonnessjoni akbar, u flessibbiltà tas-sistema tal-elettriku, kif ukoll jaċċellera l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, il-miżuri taħt dan il-komponent għandhom jappoġġaw il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli permezz ta' investimenti b'mod partikolari fl-enerġija mir-riħ u mix-xemx lil hinn mill-kosta, u billi jirrifurmaw il-qafas regolatorju biex jistimulaw l-installazzjoni ta' turbini eoliċi u pannelli fotovoltajċi u jqassru ż-żmien meħud mill-proċedimenti legali relatati ma' proġetti ta' tranżizzjoni tal-enerġija.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż 2022.4 u 2023.4, filwaqt li jistieden lill-Belġju jnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi *"jaċċellera l-użu tal-enerġiji rinnovabbli u l-infrastruttura tal-grilja relatata billi jkompli jissimplifika l-proċeduri għall-ġhoti ta' permessi, inkluż billi jnaqqas it-tul tal-proċeduri ta' appell, u billi jadotta oqfsa legali biex ikompli jagħti spinta lill-investimenti fl-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u jiffaċilita l-kondiviżjoni tal-enerġija."*

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

T.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Ir-riforma R-7.02: "Riforma tal-proċeduri ta' appell tal-Kunsill tal-Istat" tal-Istat Federali

Din ir-riforma tal-Kunsill tal-Istat tikkonsisti fi (1) it-tnaqqis taż-żmien meħud biex jiġu ttrattati l-proċeduri ta' appell relatati ma' deċiżjonijiet dwar investimenti fl-enerġija u proġetti tal-enerġija rinnovabbli (sa fejn il-Kunsill tal-Istat huwa l-korp kompetenti), (2) l-ġhoti ta' prijorità għat-trattament tal-fajls tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Din il-miżura għandha l-għan li żżid is-sehem u taċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-Belġju billi tneħħi l-ostakli amministrattivi marbuta mal-proċeduri ta' appell fil-proċess tal-eżekuzzjoni tal-investimenti fl-enerġija rinnovabbli. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2024.

Ir-riforma R-7.03: "Obbligu tal-PV għal konsumaturi kbar" tar-Reġjun Fjamming

Din ir-riforma tintroduċi obbligu li jiġu installati pannelli fotovoltajċi solari għal bini privat li jinsab fi Flanders li huwa konness ma' punti ta' ħruġ tal-elettriku fejn, mis-sena kalendarja 2021, ikun hemm offtake ta' aktar minn 1 GWh fis-sena u l-binjiet ta' organizzazzjonijiet pubbliċi li jinsabu fil-Fjandri li huma konnessi ma' punti ta' ħruġ tal-elettriku fejn, mis-sena kalendarja 2021, ikun hemm ħruġ ta' aktar minn 250 MWh fis-sena. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2023.

Ir-riforma R-7.04: "L-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija" tar-Reġjun ta' Wallonia

Din ir-riforma tikkonsisti fit-tqassir tal-proċeduri tal-permessi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u b'mod aktar ġenerali, fl-iffaċilitar tal-iżvilupp ta' tali proġetti billi: (1) ir-riforma tal-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura, (2) ir-reviżjoni tal-Qafas ta' Referenza tar-Riħ tal-2013, (3) ir-reviżjoni tal-qafas ta' żvilupp u ta' permessi għall-enerġija rinnovabbli, (4) il-projbizzjoni tal-faħam u taż-żejt għat-tisħin u l-ilma sħun domestiku fil-bini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment I-7.16: "Solari galleġġanti" tal-Istat Federali

Dan l-investment jikkonsisti fl-R & D li javvanza l-fattibbiltà teknika, ekonomika u finanzjarja ta' pannelli solari galleġġanti fil-Baħar tat-Tramuntana u jżid il-livell ta' tħejjija teknoloġika ta' dik it-teknoloġija minn erbgħa għal sebgħa (fuq skala ta' disa' livelli), u b'riżultat ta' dan għandu jwassal

għall-installazzjoni u t-tħaddim ta' dimostratur ta' pannelli solari galleġġanti fuq skala sħiħa installat u operazzjonali b'kapaċità ta' bejn 1 u 5 MW. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment I- 7.17: “Ottimizzazzjoni tad-distribuzzjoni tal-enerġija” tar-Reġjun ta' Wallonia

Dan l-investiment jikkonsisti fl-ġhoti ta' sussidji liż-żewġ operaturi ewlenin tan-network tal-elettriku fir-reġjun ta' Wallonia (ORES u RESA) biex il-grilji jsiru aktar intelliġenti u jimplimentaw it-tisħiħ tan-network. Is-sussidji mogħtija lil kull wieħed mill-operaturi għandhom ikunu proporzjonali għas-sehem tagħhom fl-għadd globali ta' utenti tan-network. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-7.18: “Inizjattivi innovattivi għall-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli” tar-Reġjun Fjamming

Din il-miżura tikkonsisti fl-ġhoti ta' sussidji lil kumpaniji li jinvestu f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp relatati mal-produzzjoni ta' teknoloġiji innovattivi fil-qasam tal-enerġija solari (ċelloli fotovoltajċi, sistemi termali solari, ħżin tal-enerġija u inkorporazzjoni fi grilji tal-enerġija (elettriċi jew termali)), kif ukoll lil kumpaniji li jinvestu fl-elettrifikazzjoni tal-infrastruttura tal-portijiet fi Flanders (elettriku mix-xatt). Għal dan l-għan, għandha titnieda sejħa għal proġetti, li timmira lejn proġetti f'dawn iż-żewġ oqsma. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-7.19: “It-tneħħija tal-ostakli għall-enerġija rinnovabbli” tal-Istat Federali

Din il-miżura timmira lejn it-tnaqqis tar-restrizzjonijiet fil-viċinat tal-ajruporti (eż. id-distanza mir-radars, ir-restrizzjonijiet tal-ġholi, iż-żona u l-post taż-żoni ta' esklużjoni) imposti mis-servizzi ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru fuq il-bini ta' turbini eoliċi, bil-ħsieb li jiżdied is-sehem u jitħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Din il-miżura tikkonsisti fir-razzjonalizzazzjoni tas-sistemi tan-navigazzjoni bl-ajru, l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u l-ottimizzazzjoni tal-proċeduri operazzjonali, li għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis taż-żoni ta' protezzjoni madwar l-ajruporti, u b'hekk jilliberaw spazju addizzjonali għall-kostruzzjoni ta' parks eoliċi ġodda, u b'hekk iżidu s-sehem u jaċċelleraw l-użu tal-enerġija rinnovabbli. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

T.2 L-istadji importanti, il-miri, l-indikaturi, u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	M/ T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
228	Proċedura ta' appell lill-Kunsill tal-Istat (IR-7.02)	M	Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tqassar il-proċeduri għall-kisba tal-permessi għall-enerġija rinnovabbli				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2024	(1) Dħul fis-seħħ tal-liġi li tirrifirma l-proċeduri ta' appell kontra deċiżjonijiet relatati ma' installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli u investimenti fl-enerġija quddiem id-Diviżjoni tat-Tilwim Amministrattiv tal-Kunsill tal-Istat. Din il-liġi għandha l-għan li tqassar il-proċeduri għall-kisba tal-permessi għall-enerġija rinnovabbli, billi • it-tneħħija tal-ordni ta' intervent proviżorju, • il-limitazzjoni taż-żmien li fih l-awditi jissottometti r-rapport tiegħu dwar il-każ għal 6-il xahar, • l-emendar tal-proċeduri ta' sospensjoni, • l-għoti ta' prijorità lil każijiet ta' tranżizzjoni tal-enerġija, • it-tnaqqis taż-żmien li jittieħed biex jiġu ttrattati l-proċedimenti quddiem it-Taqsima tat-Tilwim Amministrattiv u • it-tnaqqis taż-żmien meħud biex tiġi ttrattata azzjoni ordinarja għal annullament, ħlief jekk iseħħ inċident proċedurali. (2) Dħul fis-seħħ tad-Digriet Irjali li

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
										- jagħti trattament prijoritarju lill-appelli li jikkonċernaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli u l-fajls tat-tranżizzjoni tal-enerġija, - tistabbilixxi għodod biex tipprijoritizza t-trattament tal-każijiet, l-organizzazzjoni interna u t-tisħiħ tal-kmamar jew tat-taqsimiet biex tiżgura trattament aktar rapidu tal-proċeduri għat-trattament ta' każijiet ta' tranżizzjoni tal-enerġija, - tnaqqas iż-żmien li jittieħed biex jiġu ttrattati l-appelli f'dawn il-kawżi għal 15-il xahar (ħlief fil-każ ta' inċidenti proċedurali).
229	Obbligu tal-PV għal konsumaturi kbar (IR-7.03)	M	Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni	Dispożizzjoni fl-att legali li tindika d-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet li jintroduċu l-obbligu li jiġu installati pannelli solari għal ċertu bini				IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2023	Dħul fis-seħħ tad-digriet li jintroduċi obbligu li jiġu installati pannelli solari fotovoltajċi għal: (1) bini li jinsab fil-Fjandri li huwa konness ma' punti tat-tluq tal-elettriku fejn, mis-sena kalendarja 2021, ikun hemm offtake ta' aktar minn 1 GWh fis-sena u (2) il-binjiet ta' organizzazzjonijiet pubbliċi li jinsabu fil-Fjandri li huma konnessi ma' punti tat-tluq tal-elettriku fejn, mis-sena kalendarja 2021, ikun hemm offtake ta' aktar minn 250 MWh fis-sena.
230	Aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni	M	Dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet				IT-TIENI TRIME	2024	(1) Id-dħul fis-seħħ tar-riforma tal-Att dwar il-Konservazzjoni tan-Natura, li jissimplifika l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-impatt ta' proġetti ta' faċilitajiet tal-ġenerazzjoni tal-

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	M/ T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
	tal-enerġija (IR-7.04)			li jirrevedu l-Att dwar il- Konservazzjoni tan-Natura u l- Qafas ta' Referenza għall- Enerġija mir-Riħ rivedut				STRU TAL-4		enerġija minn sorsi rinnovabbli fuq il- bijodiversità f'żoni li għandhom jiġu definiti bħala “żoni ta' aċċelerazzjoni għall-enerġija rinnovabbli”. (2) Id-dħul fis-seħħ tal-Qafas ta' Referenza rivedut dwar l-Enerġija mir-Riħ, bil-ħsieb li jitnaqqax l-interess pubbliku prevalenti fl- enerġija rinnovabbli; l-adattament tad-distanza mill-arbli għall-habitats, il-modulazzjoni tal- obbligu li jiġi installat għadd minimu ta' arbli; l-adattament tal-ambizzjonijiet tal- installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli għall- aħjar teknoloġiji disponibbli.
231	Aċċellerazzjon i tat- tranżizzjoni tal-enerġija (IR-7.04)	M	Dħul fis-seħħ tal- leġislazzjoni	Dispożizzjoni fil- liġi li tindika d- dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet li jipprojbixxu l- faħam u ż-żejt kombustibbli għat-tisħin				IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2025	Id-dħul fis-seħħ tar-reviżjoni tad-digriet tal- gvern tal-Wallonja dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, li jipprojbixxi l-faħam u ż- żejt kombustibbli għat-tisħin u l-ilma sħun domestiku f'binj ġdid mill-1 ta' Marzu 2025 u fil-bini eżistenti mill-1 ta' Jannar 2026.

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	M/ T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
232	Solari li jżommu f'wiċċ l-ilma (I-7.16)	M	Operazzjonali ta' dimostratur fuq skala sħiħa	Installazzjoni u operazzjonalizzaz zjoni				IT- TIENI TRIME STRU TAL-4	2025	Dimostratur ta' pannelli solari galleġġanti fuq skala sħiħa installat u operattiv b'kapaċità ta' bejn 1 u 5 MW.
233	Ottimizzazzjon i tad- distribuzzjoni tal-enerġija (I- 7.17)	M	Għoti ta' sussidji liż- żewġ operaturi ewlenin tan- network tal- elettriku fir- Reġjun tal- Vallonja	Notifika bil- miktub ta' għotjiet ta' sussidju mill- gvern tal-Vallonja				IT- TIENI TRIME STRU TAL-1	2024	L-għoti ta' sussidji liż-żewġ operaturi ewlenin tan-network tal-elettriku fir-Reġjun ta' Wallonia (proporzjonali għas-sehem tagħhom fl-għadd globali ta' utenti tan-network) fid- dawl tal-installazzjoni ta' miters intelliġenti, l- użu ta' soluzzjonijiet tal-IT għall-ġestjoni tal- grilja intelliġenti jew l-implimentazzjoni ta' investimenti għat-tisħiħ tan-network.
234	Ottimizzazzjon i tad- distribuzzjoni tal-enerġija (I- 7.17)	M	Tlestija tal- proġetti	Rapport finali tal- proġett approvat				IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2026	It-tlestija tal-installazzjoni ta' miters intelliġenti, kif ukoll l-użu ta' soluzzjonijiet tal-IT għall-ġestjoni ta' grilji intelliġenti jew investimenti ta' tisħiħ tan-network b'mill-inqas EUR 68 400 000 ġew eżegwiti.
235	Sejħa għal inizjattivi innovattivi għall- produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (I- 7.18)	M	Għoti ta' kuntratti taħt is-sejħiet għal proġetti	Notifika bil- miktub tal-għoti tal-kuntratti lill- kandidati magħżula				IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2024	L-għoti ta' kuntratti għall-proġetti mmirati lejn investimenti fl-enerġija mix-xatt u r-riċerka u l-iżvilupp għal inizjattivi ta' produzzjoni tal- enerġija solari, magħżula permezz ta' sejħa għal proġetti.
236	Sejħa għal inizjattivi innovattivi	M	Tlestija tal- proġetti	Proġetti magħżula li tlestew u li				IT- TIENI TRIME	2026	Proġetti magħżula permezz ta' sejħa għal proġetti u investimenti korrispondenti fl- enerġija mix-xatt u r-riċerka u l-iżvilupp għal

Num ru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	M/ T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestr u	Snin	
	għall- produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (I- 7.18)			huma operazzjonali				STRU TAT-2		inizjattivi ta' produzzjoni tal-enerġija solari tlestew.
237	It-tneħħija tal- ostakli għall- enerġija rinnovabbli (I- 7.19)	M	Tlestija tal- proġetti	Tlestija ta' proġetti minn Skeyes u Difiża				IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2026	L-akkwist u l-installazzjoni ta' radars ta' 4 banda X mid-Difiża u t-teknoloġija l-għdida ta' sorveljanza — 40 unitajiet ta' Multilaterazzjoni f'Żona Wiesgħa (WAM) minn Skeyes.
238	It-tneħħija tal- ostakli għall- enerġija rinnovabbli (I- 7.19)	M	Dħul fis-seħħ tar-regolament	Dispożizzjoni fil- liġi li tindika d- dħul fis-seħħ tar- regolament				IT- TIENI TRIME STRU TAT-2	2026	Id-dħul fis-seħħ ta' regolament għdid li jnaqqas ir-restrizzjonijiet mill-kontroll tat-traffiku tal- ajru ċivili u militari madwar l-ajruporti fuq il- bini ta' turbini eoliċi.

T.3. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti tas-self

Investiment I-7.20: “Gżira tal-enerġija lil hinn mill-kosta” tal-Istat Federali

Din il-miżura ta’ investiment għandha l-għan li tiżviluppa ċentru tal-enerġija lil hinn mill-kosta (“gżira tal-enerġija”) fil-parti Belġjana tal-Baħar tat-Tramuntana. It-tweqqif ta’ dan iċ-ċentru tal-enerġija għandu żewġ objettivi ewlenin. L-ewwel nett, għandha tippermetti l-konnessjoni ta’ mill-inqas 3.15 GW ta’ enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta futura mal-grilja tal-elettriku fuq l-art. It-tieni, għandha tiffaċilita l-integrazzjoni u l-importazzjoni ta’ aktar enerġija rinnovabbli fil-Baħar tat-Tramuntana u madwaru billi tikkollega ma’ pajjiżi jew reġjuni oħra. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta’ Ġunju 2026.

T.4. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għas-self

Num ru ta' NB	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadju importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat- tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għa n	Ir-raba' trimestr u	Snin	
239	Gżira tal-enerġija lil hinn mill-kosta (I-7.20)	M	Finalizzazzjoni tal-FEED u tal-istudji ambjentali	Pubblikazzjoni ta' FEED u studji ambjentali				IT-TIENI TRIMES TRU TAL-4	2022	Finalizzazzjoni tal-FEED (Disinn tal-inġinerija ta' quddiem) u studji ambjentali għall-miżura "Gżira tal-enerġija lil hinn mill-kosta".
240	Gżira tal-enerġija lil hinn mill-kosta (I-1.7.20)	M	Permessi ambjentali għal gżira tal-enerġija miksuba	Permessi ambjentali għal gżira tal-enerġija miksuba				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-3	2023	Permessi ambjentali miksuba mill-Operatur tas-Sistema ta' Trażmissjoni għal gżira tal-enerġija fil-Baħar tat-Tramuntana, li jinkludu ħames ettari ta' permessi utli tal-wiċċ u ambjentali għall-użu ta' kejbils ta' konnessjoni lil hinn mill-kosta bejn ix-xatt u l-gżira tal-enerġija.
241	Gżira tal-enerġija lil hinn mill-kosta (I-7.20)	M	Tlestija ta' xogħlijiet relatati mal-gżira tal-enerġija	Tlestija tax-xogħlijiet				IT-TIENI TRIMES TRU TAT-2	2026	It-tlestija tax-xogħlijiet relatati mal-gżira tal-enerġija, li jinkludu ħames ettari ta' superfiċje utli u lesti għal kejbils ta' konnessjoni lil hinn mill-kosta bejn ix-xatt u l-gżira tal-enerġija. Il-gżira għandha tippermetti konnessjoni ta' interkonnessjoni futura ma' pajjiż (i) ieħor (oħra).

U. IL-KOMPONENT 7.4: GĦAT-TAGĦLIM

Il-miżuri proposti taħt dan il-komponent tal-pjan Belġjan għall-irkupru u r-reżiljenza għandhom l-għan li jappoġġaw it-trasport bit-triq b'emissjonijiet baxxi u jappoġġaw il-bidla modali billi jinvestu fil-ferroviji.

Il-komponent jikkontribwixxi għall-indirizzar tar-Rakkomandazzjoni Speċifika għall-Pajjiż 2022.4 u 2023.4 biex *titnaqqas id-dipendenza ġenerali fuq il-fjuwils fossili billi jippromwovi l-użu u l-provvista tat-trasport pubbliku kif ukoll il-mobbiltà mhux motorizzata*.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

U.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Investiment I-7.21: “Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — RBC” tar-Reġjun ta’ Brussell Kapitali

Din il-miżura kienet parti mill-investiment I-3.17: “Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — RBC”, taħt il-komponent 3.3: Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq. Il-miżura tikkonsisti fl-akkwist ta' karozzi tal-linja elettriċi addizzjonali: 23 M3 artikolati mal-art baxxa u 24 xarabank tal-elettriku standard. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-7.22: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — FED” tal-Istat Federali

Din il-miżura kienet parti mill-investiment I-3.18: “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — FED”, taħt il-komponent 3.3: Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport bit-Triq. L-investiment għandu jippermetti l-użu ta' 1 stazzjon tal-iċċarġjar bidirezzjonali għall-karozzi elettriċi, wara r-reviżjoni tal-inċentiv tat-taxxa msemmi fl-investiment I-832–3 “Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — FED” biex jinkludi t-tnaqqis tal-kostijiet ta' dawn l-istazzjonijiet tal-iċċarġjar bidirezzjonali. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-7.23: “Dawl LED pubbliku” tar-Reġjun Fjamming

Dan l-investiment jikkonsisti fis-sostituzzjoni ta' luminarji qodma (mgħammra b'lampi tas-sodju bi pressjoni għolja u baxxa) b'luminarji LED fuq l-awtostradi u fil-mini fir-Reġjun Fjamming. Dan l-investiment jinkludi l-installazzjoni ta' 18 unità tat-tidwil LED fuq l-awtostradi u 500 4 ta' luminarji LED f'ħames mini. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

Investiment I-7.24: “Ferrovija — network effiċjenti” tal-Istat Federali

Din il-miżura kienet parti mill-investiment I-3.10: “Il-ferroviji — network effiċjenti” tal-Istat Federali, taħt il-komponent 3.2: Trasport modali. Il-miżura tikkonsisti fl-elettrifikazzjoni tal-linja ferrovjarja 11. L-implimentazzjoni tal-miżura għandha titlesta sat-30 ta' Ġunju 2026.

U.2 Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għal appoġġ finanzjarju li ma jitħallasx lura

Numru ta' NB.	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	M/T	L-isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien indikattiva għat-tlestija		Deskrizzjoni ta' kull objettiv intermedju u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Għan	Ir-raba' trimestru	Snin	
242	L-ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-linja — BCR (I-7.21)	T	Karozzi tal-linja elettriċi fis-servizz		Għadd	33	80	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	23 M3 xarabanks elettriċi artkolati mal-art baxxa u 24 xarabank tal-elettriku standard jiġu kkonsenjati u mqiegħda fis-servizz.
243	Stazzjonijiet tal-iċċarġjar — FED (I-7.22)	T	Skjerament ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar bidirezzjonali		Għadd	0	1 832	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	L-użu ta' 1 stazzjon tal-iċċarġjar bidirezzjonali.
244	Dawl LED pubbliku — VLA (I-7.23)	T	Dawl LED installat		Għadd	0	22 750	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	18 lampa LED installati fuq l-awtostradi u 500 lampa LED installati f'ħames mini.
245	Network effiċjenti tal-ferroviji — FED (I-7.24)	T	L-elettrifikazzjoni tal-linji ferrovjarji		Numru (jew km)	0	13	IT-TIENI TRIMESTRU TAT-2	2026	Elettrifikazzjoni ta' 13 km ta' linja ferrovjarja (fiż-żewġ direzzjonijiet) fil-linja 11 lesta.

V. L-AWDITJAR U L-KONTROLL

V.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Sistema ta' repożitorju għar-reġistrazzjoni u l-ħżin tad-data rilevanti kollha relatata mal-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza — il-kisba tal-istadji importanti u l-miri, id-data dwar ir-riċevitur finali, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u s-sidien benefiċjarji — għandha tkun operazzjonali qabel ma tiġi ppreżentata l-ewwel talba għall-pagament. Il-Belġju għandu jissottometti rapport tal-awditjar iddedikat qabel l-ewwel talba għall-pagament li jikkonferma l-effettività tal-funzjonalitajiet tas-sistema tar-repożitorju.

Barra minn hekk, kif ukoll qabel ma jagħmel l-ewwel talba għal pagament taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, il-Belġju se jiżgura li l-implimentazzjoni ta' arranġamenti ta' koordinazzjoni adegwati, inkluż kontroverifiki, għandha tiġi stabbilita fil-livell tal-korp ta' koordinazzjoni fil-livell interfederali li jippermetti li jiġi evitat finanzjament doppju mill-Faċilità u minn programmi oħra tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba.

